# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2024**
**Numru 15**

**Rikors maħluf numru 1398/2023**

**Onor Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista Bernard Grech u Onor. Adrian Delia**

***v.***

**Avukat tal-Istat u b'dikriet tal-15 ta' Frar 2024 tħallew jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis* il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Kabinett ta' Malta**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn żewġ dikrieti, wieħed tal-15 ta' Mejju 2024 u l-ieħor tas-27 ta' Mejju 2024, u minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju 2024 li ċaħdet it-talbiet tagħhom għal dikjarazzjoni illi l-Avukat tal-Istat għandu s-setgħa u d-dmir illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ "jieħu l-passi neċessarji u opportuni skont il-liġi sabiex

l-Istat Malti jirkupra d-dannu" li ġarrab bi ħtija ta' terzi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2023 fil-kawża fl-ismijiet Onor. Kap tal-Oppożizzjonj *v.* Onor Prim'Ministru *et* (rik. 133/2018) il-Qorti tal-Appell sabet illi funzjonarji għolja tal-gvern imxew b'kollużjoni ma' terzi – *Vitals Global Healthcare Assets Limited*, *Vitals Global Healthcare Limited* u *Vitals Global Healthcare Management Limited*, illum *Steward Malta Assets Limited, Steward Malta Limited* u *Steward Malta Management Limited* – b'għemil doluż bi ħsara għall-Istat Malti. Sabet ukoll illi dawk il-funzjonarji, għalkemm kellhom id-dmir li jħarsu l-interessi tal-pajjiż, naqsu milli jħarsu dawk l-interessi biex ħarsu interessi oħra.

3. L-atturi igħidu illi, fid-dawl ta' dan, l-Avukat tal-Istat, li għandu s-setgħa u d-dmir li jħares lill-istat kontra dan l-abbuż, għandu jmexxi "b'azzjoni ċivili ġudizzjarja *ai termini* tal-artikolu 1051A *et seq*. [tal-Kodiċi Ċivili] … sabiex jittutela l-proprjetà pubblika, speċifikament, il-fondi pubbliċi misjuba misruqa u frodati mill-ogħla uffiċjali tal-Gvern Malti, sabiex kull min ikkontribwixxa direttament jew indirettament u inġurja gravament l-istat b'għemil doluż, fradwolenti u kolluživ ipperpetrat, jinstab huwa / huma responsabbli personalment u *in solidum* għad-dannu li għamlu in konfront tal-Istat Malti u sabiex jirrifondu lill-Istat Malti dak id-dannu subit *ossia* l-flus imħallsa indebitament b'għemil doluż u in kollużjoni ma' terzi".

4. Igħidu wkoll illi l-Avukat tal-Istat, bis-setgħa li jagħtih l-art. 91A(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], ma jeħtieġ ebda awtorizzazzjoni tal-gvern sabiex imexxi kif ingħad fuq kontra min, għax wettaq att ta'

korruzzjoni kif imfisser fl-art. 1051A tal-Kodiċi Ċivili, huwa "personalment u solidalment responsabbli għad-dannu subit".

5. Billi għalxejn sejħu lill-Avukat tal-Istat bi protest ġudizzjarju tal-1 ta' Novembru 2023 biex imexxi kif ingħad fuq, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi l-Avukat tal-Istat *ai termini* tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għandu s-setgħa u dmir illi jaġixxi indipendentement minn kull direzzjoni governattiva u għandu jaġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-azzjoni tal-istat fil-ġudizzju individwali tiegħu u għalhekk ma għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra u dan għaliex għandu jaġixxi *motu proprio*;
>
> »2. tiddikjara … illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 fil-kawża rikors maħluf numru 133/18 … l-istess Avukat tal-Istat jista' jaġixxi kontra l-ogħla esponenti involuti fil-Gvern Malti preżenti u / jew passati li aġixxew b'għemil doluż, frawdolenti u kolluživ ma' terzi, kontra l-interess tal-Istat Malti, kif misjub *ai termini* tal-istess sentenza final;
>
> »3. tiddikjara … illi din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 … hija biżżejjed awtorizzazjoni sabiex l-istess Avukat tal-Istat jieħu l-passi necessarji u opportuni skont il-liġi sabiex l-Istat Malti jirkupra d-dannu soffert minnu minħabba l-aġir doluz, frawdolenti u kolluživ tal-istess esponenti tal-Gvern Malti preżenti u / jew passati u dan fil-kwalità tagħhom personali u solidali bejniethom, u dan kif jistipula l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili], peress li din it-tali sentenza ġiet mogħtija minn organu tal-istat hekk adebit mill-liġi.
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

6. L-Avukat tal-Istat wieġeb fit-3 ta' Jannar 2012. L-intervenuti fil-kawża, wara li tħallew jidħlu fil-kawża b'dikriet tal-15 ta' Frar 2024, u ngħataw fakoltà li huma wkoll iwieġbu, għalkemm l-intervent kien *in statu et terminis* u l-proċeduri bil-miktub kienu ġà ngħalqu, ippreżentaw it-tweġiba tagħhom fl-1 ta' Marzu 2024.

7. Waqt is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel qorti, l-atturi, b'rikors tat-8 ta' Mejju 2024, talbu illi l-qorti tawtorizzahom "iħarrku lir-Registratur tal-Qorti

Kriminali sabiex jippreżenta kopji tal-*attachment and investigation order* li nħareg mill-Qorti Kriminali fuq ordni tal-Onorevoli Mħallef Dottor Edwina Grima kif ukoll kopji tal-atti ta' akkużi maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja kontra diversi persuni fl-atti tal-kumpilazzjoni 380/2024 u 382/2024 quddiem l-Onorevoli Maġistrat Dottor Rachel Montebello".

8. B'digriet tal-15 ta' Mejju 2024 l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-qorti tosserva li fis-seduta tallum l-intervenjenti fil-kawża rreġistraw li m'għandhomx oġġezzjoni għall-produzzjoni tad-dokumenti mentri l-Avukat tal-Istat baqa' joġġezzjona. Fid-dawl kemm ta' din l-oġġezzjoni u tal-prinċipji involuti l-qorti għalhekk ser ikollha tgħaddi biex tipprovdi dwar it-talbiet fir-rikors.
>
> »Sewwa jgħidu l-atturi li l-atti ġudizzjarji in kwistjoni qegħdin ikunu mperrċa fil-*media*. Din ma hija ħaġa xejn sewwa, għaliex ma tawgurax li ssir ġustizzja serena bit-tniġġis li jsir b'kummenti li ma humiex f'lok-hom, l-aktar l-aktar meta dawn jaqgħu f'idejn nies li, kuntrarjament għal dak li trid il-qorti, ikollhom aġenda oskura u moħbija.
>
> »Il-qorti ħasset li kellha tagħmel dan il-kumment għaliex hija tassew immeraviljata bl-insensittività u nuqqas ta' biża' ta' min joħroġħom. Dan qiegħed jingħad għaliex min jinqabad irid jaffaċċja proċeduri li jista' jkollhom konsegwenzi koroh. *Di più* l-qorti ma tistax tifhem kif sal-lum għadu ma ġiex skopert min huwa responsabbli għal dan it-tperriċ illegali, meta ċ-ċirku ta' nies li jkollhom aċċess għall-informazzjoni x'aktarx ikun wieħed żgħir.
>
> »Il-qorti tfakkar li fl-aħħar seduta, anke jekk mhux reġistrat, kienet wissiet li ma jaqbel għal ħadd li jqiegħed il-manetti ma' idejh b'mod kategoriku. Il-qorti qalet dawn il-kliem minħabba li anke waqt l-istess seduta ssollevat li fil-*media* diġà tperrċet xi informazzjoni rigward il-fatt li kemm il-*freezing order* u anke l-fatt li ħarġu xi akkużi fil-konfront ta' terzi.
>
> »Għalhekk fl-istess seduta l-atturi kienu diġà konsapevoli b'dan l-iżvillupp; b'dan kollu għażlu li jiddikjaraw li għalqu l-provi tagħhom u dan meta min-naħa tagħhom sa mill-bidu ta' din il-kawża, kif ġusta-ment għandu jkun, riedu li din il-kawża tiġi deċiża b'ħeġġa u ċelerità. Ħaġa li din il-qorti fehmet u li qed tagħmel minn kollox sabiex dan iseħħ.
>
> »Kwantu għall-mertu tar-rikors din il-qorti tara li din il-kwistjoni hija regolata minn artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali li fost oħrajn jiddisponi hekk:

> »"L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom, mingħajr permess speċjali tal-qorti, ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ, jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu:
>
> »"Iżda proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u bil-ħlas ta' dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont l-artikolu 695".

»Din il-parti tal-liġi hija maħsuba li tintuża b'ċirkospezzjoni dwar il-pubbliċità ta' atti bħal dawn għaliex *in ballo* hemm id-drittijiet kostituzzjonali ta' imputat (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta *v.* George Degiorgio, Alfred Degiorgio, Vincent Muscat tat-30 ta' Ottubru 2020). Skond din il-qorti din iċ-ċirkospezzjoni hija aktar aċċentwata meta dak li jkun qiegħed jintalab ikun jirrigwarda terzi li ma jkunux parti fil-proċedura fejn tkun qed issir it-talba.

»Huwa għalhekk li l-artikolu 518 jiddisponi li dak li qed jintalab irid isir bil-permess speċjali tal-qorti u r-referenza ma hiex għal din il-qorti, iżda għall-qorti fil-kompetenza kriminali tagħha għaliex ħadd daqsha ma jaf jekk għandux jinagħata dak il-permess.

»Hija dik il-qorti li għandha l-kontroll ta' dawk il-proċeduri u hija dik il-qorti li trid tqis jekk ikunx fl-aħjar interess tal-amminstrazzjoni tal-ġustizzja jekk dawk l-atti jiġux rilaxxati lil qorti oħra f'kompetenza ċivili tagħha.

»Issa din il-qorti hija fl-għama dwar l-andament ta' dawk il-proċeduri daqs kemm huma l-partijiet f'din il-kawża. Salv għall-informazzjoni illeċita li ġiet imperrċa fil-*media*, u kwindi ma hiex f'posizzjoni li tagħmel valutazzjoni korretta mingħajr ma tkun qed tieħu r-riskju li tippreġudika dawk il-proċeduri. Preġudizzju jista' jkun mhux biss għad-drittijiet ta' terzi iżda tal-proċess kollu, fid-dawl ta' azzjonijiet Kostituzzjonali abbażi tal-prinċipju ta' *pre-trial prejudice* (ara sentenza Vella u Arrigo *v.* Prim Ministru).

»L-istanzi fejn il-liġi tippermetti l-produzzjoni ta' dawn l-atti mingħajr il-ħtieġa tal-permess speċjali tal-qorti huma limitati ħafna, fost oħrajn artikolu 550A(5) fejn "Il-Maġistrat jista', fuq talba magħmula mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, fuq bażi ta' każ b'każ u fejn l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-prevenżjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-*money laundering*, reati predikati assoċjati, u ffinanzjar ta' terroriżmu, jagħti aċċess għall-atti tal-kawża tal-inkjesta u għad-dokumenti u oġġetti materjali kollha esibiti waqt l-inkjesta, inklużi r-rapporti tal-esperti u x-xhieda". Iżda anke hawn, it-talba trid issir lill-maġistrat u mhux lil din il-qorti u f'kull każ lanqas ma tingħata kopja iżda biss aċċess għall-atti. Indikazzjoni ta' kemm hija ġeluża l-ġustizzja li jintlaħaq is-sewwa f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

»Tajjeb ukoll li jiġi rilevat li qabel l-emendi għal dan l-artikolu li ġew fis-seħħ permezz tal-Att XIII tal-1980, il-prinċipju kien fis-sens li l-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jintwerewx u lanqas ma

jiġu rilaxxjati kopji jekk mhux bil-permess tal-qorti. Dan għajr għall-partijiet fil-kawża u lill-avukat tagħhom.

»Bl-emendi msemmija ġiet introdotta d-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jista' fejn jidhirlu xieraq jagħti kopji tal-*procès verb*al u tax-xhieda u tad-dokumenti mdaħħlin fih. Fid-dibattitu tal-Kamra tad-Deputati tas-seduta numru 379 tas-7 ta' April 1980, ġie eluċidat li l-ħsieb wara l-emendi, jiġifieri li ma tinħariġx informazzjoni intempestivament, huwa maħsub li ma jiġix ikkawżat preġudizzju lill-prosekuzzjonijiet. Il-qorti tifhem li kemm id-drittijiet tal-prosekuzzjoni u anke tal-akkużat għandhom ikunu mħarsa (ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Novembru 2019 fl-ismijiet Av. Larry Formosa *noe v.* Avukat Ġenerali).

»Il-qorti qieset ukoll li l-atturi għamlu din it-talba lil din il-qorti meta skond il-*proviso* tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali din it-talba setgħu għamluha lill-Avukat Ġenerali. Jekk dan imbagħad juża d-diskrezzjoni ħażina [*rectius*, juża ħażin id-diskrezzjoni] li tafdalu lliġi allura jistgħu dejjem jinvokaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom (ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet Onor. Adrian Delia bħala Kap tal-Oppożizzjoni u bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista *v.* L-Avukat Ġenerali).

»Fl-aħħar nett, il-qorti ma tistax ma tiħux konsiderazzjoni tat-talbiet fir-rikors odjern fid-dawl tat-talbiet fir-rikors ġuramentat. Dak li qegħdin jitolbu l-atturi huwa kjarament punt ta' liġi li jista' jiġi riassunt fis-segwenti:

»Li l-konvenut Avukat tal-Istat għandu d-dmir skond artikolu 91A tal-Kostituzzjoni li jaġixxi indipendentement minn kull direzzjoni governattiva u li għandu hekk jaġixxi kontra l-ogħla esponenti fil-Gvern u dan wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 (rikors numru 133/18) għaliex ukoll din is-sentenza tammonta għal awtorizazzjoni biex il-konvenut Avukat tal-Istat hekk jaġixxi.

»Dan ifisser li ma humiex jitolbu lil din il-qorti biex tindaga jekk il-konvenut Avukat tal-Istat qediex il-funzjonijiet tiegħu skont il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra kif irid l-artikolu 124(10) tal-Kostituzzjoni iżda li effettivament din il-qorti tordnalu jaġixxi fid-dawl ta' dik is-sentenza.

»Ifisser ukoll li din il-qorti trid tqis l-istat tal-affarijiet kif kienu dakinhar li ġiet prolatata dik is-sentenza u mhux *ex post facto* bl-okkorrenza ta' eventi li seħħew wara d-data ta' dik is-sentenza.

»Din il-qorti onestament ma tistax tara dak li qiegħed jintalab fir-rikors ġuramentat għandu rilevanza ma' dak li qiegħed ikun mitlub fir-rikors odjern. Il-qorti tosserva li tant dak li huwa in dibattitu f'din il-kawża huwa punt ta' liġi, ammess li jinteressa mill-qrib l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kontabbilità politika f'soċjetà demokratika, li, kważi kważi, il-kawża setgħet tħalliet għas-sentenza wara sottomissjonijiet mill-partijiet fuq dawn il-punti ta' liġi. Osservazzjoni li saret anke mill-abbli difensuri tal-atturi waqt is-smigħ tal-aħħar seduta.

»Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qed tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.«

9. Waqt is-seduta tas-27 ta' Mejju 2024 quddiem l-ewwel qorti l-avukat tal-atturi f'isimhom iddikjara illi:

»jagħmel referenza għall-publikazzjoni fil-*Malta Today* fil-ħarġa tas-26 ta' Mejju 2024 u għalhekk huwa impellenti li din il-qorti fil-każ odjern ikollha kopja tal-istess inkjesta maġisterjali fl-atti ta' din il-kawża.«

10. Il-qorti iddeċidiet hekk:

»Il-qorti diġà ddikjarat ruħha u qalet li mhux ser tħalli lill-*media* tmexxiha minn imniħirha u tikkundanna lil dawk li qed iperrċu din l-informazzjoni lill-gazzetti li wara kollox la darba tiġi f'idejhom, jekk dejjem din hija l-inkjesta formali, għandhom id-dmir li jippubblikawha.

»Il-qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-digriet preċedenti tagħha, li l-kawża li għandha quddiemha hija marbuta mat-talbiet kif inhuma, u diġà spjegat li għall-fini ta' din il-kawża jingħad x'jingħad f'dik l-inkjesta ma jidhirx li jinċidi fuq il-mertu ta' din il-kawża.

»Il-qorti jiddispjaċiha immens li jidher li din l-inkjesta "*it's doing its round*" u kulħadd qed jagħmel ta' bir-ruħu li ma jafx meta bħal donnu kulħadd jaf bil-kontenut tagħha.

»Il-qorti hija ddispjaċuta immens li każ daqstant sensittiv hemm mhux iktar minn nofs tuzzana nies li qegħdin jagħmlu ħsara kbira lill-pajjiż billi jkebbsu nar b'mod illegali, u tagħmilha ċara li misshom ilhom li saru investigazzjonijiet sabiex kulħadd isir jaf min hu dan iċ-ċirku żgħir ta' nies li din l-informazzjoni setgħet biss ħarġet mingħandhom. Il-qorti għalhekk mhux ser tkun parteċipi ma' dak li jispiċċa mperreċ b'mod illegali.

»Jekk il-pajjiż m'għandux struttura biżżejjed b'saħħitha biex jirriżolvi dan il-każ aħseb u ara kemm ser jirriżolvi każijiet akbar.

»Għalhekk il-qorti qed tiċħad it-talba.«

11. Imbagħad, bis-sentenza li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»… … …

»5. Bl-azzjoni minnhom proposta, l-atturi qegħdin jitolbu li din il-qorti tiddikjara li l-konvenut Avukat [tal-Istat] għandu jaġixxi kontra l-ogħla esponenti peress li huma responsabbli għall-bejgħ tal-isptarijiet u dan billi jinizja proċeduri *ai termini* tal-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

»"(1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "korruzzjoni" tfisser li titlob, toffri, tagħti jew taċċetta, direttament jew indirettament, tixħim jew xi vantaġġ ieħor mhux dovut jew li jkun prospettat, li jgħawweġ it-twettiq kif imiss ta' xi dmir jew imġieba meħtieġa minn min jirċievi t-tixħim, bil-vantaġġ mhux dovut jew kif ikun prospettat.

»"(2) Kull min ivanta li jkun sofra danni bħala riżultat ta' korruzz-joni għandu jkollu l-jedd li jieħu azzjoni biex jikseb kumpens għad-dannu kaġunat lilu bl-att ta' korruzzjoni kontra l-persuni li jkunu għamlu jew awtorizzaw l-att ta' korruzzjoni jew li jkunu naqsu li jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta' korruzzjoni.

»“(3) Il-persuni li jkunu għamlu r-reat jew awtorizzaw l-att ta’ korruzzjoni u l-persuni li jkunu naqsu milli jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta’ korruzzjoni għandhom ikunu solidalment responsabbli għad-danni msemmija fis-subartikolu (2).

»“(4) Meta l-att ta’ korruzzjoni jkun sar minn uffiċjal jew minn impjegat talGvern jew minn korp magħqud stabbilit bil-liġi, il-Gvern jew skont ma jkun il-każ il-korp magħqud stabbilit bil-liġi għandu hu nnifsu jkun responsabbli biex jagħmel il-ħlas dovut għad-dannu kaġunat bl-att ta’ korruzzjoni meta:

»“(*a*) min ikun qiegħed ivanta l-pretensjoni li jkun sofra d-danni jkun ta, meta jkun sar jaf bl-imġieba mhux xierqa tal-uffiċjal jew tal-impjegat, avviż bħal dak lill-Gvern jew lill-korp magħqud, skont il-każ, biex jieħu dawk il-miżuri preventivi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi biex jipprevjenu l-għemil tal-att ta’ korruzzjoni;

»“(*b*) min ikun qed ivanta li sofra d-danni ma jkunx hu nnifsu għar-rigward tal-istess kwistjoni ġiegħel lil xi uffiċjal jew impjegat jagħmel l-att ta’ korruzzjoni, jew b’xi mod kien parti f’dak l-att;

»“(*ċ*) min ikun sofra d-danni jkun ħa kull azzjoni kontra l-persuna responsabbli għad-danni skont is-subartikolu (3) biex jirkupra d-danni; u

»“(*d*) il-Gvern jew il-korp magħqud, skont il-każ, ikun sar parti fil-kawża kontra l-persuni responsabbli għad-danni skont is-subartikolu (3) sabiex jiddefendi l-interessi tiegħu taħt dan is-subartikolu:

»“Iżda l-Gvern jew il-korp magħqud, skont il-każ, ikun biss responsabbli għal dik il-parti tad-danni li ma tkunx qed tiġi rkuprata mill-persuni responsabbli għal dawk id-danni skont is-subartikolu (3).

»“(5) Ma għandu jkun hemm ebda dritt għall-ħlas ta’ danni b’kumpens meta l-parti li tvanta li tkun sofriet id-danni kienet hi nnifisha xjentement parti fl-att ta’ korruzzjoni:

»“Iżda ebda ħaġa f’dan is-subartikolu ma għandha tiftehem bħala li tipprekludi lil xi persuna milli tirkupra xi ħlas li jkun sar jew xi ħaġa li tkun ġiet mogħtija, jew il-valur tagħha, meta l-ħlas ikun sar jew il-ħaġa tkun ġiet mogħtija għal xi korrispettiv li ma jkunx skont il-liġi.

»“(6) Kull azzjoni għall-irkupru ta’ danni taħt dan l-artikolu għandha tinġieb qabel ma jiskadu tliet snin mid-data meta min ikun qed jitlob id-danni jkun sar jaf jew imissu raġonevolment ikun sar jaf li tkun ġrat il-ħsara jew li jkun sar att ta’ korruzzjoni u min tkun il-persuna responsabbli għaldaqstant jew qabel ma jiskadu għaxar snin mid-data tal-att ta’ korruzzjoni, skont liema jiġi l-ewwel, u ma tista’ tinġieb ebda azzjoni wara li jiskadi dak iż-żmien.

»“(7) Meta jsir xi kuntratt minn xi persuna (inkluż il-Gvern jew xi korp magħqud stabbilit bil-liġi) u l-kuntratt jew xi klawsola relattiva jkunu ġew mitmuma minn xi impjegat, uffiċjal jew aġent ta’ dik il-persuna minħabba f’xi att ta’ korruzzjoni favur dak l-uffiċjal, impjegat jew aġent, il-persuna li tkun marbuta b’dak il-kuntratt u li jkollha lil dak l-uffiċjal, impjegat jew aġent tagħha li jkun ġarrab

dak l-att ta' korruzzjoni, għandu jkollha, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' azzjoni biex tirkupra d-danni skont dan l-artikolu, dritt li tibda azzjoni mhux aktar tard minn sena wara li ssir taf b'dak l-att ta' korruzzjoni jew minn meta hija kien imissha raġonevolment saret taf b'dan, biex tannulla l-kuntratt jew xi klawsola minnu li tkun iddaħħlet minhabba f'dik il-korruzzjoni:

»"Iżda ma tista' tinġieb ebda azzjoni wara li jiskadu għaxar snin mid-data tal-att ta' korruzzjoni.

»"(8) L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra l-Gvern jew kontra xi Kunsill Lokali jew kontra xi korp magħqud imwaqqaf b'liġi f'azzjoni għall-irkupru ta' danni taħt dan l-artikolu li tkun imsejsa fuq att ta' korruzzjoni li jkun twettaq mill-persuna mħarrka b'abbuż tal-kariga tagħha waqt li dik il-persuna kienet tokkupa l-kariga ta' Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru tal-Kamra tad-Deputati, Sindku jew Kunsillier".

»6. Dan l-artikolu daħal fir-reġim tal-liġijiet tagħna bl-Att XX tal-2002. Il-prinċipju li jintroduċi ma hux wieħed ġdid għall-istituti ċivilistiċi tagħna, għaliex simili għalih hemm l-artikolu 1028A li jagħti lok għall-azzjoni ta' *actio de rem verso*. Għalhekk, dan l-artikolu jipprovdi għal azzjoni simili, fil-każ ta' atti ta' korruzzjoni, għall-irkupru ta' ġid li jkun ġie għand id-debitur b'arrikament indebitu *tramite* l-att ta' korruzzjoni u dan għaliex ikun appropja għalih innifsu assi li jkun akkwista meta kien jokkupa kariga pubblika u li ma hux intitolat għalihom skont il-liġi.

»7. Fid-dawl ta' kif formulat ir-rikors ġuramentat. Il-pretensjonijiet prinċipali tal-atturi huma però impernjati fuq l-Istitut tal-Avukat tal-Istat *ai termini* tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni u l-Kap. 640 tal-liġijiet ta' Malta. L-introduzzjoni tal-Avukat tal-Istat, li qabel kien assorbit fil-figura tal-Avukat Ġenerali, huwa wieħed pjuttost riċenti u ftit li xejn għandha dottrina legali dwaru. Dan ifisser li din il-qorti kellha, fost oħrajn, taqa' fuq istituzzjonijiet simili barranin biex setgħet tapprezza liema huma obbligi prinċipali ta' dan l-uffiċjal kostituzzjonali.

»8. Din il-kawża tippreżenta diskussjoni legali pjuttost innovativa inkwantu permezz tal-ewwel talba l-atturi qed jikkontendu li l-liġi li tirreġola l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, b'referenza għall-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni, anke jekk ma jingħadx espressament, dan għandu impliċitament l-obbligu, li jaġixxi *motu proprio* kontra dawk l-uffiċjali għolja indikati fis-sentenza ċitata abbażi tal-artikolu 1055A tal-Kodiċi Ċivili.

»L-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni jiddisponi hekk:

»"(1) Għandu jkun hemm Avukat tal-Istat li l-kariga tiegħu tkun kariga pubblika u li jkun maħtur mill-President li għandu jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru.

»"(2) Ħadd ma jkun kwalifikat li jkollu l-kariga ta' Avukat tal-Istat jekk ma jkunx kwalifikat għal ħatra bħala mħallef tal-Qrati Superjuri.

»"(3) L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali. Huwa għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat. L-Avukat tal-Istat għandu jwettaq ukoll dawk id-dmirijiet u funzjonijiet oħra li jistgħu jingħatawlu minn din il-Kostituzzjoni jew minn xi liġi.

Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra.

»"(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), l-Avukat tal-Istat għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena.

»"(5) L-Avukat tal-Istat ma għandux jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief mill-President wara indirizz mill-Kamra li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ippruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għal mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġiba ħażina ppruvata.

»"(6) Il-Parlament jista' b'liġi jirregola l-proċedura għal preżentata ta' indirizz u għall-investigazzjoni u prova dwar l-inkapaċità jew imġiba ħażina skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan."

» 9. Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-Uffiċju tal-Avukat tal-Istat għandu importanza għall-eżistenza u konservazzjoni tal-ordinament tal-istat u partikularment għas-saltna tal-liġi. Huwa r-risposta għall-mistoqsija *quis custodiet ipsos custodes*. Li dan l-uffiċju huwa ta' importanza massima jemerġi mill-mod kif l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni jipprovdi għat-tneħħija u l-għażla tiegħu, li hija konsimili għal dik ta' ġudikant. Di fatti fil-Kostituzzjoni tal-1964, qabel ma saru l-emendi ġenerali tal-1974, kien provdut li persuna ma setgħetx tikkwalifika għal din il-kariga jekk ma kienitx tipposjedi ilkwalifiki kollha biex tkun maħtura mħallef.

»10. Minn dak li setgħet tispigola mir-riċerki li għamlet din il-qorti, l-istitut tal-Avukat tal-Istat huwa influwenza ingliża mnissla mill-figura tal-*Attorney General* fir-reġim kostituzzjonali ingliż. Però, kif nafu, bl-emendi riċenti kostituzzjonali, il-mansjonijiet tal-Avukat Ġenerali kif kienu qabel issa ġew spartiti. Ilum imiss lill-Avukat tal-Istat li jaqdi doveri partikulari li ma għandhomx x'jaqsmu mal-kamp kriminali mentri dan l-aħħar kamp jispetta biss lill-Avukat Ġenerali. Din il-bidla ġiet sabiex jitħares b'aktar reqqa l-prinċipju tas-separazzjoni ta' poteri li fuqu hija mfassla l-Kostituzzjoni Maltija. Però dwar dan inkunu qed nitkellmu aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

»11. Hemm awturi ingliżi li huma tal-fehma li "*The Attorney General may as he prefers act independently,* ex ufficio" (Ara Wade & Forsyth, *Administartive Law, 8th Ed, pg 571*). Però mhux kull pajjiż li segwa s-sistema ingliż mexa b'uniformità fl-applikazzjoni ta' dan l-istitut, inkwantu jirrigwarda d-dmirijiet ta' din il-figura kostituzzjonali.

»12. L-atturi jagħmlu ukoll referenza għal dak li qalet Kummissjoni Venezja. Għalkemm huwa minnu li dak li tgħid din il-kummissjoni għandu jingħata l-piż li jixraqlu, il-qorti dejjem trid tqis dak kollu li tgħid din il-kummissjoni fil-kuntest kostituzzjonali ta' pajjiżna li hija bil-miktub u li tammonta għall-patt soċjali b'*referendum* fl-1964.

»13. Il-qorti anke ħarset lejn x'jiddisponu kostituzzjonijiet oħrajn, li bħalna kienu kolonji tal-Ingilterra u li bħalna ngħataw kostituzzjoni konsimili għal dik tagħna. Fost dawn insibu dik Ċiprijotta li f'artikolu 113, b'mod mill-aktar xott tiddisponi hekk:

> »"1. The Attorney-General of the Republic assisted by the Deputy Attorney General of the Republic shall be the legal adviser of the Republic and of the President and of the Vice-President of the Republic and of the Council of Ministers and of the Ministers and shall exercise all such other powers and shall perform all such other functions and duties as are conferred or imposed on him by this Constitution or by law.
>
> »"2. The Attorney-General of the Republic shall have power, exercisable at his discretion in the public interest, to institute, conduct, take over and continue or discontinue any proceedings for an offence against any person in the Republic. Such power may be exercised by him in person or by officers subordinate to him acting under and in accordance with his instructions."

»14. Dan l-artikolu, bħal tagħna, ma jiddisponiex espliċitament li l-Avukat Ġenerali jista' jaġixxi *motu proprio* għalkemm "*at his discretion*" tindika hekk, partikularment meta hija marbuta mal-interess pubbliku. Jiġi osservat li fit-test tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni Maltija il-frażi "*at his discretion*" ma tirrikorrix. B'dana, ma jfissirx li ma hemmx min xorta waħda jargumenta l-kuntrarju proprju kif qed jagħmlu l-atturi.

»15. Din il-qorti lanqas ma tista' ma tosservax kif fil-Kostituzzjoni Ċiprijotta l-Avukat Ġenerali huwa konsulent tal-organi kollha tal-istat indiskriminatament, bi ksur ċar tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri apparti li hu għandu wkoll "*such other powers and shall perform all such other functions and duties as are conferred or imposed on him by this Constituition or by law*". Frażi li hija replikata fil-Kostituzzjoni tagħna.

»16. L-esperjenza ta' ħafna pajjiżi li kienu kolonji bħalna hija varjata f'dan il-qasam. Per eżempju f'Hong Kong, l-Avukat tal-Ġenerali huwa meqjus bħala segretarju tal-istat, huwa membru *ex officio* tal-Kunsill Esekuttiv u għandu s-setgħa li anke jaġixxi *motu proprio*. Min-naħa l-oħra, fl-Indja l-Avukat Ġenerali ma għandux din is-setgħa u anke jinbidel ma kull amministrazzjoni. Fi New Zealand, għandu s-setgħa li jinizja proċeduri *ex ufficio* mentri mhux hekk fil-Malasia. Fil-każ tal-Kostituzzjoni ta' Barbados għandu biss is-setgħa li jagħti direzzjoni iżda mhux jaġixxi tramite l-Uffiċċju tiegħu. Fl-aħħar nett fil-każ tal-Kostituzzjoni tal-Kenja, l-Avukat Ġenerali jagħti pariri lill-Gvern, għall-bqija il-poteri li għandu huma biss dawk relatati ma' proċeduri kriminali.

»17. Il-qorti ħasset li kellha tagħmel dan l-eżami komparattiv qasir għal żewġ raġunijiet. L-ewwel għaliex dawn huma kollha kostituzzjonijiet li ġew mogħtija mill-Parlament Ingliż permezz ta' *Order in Council* bħal fil-każ ta' pajjiżna u t-tieni għaliex ebda waħda minn dawn il-kostituzzjonijiet ma għandha l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat għalkemm dan tal-aħħar għandu obbligi li, qabel, kienu jkunu eżerċitati mill-Avukat Ġenerali. Għalhekk, minkejja li f'dawn il-kostituzzjonijiet ir-referenza hija dejjem għall-Avukat Ġenerali, xorta hemm valur sabiex insiru nafu aktar dwar l-

Avukat tal-Istat ġaladarba dan wiret l-obbligi li għandu mingħand l-ieħor.

»18. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti trid issa teżamina jekk l-Avukat tal-Istat Malti għandux l-obbligu li jaġixxi *motu proprio* taħt il-Kostituzzjoni Maltija. Korrettement l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom jistaqsu "Min ser jiddefendi l-istat, meta jinstab li ufficjali tal-istess Gvern li qegħdin jaġixxu għan-nom tal-istess stat, ħadmu kontra l-interess pubbliku u kontra s-salvagwardja tal-legalità tal-istess stat, jekk mhux l-Avukat tal-Istat innifsu?". Dr Chris Soler fix-xhieda tiegħu għal din il-mistoqsija iwieġeb hekk:

»"Issa [art.] 91A subinċiż 3 tal-Kostituzzjoni huwa rifless, maqsum tista' tgħid, fi tliet disposizzjonijiet importanti li huma *lex specialis* u huma *governing law* illi jistipulaw b'mod espliċitu, jirregolaw il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u jikkwalifikaw kif il-kif u l-*come* jrid jeżercithom. Mela *Chapter 503 lex specialis*, l-i*State Advocate*, tistipula b'mod car, l-ewwel funzjoni, it-tieni funzjoni u t-tielet funzjoni fi tliet subartikoli … ... … l-ewwel wiehed kien li l-Avukat tal-Gvern bħala rappreżentant ġudizzjarju. It-tieni wiehed huwa konsulent legali. Fit-tielet wieħed, hu marbut li jaġixxi taħt xi liġi. Naturalment irid ikun jew inkella jeżercita setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu però meta dik is-setgħa tirriżulta mill-ligi … ... … Hawnhekk huwa attur. Għax il-liġi tgħid "jaġixxi" … … ... fejn fl-ewwel ċirkostanza jieħu direzzjoni mingħand il-klijent, u fit-tieni ċirkostanza għandu l-interess pubbliku bħala *focus* tiegħu, fit-tielet ċirkostanza ma jieħu struzzjonijiet mingħand ħadd ħlief il-liġi speċifika li tatu dik is-setgħa."

»19. Għalhekk id-diverġenza bejn il-partijiet hija fis-sens li, fil-waqt li l-atturi għidu li l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi minn jeddu f'kull waqt meta jintebaħ b'xi għemil bħal dak li jiddiskrivu, il-konvenut Avukat tal-Istat jinsisti li dan ma jistax jagħmlu ħlief meta l-liġi issejjaħlu li jagħmel hekk.

»20. Fid-dokument intitolat *The Governance of Britain. A Consultation on the Role of the Attorney General*, preżentat lill-Parlament Ingliż fl-2007 jingħad hekk:

»"1.11 The three key roles of the Attorney General are:

»"(i) Legal adviser to the Crown (in the wider sense *i.e.* to the Government and, on some issues, Parliament and the Queen) and the Crown's representative in the Courts. The Attorney General also oversees the Government's in-house legal advisers and is the Minister responsible for the Treasury Solicitor's Department.

»"(ii) Minister of the Crown with responsibility for superintending the Crown Prosecution Service, Serious Fraud Office, Revenue and Customs Prosecutions Office, the Army, Royal Navy and Royal Air Force prosecuting authorities, HM CPS Inspectorate and (with the Home Secretary and Secretary of State for Justice) the Office of Criminal Justice Reform. The Attorney General is also, with the Home Secretary and Secretary of State for Justice, responsible for criminal justice policy.

> »"(iii) Guardian of the public interest, in particular in certain kinds of legal proceedings – such as decisions on the bringing or termination of criminal prosecutions, charity matters, and the appointment of "advocates to the court" to act as neutral advisers to the court in litigation and "special advocates" to represent the interests of parties in certain national security cases. The Attorney General's independent public interest role includes consultation by the prosecuting authorities on individual criminal cases as part of the superintendence role".

»21. Minn dan jemerġi, tal-inqas kif inhu meqjus l-*Attorney General* taħt is-sistema Ingliż, dan ma jidhirx li għandu *carte blanche* li jista' jaġixxi fuq inizzjattiva tiegħu. Minkejja dak li jgħidu Wade and Forsyth kif fuq indikat, frażi bħal "*Guardian of the public interest, <u>in particular in certain kinds of legal proceedings</u>"* ma tagħtix x'tifhem li jista' x'ħin irid u jogħġbu jinizja proċeduri, iżda li l-aġir tiegħu f'dan ir-rigward huwa ċirkoskritt bil-frażi sotto-linejata.

»Fir-rigward tal-Avukat tal-Istat il-Professur Kevin Aquilina josserva hekk:

> "In the exercise of his functions, the State Advocate shall act in his individual judgment and he shall not be subject to the direction or control of any other person or authority. Whilst in the past, when the Attorney General was responsible for criminal prosecutions and advising government, the latter officer was constitutionally only independent in the former case but totally subservient to government in the latter case, the Office of the State Advocate is now independent of government and parliament. This implies that the State Advocate is not 'subject to the direction or control' of the Prime Minister, Ministers, Parliamentary Secretaries, and the civil service (amongst others). He is subservient only to the Constitution, to the laws of Malta (unless these infringe the Constitution) and to his own conscience." (*Malta Business Weekly* 5th November 2023).

»22**.** Dan ifisser li l-Avukat tal-Istat huwa sottomess biss għall-Kostituzzjoni u għall-liġijiet ta' Malta. Għalhekk, il-Prof. Kevin Aquilina jirrikonoxxi li l-għemil tal-Avukat tal-Istat ma hux iddettat biss mill-Kostituzzjoni iżda anke mil-liġijiet tal-pajjiż. Dan ifisser li l-obbligi tiegħu huma kollettivament idettati minn varjetà ta' sorsi kostituzzjonali u liġijiet ordinarji.

»23. Is-sors Kostituzzjonali huwa dak iddettat mill-Kostituzzjoni f'artikolu 91A tal-Kostituzzjoni mentri dak li jirrigwarda l-liġijiet ordinarji hemm għadd minnhom. Il-qorti sabet fost il-ħafna is-segwenti:

»24. art. 461 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta għall-ħlas ta' multi li jistgħu jintalbu bi proċedimenti ċivili, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew, skont il-każ, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, bil-mezz ta' rikors.

»25. art. 462 f'każ ta' qbid ta' ħwejjeġ li jistgħu jiġu kkonfiskati bi proċedimenti ċivili, skont il-liġi, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi wkoll fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, u jitlob, b'rikors, li

dawk il-ħwejjeġ jiġu ddikjarati kkonfiskati; taħt artikolu 521 jista' jaġixxi għall-interdizzjoni jew inabilitazzjoni ta' persuna li ma hiex kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha; f'każ ta' emendi għal statuti ta' assoċjazzjonijiet il-liġi tagħtih dritt li jagħmel rikors lill-qorti taħt art 48A (2) tal-Kodiċi Ċivili.

»26. Huwa ukoll sinjifikanti f'dan ir-rigward li anke l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq imsemmija rrikonoxxiet li "kellu jkun l-attur, u mhux min kien fid-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż, li jfittex b'din il-kawża". Għalkemm ma hux indikat espressament, din il-qorti ma teskludix li dak li kellha f'moħħha kien l-artikolu 33(2) tal-Kap. 573 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> »"(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat tal-Istat jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili."

»27. Għalhekk ironikament, din hija wkoll waħda minn dawk il-liġijiet li tagħti setgħa lill-Avukat tal-Istat jaġixxi *motu proprio.*

»28. Iżda għandu ukoll piż il-parir bil-miktub li ta l-Imħallef *Emeritus* u *ex*-Avukat Ġenerali għal 26 sena Dr Anthony Borg Barthet. Dan jispjega li, jekk l-Avukat tal-Istat jingħata l-istess prerogattivi ta' ministru, bħal dik li jaġixxi *motu proprio*, inkunu qegħdin inpoġġu rasha 'l isfel lid-demokrazija. Jiġifieri, li kieku l-Avukat tal-Istat kellu jkollu l-fakultà li jaġixxi meta jrid mingħajr ma jirreferi lejn ħadd, inkunu tassew ħloqna *super* kariga, li hija anke 'l fuq minn dawk li ġew eletti u mill-esekuttiv tal-pajjiż u dan bi ksur ċar tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri.

»29. Eżempju simili huwa dak tal-*Ombudsman*, li meta jiddeċiedi ma jkunx qiegħed jorbot idejn l-esekuttiv għalkemm huwa mistenni li d-deċiżjonijiet tiegħu jiġu rispettati u fin-nuqqas il-Gvern ikun qiegħed jesponi lilu nnifsu għaċ-ċensura tal-Parlament u anke tas-soċjetà ċivili kollha. Hekk ukoll il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (ara artikolu 11 tal-Kap. 326 tal-liġijiet ta' Malta). Huwa interessanti li jkun osservat li kemm l-Avukat tal-Istat, kemm l-*Ombudsman* u kif ukoll il-Kummissjoni huma kollha maħsuba li jħarsuna minn min jikkostudina; għalhekk jaqgħu fil-kategorija ta' għassiesa fuq l-aġir tal-istat għalkemm b'mod differenti.

»30. L-Imħallef *Emeritus* Anthony Borg Barthet jasal għall-konklużjoni li l-Avukat tal-Istat ma għandux id-dritt *ossia* l-obbligu li jinizzja azzjonijiet ċivili *motu propio* mingħajr ma jkun hekk inkarigat minn persuna li għandha l-poter li tagħmel talba bħal din. Dan però ma jnaqqasx mill-fatt li hemm sitwazzjonijiet partikulari fejn l-avukat jista' fuq inizzjattiva tiegħu stess li jibda proċeduri mingħajr ma jkun hekk inkarigat u dan fejn tirrikjedih il-liġi, bħal-liġi li wasslet għat-tħassir tal-kuntratt bejn il-Gvern u *Vitals* u *Steward*.

»31. Il-qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li wasal għaliha l-Imħallef *Emeritus* Anthony Borg Barthet. Kieku kien mod ieħor, ma kienx ikun hemm ħtieġa li jkun hemm liġijiet partikulari li jagħtu lill-Avukat tal-Istat din is-setgħa, ġaladarba kif qed jikkontendu l-

atturi l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni diġà jagħti s-setgħa wiesgħa li jaġixxi *motu proprio*.

»32. Huwa minnu li fid-dibattiti parlamentari l-Avukat tal-Istat ġie deskritt bħala "*the last man standing*" u li jrid jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja il-legalità tal-istat. Imma dan ma jfissirx li għandu obbligu taħt il-liġi li jaġixxi *motu proprio* fejn ma jkunx hemm liġi li speċifikament titlob minnu hekk. Li kieku l-Avukat tal-Istat kellu jkollu l-fakultà assoluta li jintervjeni jew jaġixxi kull fejn jidhirlu li għandu jagħmel hekk, inkunu qed nersqu lejn terren perikoluż, għaliex tant poter konċentrat f'idejn Avukat tal-Istat jista' anke jimmina kemm l-eżerċizzju tad-demokrazija u kif ukoll is-saltna tal-liġi, tenut kont li kull uman huwa suxxettibbli għall-vizzju misħut ta' aġendi moħbija.

»33. Huwa għalhekk li fil-parir tiegħu l-Imħallef *Emeritus* Anthony Borg Barthet korrettament jispjega li, jekk l-Avukat tal-Istat jingħata l-istess prerogattivi "*the democratic safeguards through collective ministerial responsibility and answerability to the elected House of Represantives would be lost*". Dan kollu jfakkar lill-qorti f'meta Platun fil-bidu, kien jemmen li għandu jħalli f'idejn mexxej għaref u benevolenti biex jieħu d-deċiżjonijiet kollha possibbli mingħajr xkiel ta' liġijiet, sakemm ra x'ħerba għamel fi Sqallija Dijonisju ż-Żgħir ta' Sirakuża, u kien hawn fejn skopra s-saltna tal-liġi biex għalhekk tant saħħa ma tibqax ikkonċentrata f'persuna waħda. Għalhekk, l-aktar l-aktar, l-Avukat tal-Istat jista' jkun ċensurat, mhux wisq għaliex ma aġixxiex kif qed jippretendu l-atturi, imma li naqas li jaġixxi fejn seta' dehrlu li għandu jagixxi, kif jitlob l-artikolu 33 tal-Kap 573 tal-liġijiet ta' Malta u li minflok kellu jkun il-Kap tal-Opposizzjoni ta' dak iż-żmien biex saret il-kawża għat-tħassir tal-kuntratt.

»34. Iżda l-atturi qegħdin ukoll jitolbu speċifikament li din il-qorti tiddikjara u tiddeċiedi li, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi kontra l-ogħla esponenti tal-Gvern. Ma hux ċar jekk dak li qed jitolbu l-atturi huwiex ordni jew direttiva. Imma fil-kuntest ta' dak li qed ikun diskuss ftit jimporta jekk hiex waħda jew l-oħra.

»35. Il-qorti tibda biex tosserva li, għalkemm l-Avukat tal-Istat fil-qadi ta' dmirijietu għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra, dan ma jfissirx li jista' jgħaddi minn fuq kulħadd bħal romblu taż-żrar (ara art. 91A tal-Kostituzzjoni u art. 2(4) tal-Kap. 603 tal-liġijiet ta' Malta). Di fatti l-Kostituzzjoni ta' Malta taħsiblu għal dan, sabiex ma jaqbiżx il-limiti tal-awtorita' tiegħu, meta f'artikolu 124(10) tal-Kostituzzjoni insibu hekk:

> »"Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkunx suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni ma għandha tiftehem bħala li tipprekludi qorti milli teżerċita ġurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra".

»36. Għalhekk il-qrati ordinarji għandhom il-ġurisdizzjoni biex jissindikaw din id-deċiżjoni, "u senjatament li din tkun aġixxiet

*intra vires* il-poteri konferiti lilha, fil-limiti tal-liġi kostituttiva tagħha, u li gew osservati d-drittijiet fondamentali tal-bniedem sanċiti mill-Kostituzzjoni" (ara sentenza kostituzzjonali fl-ismijiet V. Galea *v. Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-21 ta' Jannar 1985 u P.A. tal-20 ta' Marzu 2000 fil-kawża fl-ismijiet Raymond Fenech *noe v.* Victor Fiorentino).

»37. Din il-parti tal-Kostituzzjoni tintroduċi l-prinċipju wiesa' ta' *ultra vires* kif rispekkjat fl-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Ħadd li jġorr kariga pubblika ma u meħlus mill-iskrutinju tal-qrati, li biex insejħulhom hekk ukoll huma "*the last bastion standing".* Imma anke hawn, bħal fil-każ tal-artikolu 469A, il-qorti tista' tiskrutinja l-għemil iżda mhux tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Avukat tal-Istat jew tagħti direttivi ta' x'għandu jagħmel, għaliex altrimenti l-istess qorti tkun qed tikser il-liġi hi stess. Dan l-artikolu tal-liġi kjarament jissoġġetta lil kull persuna u lil kull awtorità li taqdi funzjoni pubblika għall-iskrutinju tal-qrati bil-għan li jiġi aċċertat li l-poter lilħom mogħti qed jiġi eżerċitat skont u fil-limiti tal-liġi, kemm ordinarja kif ukoll dik kostituzzjonali (ara sentenza tat-22 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet Il-Kummissarju tal-Pulizija *v.* Edgar Borg tal-Prim Awla).

»38. Meta artikolu 91A jistabilixxi li l-Avukat tal-Istat ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni, din l-ammonizzjoni hija diretta anke lejn il-qrati. L-awtonomija u indipendenza kostituzzjonali tal-Avukat tal-Istat fl-eżerċizzju tal-inkarigu tiegħu hija waħda ermetikament imħarsa u regolata mill-Kostituzzjoni biss. Altru tissindika u altru tordna (ara sentenza tat-25 ta' Mejju 2006 fl-ismijiet Il-Prim Ministru u d-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet, u s-Segretarju Permanenti Ewlieni *v.* Anthony Brincat").

»39. Issa meta wieħed jara t-tieni talba attriċi, dak li qed jintalab mhux li din il-qorti tissindika jekk l-Avukat tal-Istat għamilx xogħlu fil-limiti tal-*vires* li tagħtih il-liġi iżda addirittura lil din il-qorti li tiddikjara u tiddeċiedi li "għandu jagixxi kontra". Din ħaġa impossibbli, għaliex, kif diġà ingħad, skont l-artikolu 91A ħadd, inkluża din il-qorti, ma jista' jordna jew jagħti direttivi lill-Avukat tal-Istat. Kieku tagħmel hekk, din il-qorti tkun qed tikser il-Kostituzzjoni hi stess. Di fatti fil-ktieb *English Law* ta' Smith and Kennan's, *7th Editio*n, f'pagna 71, dawn l-awturi univokament jaffermaw li "*if the attorney general refuses to act no court can compell him to do so*"*.*

»40. Dan l-argument għalhekk japplika ukoll għat-tielet talba attriċi fejn l-atturi qed jitolbu li bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell hija biżżejjed "awtorizazzjoni sabiex l-istess Avukat tal-Istat jieħu l-passi neċessarji u opportuni skont il-liġi sabiex l-Istat Malti jirkupra id-dannu soffert …".

»41. Il-qorti fliet u fittxet fis-sentenza inkwistjoni. Il-qorti terġa' tgħid li huwa minnu li l-Qorti tal-Appell qalet li hemm iċ-ċirkostanzi kif spjegati minnha li "waslet biex kellu jkun l-attur, u mhux min kien fid-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż, li jfittex b'din il-kawża". Però, f'ebda ħin ma ppuntat lejn l-Avukat tal-Istat. Fis-dentenza tagħha l-Qorti tal-Appell kienet franka u ċara għall-aħħar dwar

min kellu jġorr ir-responsabilità. Din il-qorti ma tarax għalfejn, f'vena bħal din, il-Qorti tal-Appell ma kellhiex tagħmel referenza diretta għall-Avukat tal-Istat. L-Avukat tal-Istat jissemma' darba waħda biss tul is-sentenza u mhux f'dan il-kuntest.

»42. Iżda l-qorti trid ukoll tistqarr li pprovat tifhem is-sustanza tat-tielet talba, għaliex bejn qiesha esekuzzjoni ta' sentenza jew stedina lil din il-qorti biex tagħti interpretazzjoni ta' dak li riedet tgħid dik il-qorti. Jekk hija l-ewwel każ allura din mhux il-proċedura li kellha ssir. artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta huwa ċar x'għandu jsir.

»43. Jekk hija kwistjoni ta' inferenza allura ta' natura interprettativa, il-qorti tgħid li ma għandu jkun hemm ebda interpretazzjoni għaliex dak li torbot hija l-parti disposittiva tas-sentenza komunament magħrufa bħala d-*decide*. artikolu 219 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jagħmilha ċara li "Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv". Il-qorti tfakkar li l-ġudikat ma joħroġx mill-motivazzjoni iżda mid-dispożittiv. Dak li hu anteċedenti jew konsegwenza neċessarju tad-dispożittiv, u li hu ta' bilfors deduċibbli minnu, jista' jitqies involut fih u parti minnu, jekk ikun ovvjament u neċessarjament deduċibbli (Vol XLII.I.287).

»44. Issa minn eżami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u anke minn dik tal-prim' istanza, fid-dispożittiv ma hemm xejn minn dan kollu. Il-qorti ma tistax tagħti direttivi *post* sentenzjali jekk mhux meta jkun hemm *omissa decisio* skont artikolu 235 tal-Kap. 12 jew xi żball ta' komputazzjoni fis-sentenza jew xi frażijiet li jkun jeħtieġ jiġu kjarifikati skont artikolu 285 tal-istess Kap. ta' liġijiet.

»45. Imma anke kieku stess huwa kif qed igħidu l-atturi, li kif rajna ma hux, fid-dawl ta' dak fuq spjegat din il-Qorti tirrifjuta li tapplika x'qalet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward, għaliex tkun komparteċipi fil-ksur tal-Kostituzzjoni u l-imħallef sedenti ħa l-ġurament tal-lejaltà kif iridu l-artikoli 101 u 124 tal-Kostituzzjoni lejn il-Poplu Malti, ir-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni u dan bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Appell.

»Għaldaqstant din il-qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi kollha.

»Spejjeż a karigu tal-atturi.«

12. L-atturi appellaw b'rikors tat-8 ta' Awissu 2024. L-Avukat tal-Istat wieġeb fil-5 ta' Settembru 2024 u l-intervenuti wieġbu fil-11 ta' Settembru 2024, u lkoll qablu li l-appell għandu jiġi miċħud.

13. Għalkemm fir-rikors tal-appell l-atturi talbu biss illi "tiġi revokata *in toto* s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-11 ta' Lulju 2024 fil-kawża fl-ismijiet premessi, filwaqt li jintlaqgħu t-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjeż taż-

żewġ istanzi a karigu tal-appellati", fir-rikors igħidu wkoll illi ħassewhom aggravati kemm bis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2024 "kif ukoll bid-dikrieti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Mejju 2024 u tas-27 ta' Mejju 2024 fejn l-atturi appellanti kienu talbu l-esebizzjoni ta' kopja sħiħa tal-inkjesta *in genere* maġisterjali konkjuza mill-Onor. Maġistrat Dottor Gabriella Vella, kif ukoll sussegwentement b'dikriet ieħor quddiem l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [*sc.* li ċaħad it-talba tagħhom għal] l-esebizzjoni tal-atti tal-kumpilazzjoni 380/2024 u 382/2024". L-ewwel aggravju tal-appell fil-fatt huwa dwar hekk, u ġie mfisser hekk:

> »Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kinitx korretta meta ddeċidiet bid-digrieti tagħha tal-15 ta' Mejju 2024 u s-27 ta' Mejju 2024 illi tiċħad it-talba tal-atturi appellanti għal allegazzjoni tal-inkjesta *in genere* konkluża mill-Onor. Maġistrat Gabriella Vella, kif ukoll l-esebizzjoni tal-atti tal-kumpilazzjoni 380/2024 u 382/2024 *stante* li għaddew għal stadju ulterjuri tal-kumpilazzjoni tal-evidenza u l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja talbet il-ħruġ tal-atti tal-akkuża fil-konfront tal-akkużati hemm indizzjati.
>
> »… … …
>
> »Id-digrieti tal-15 ta' Mejju 2024 u tas-27 ta' Mejjju 2024 kif mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jilledu d-dritt tal-appellanti li jressqu l-provi tad-dolożità tal-akkużati indizzjati … *stante* li l-appellanti għand-hom id-dritt li jippruvaw il-kawża tagħhom li l-Avukat tal-Istat għandu d-dmir li jaġixxi u jmexxi ċivilment kontra tagħhom *ai termini* tal-artiklu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili] u kontra l-ogħla uffiċjali fil-Gvern preżenti u passat wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 iktar u iktar issa ġaladarba l-Avukat Ġenerali ħadet il-passi kriminali fl-atti tal-kumpilazzjoni 380/2024 u 382/2024. Ir-raġuni għaliex l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi hija iktar impellenti u wieħed ma jistax jifhem għaliex l-istess Avukat tal-Istat kontrarjament għall-Kabinett tal-Ministri oġġezzjona għall-preżentata ta' dawn l-atti meta huwa fid-dmir li jaġixxi u jkun mgħarraf b'dawn il-persuni. Minkejja din iċ-ċaħda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-appellanti insistew li l-qorti kellha tieħu *judicial recognition* tal-atti kollha ċivili u kriminali li kienu qed jiġu ppreżentati fil-qrati, *sia* mill-Avukat Ġenerali, mill-pulizija, kif ukoll minn terzi. L-intervenuti fil-kawża ma oġġezzjonawx li l-qorti tieħu konjizzjoni ta' dawn il-proċeduri, imma l-Avukat tal-Istat oġġezzjona għaliex, b'konsegwenza ta' din iċ-ċaħda, huwa insista li *quod non est in actis non est in mundo*. Din m'hijiex l-attitudni [*recte*, l-atteġġjament] ta' Avukat tal-Istat li qiegħed hemm biex jiddefendi l-istat u jaġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-istat, imma li qed jagħmel minn kollox biex jipprova jostor il-verità tal-fatti biex jittenta jkollu raġuni li jibqa' statiku u ma jaġixxix kif obbligat jagħmel fl-interess pubbliku u għalhekk din il-qorti għandha tirrevoka d-digrieti tal-15 ta'

Mejju 2024 u s-27 ta' Mejju 2024 u tinserixxi fl-atti ta' din il-kawża l-atti tal-kumpilazzjonijiet numru 380/2024 u 382/2024 u, fin-nuqqas ta' dan, *se mai* tiegħu *judicial recognition* ta' dak kollu li żviluppa tul il-kors ta' din il-kawża odjerna kif jippretendu *sia* l-appellanti u *sia* l-intervenuti fil-kawża.

»Dawn id-dokumenti fuq elenkati għandhom ikunu in kawża għaliex huwa impellenti li l-Avukat tal-Istat fid-difiża tal-istess stat jaġixxi kontra l-ogħla uffiċċjali fil-Gvern għar-riżarċiment tad-dannu soffert mill-Poplu Malti u Għawdxi fil-konċessjonijiet enfitewtiċi temporanji tal-isptarijiet li kienu frott ta' korruzzjoni, frodi, misappropriazzjoni, ħasil ta' flus in kollużjoni ma' *Vitals* / *Steward* … … … iktar u iktar issa li ser jinħarġu l-atti tal-akkuża kontra tagħhom.

»Il-qorti ma kinitx korretta meta stqarret li ma kinitx se tħalli lill-midja tmexxiha minn imniħirha, meta fl-istess nifs stqarret li l-midja kellha d-dmir li tippubblika l-informazzjoni *multo magis* meta dak li ġie mperreċ kien fatt li b'konsegwenza tiegħu l-istess Avukat Ġenerali ħadet passi kriminali u għalhekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha wkoll id-dmir li tinserixxi dawn il-provi fl-atti tal-kawża odjerna b'indikazzjoni ċara ta' min kienu l-ogħla uffiċjali fil-Gvern preżenti u passat li aġixxew dolożament u in kollużjoni ma' *Vitals* / *Steward* għax b'hekk it-talbiet tar-rikorrenti appellanti kienu iktar imsejsa fuq is-sewwa bl-identi-fikazzjoni ta' dawk li aġixxew b'korruzzjoni, b'dannu għall-istat u iktar impellenti fuq l-Avukat tal-Istat li kellu jaġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-istat.

»Dawn il-persuni fuq ċitati akkużati kriminalment iridu jirrispondu ukoll ċivilment *ai termini* tal-artiklu 1051A tal-Kodiċi Ċivili u l-uniku persuna li jista' jagħmel dan huwa l-istess Avukat tal-Istat għaliex wieħed ikun qed jitlob wisq li l-Kabinett tal-Ministri jawtorizza lill-istess Avukat tal-Istat jaġixxi kontra membri tal-istess Kabinett tal-Ministri jew *ex* membri tal-Kabinett tal-Ministri u / jew Segretarji Permanenti u / jew *ex* Segretarji Permanenti. Għalhekk il-Kostituzzjoni u l-liġi *seguendo* t-teorija tas-separazzjoni tal-poteri ta' Montesquieu tagħti lill-Avukat tal-Istat l-awtorità li huwa għandu jmexxi *ai termini* tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni u l-Kap. 604 tal-liġijiet ta' Malta.

»Għalhekk dawn l-atti kienu importanti li jiġu inseriti fl-atti tal-kawża odjerna biex l-Avukat tal-Istat ma jkollu l-ebda skuża li ma jafx min huma n-nies li kellu jaġixxi kontra tagħhom wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023, kif provdut fl-artiklu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap. 604 tal-liġijiet ta' Malta iktar u iktar meta jippretendi li *quod non est in actis non est in mondo*.

»Issa ġaladarba jaf min huma l-akkużati, in-nuqqas tiegħu huwa akbar meta lanqas ħass il ħtieġa li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija bis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2023 u biex dan tal-aħħar jieħu azzjoni u jagħmel l-indaġni tiegħu u dan kif xehed l-Avukat tal-Istat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża odjerna.

»… … …

»Għal dawn ir-raġunijiet, id-digrieti tal-15 ta' Mejju 2024 u s-27 ta' Mejju 2024 għandhom jiġu revokati u l-atti tal-kumpilazzjoni 380/2024 u 382/2024 jiġu inseriti fl-atti ta' din il-kawża.«

14. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

> »L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dwar id-digriet mogħti mill-ewwel qorti nhar il-15 ta' Mejju 2024, meta l-istess qorti ċaħdet rikors tal-appellanti fejn talbu li jitħarrek ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabex jippreżenta kopji "tal-*attachment and investigation order* li nħareġ mill-Qorti Kriminali fuq ordni tal-Onorevoli Mħallef Dottor Edwina Grima kif ukoll kopji tal-atti ta' akkużi maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja kontra diversi persuni fl-atti tal-kumpilazzjoni 380/2024 u 382/2024 quddiem l-Onorevoli Maġistrat Dottor Rachel Montebello".
>
> »F'dan l-ewwel aggravju, l-appellanti qegħdin jargumentaw li l-ewwel qorti kienet żbaljata meta ċaħdet ir-rikors tagħhom.
>
> »Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, fil-mument li saret din it-talba partikolari min-naħa tal-appellanti, huma kienu ilhom diġà kważi xahrejn minn meta ddikjaraw inekwivokament li qegħdin jagħlqu l-provi tagħhom, mingħajr ebda forma ta' riżerva.
>
> »Jibda' biex jingħad illi mhuwiex korrett illi d-dokumenti mitluba mill-appellanti fl-ewwel aggravju tagħhom "huma intimament konnessi mal-mertu ta' din il-kawża", tant illi l-appellant l-Onor. Delia stess jiddikjara, fl-*affidavit* tiegħu, illi "m'aħniex qed nindaħlu lill-Avukat tal-Istat lil min għandu jħarrek …". Huwa immaterjali għall-finijiet tal-vertenza jekk *si tratta* ta' Tizju jew Sempronju jew kwalsiasi imputat ieħor. Dan għaliex, *assumendo* biss (għas-saħħa tal-argument) illi l-imputati jinstabu ħatja, il-ħtija tal-imputati ma toħloqx jedd t'azzjoni (*right of action*) tal-Avukat tal-Istat. Dikjarazzjoni ta' ħtija minn qorti ta' ġurisdizzjoni penali ma tistax isservi sabiex tissostitwixxi dak li tgħid (jew aħjar, li ma tgħidx) il-liġi. Il-*vexata quæstio* ma tinbidilx bil-persuna li hija imputata jew bil-provi li jitressqu kontra tali persuna, iżda tibqa' waħda u immutabbli, u ċjoè, kif iddikjarat l-ewwel qorti, "għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti trid issa teżamina jekk l-Avukat tal-Istat għandux l-obbligu li jaġixxi *motu proprio* …". Dan il-pern tal-kwistjoni u l-oġġett aħħari tal-kawża, mhux dak li jista' jirriżulta *o meno* minn dokumenti li jinġiebu quddiem qrati kriminali fl-istadji kollha tal-proċediment penali.
>
> »Ma humiex korretti l-appellanti lanqas meta jgħidu illi r-raġuni prinċipali għaċ-ċaħda tat-talba odjerna hija illi minkejja li kulħadd sar jaf bil-publikazzjoni fil-ħarġa tal-*MaltaToday*, "sakemm dan ma kienx uffiċjalment magħruf, ma setgħetx din il-prova ssir". L-ewwel qorti iddeċidiet kif iddeċidiet għaliex l-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali hekk jorbotha tagħmel u għaliex, kif innutaw l-istess appellanti, "l-inkjesta ma tidhirx li tinċidi fuq il-mertu tal-kawża appellata".
>
> »L-allerġija tal-appellanti għar-regoli tal-proċedura ċivili jilħqu l-quċċata tagħhom meta huma jissottomettu illi "l-Avukat tal-Istat iddikjara li l-qorti għandha timxi fuq il-prinċipju *quod non est in actis non est in mundo* u m'għandhiex tiehu *judicial recognition* tal-iżviluppi li kienu qegħdin iseħħu". Ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni tal-esponent jinsabu elenkati fir-risposta tiegħu li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Mejju 2024. Filwaqt li dawn għadhom jissussistu, isibu komfort fid-digriet tal-ewwel qorti li ġustament tisħaq illi "l-kwistjoni hija regolata mill-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali". Jogħġobhom jew le, l-appellanti jridu jsegwu d-dettami tal-liġi, f'dan il-każ l-artikolu 518 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, minflok jittentaw jużaw lil din il-qorti ċivili, li lanqas għandha

ġurisdizzjoni f'materja strettament penali li hija regolata, unikament u esklussivament, mill-Kodiċi Kriminali.

»*Se mai*, il-proċeduri penali juru kemm il-kawża odjerna hija superfluwa, peress illi l-artikolu 4(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipula illi "l-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat Ġenerali, kif ikun il-każ, skont il-liġi". *Inoltre*, permezz tal-imputazzjonijiet li ġew moqrija fil-miftuħ, l-Istat qed jitlob "sabiex f'każ ta' ħtija tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 15A u 28H *et seq*. tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta, sabiex il-qorti tordna lill-imputati jirrestitwixxu lill-Gvern ta' Malta u / jew lill-persuni offiżi kull ħaġa minnhom meħuda". Dan irid jiġi ikkunsidrat fl-isfond tal-fatt illi fil-konfront ta' diversi persuni u fil-kuntest ta' diversi reati, inħarġu *investigation orders*, *attachment orders* u *freezing orders* illi, sa fejn huwa possibbli u fl-eventwalità li dawn l-imputati jinstabu ħatja, jikkostitwixxu ordnijiet illi nħarġu mill-Qorti Kriminali u li jiffaċilitaw u jippermettu l-irkupru ta' flejjes illi l-istat għandu jirkupra. Il-kawża odjerna, kif ukoll l-appell tal-appellanti, huma superfluwi billi r-reġim ġuridiku Malti ġà ġie mqanqal sabiex jiġu rkuprati flejjes li l-appellanti jippretendu illi l-esponent għandu jazzjona għalihom.

»Id-diversi azzjonijiet penali pendenti jikkostitwixxu l-prova aħħarija tal-fatt illi l-istat qed jaġixxi sabiex jiġbor flejjes li ġew allegatament misruqa, iżda il-proċediment penali irid jirrispetta l-preżunzjoni tal-innoċenza kif tajjeb issenjalat din il-qorti fid-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju 2024. Anzi, hija r-responsabilità tal-organi tal-istat, inkluż l-Eżekuttiv, illi jassiguraw illi kwalsiasi eventwali dikjarazzjoni ta' ħtija u l-piena inflitta mill-qorti penali kompetenti jibqgħu validi u eżegwibbli. Kif jgħidu l-Ingliżi, l-istat, bl-organi rispettivi tiegħu, jeżiġi u jrid jassigura illi "*they hold water*".

»Mingħajr preġudizzju għall-fatt li ma hemm ebda jedd ta' azzjoni f'idejn l-Avukat tal-Istat, irid jingħad ukoll, f'dan il-kuntest, illi l-interess pubbliku stess jeżiġi illi f'dan l-istadju ma jsirux proċeduri ċivili illi jistgħu, potenzjalment, jikkompromettu l-prosekuzzjonijiet pendenti, u l-proċeduri tal-arbitraġġ internazzjonali. Kwalunkwe azzjoni ċivili istitwita mill-istat f'dan l-istadju għandha l-periklu li tilledi fuq l-integrità tal-proċess kriminali u dak tal-arbitraġġ internazzjonali. Kwindi, jekk l-Avukat tal-Istat imexxi ċivilment kontra dawn it-terzi, kif iridu l-appellanti, l-Avukat tal-Istat ikun qed jipperpetwa dak illi, fid-dritt internazzjonali penali, jixbaħ aġir ammontanti għall-hekk imsejjaħ *shielding*. Mingħajr preġudizzju għall-argument li l-esponent ma jistax jipproċedi *motu proprio* f'dawn iċ-ċirkostanzi, dan kollu ma jfissirx illi min-naħa tal-Istat Malti, u minn min għandu dritt jaġixxi, ma hu qed isir xejn, li fundamentalment huwa l-pern tal-lanjanza tal-appellanti u li minħabba fiha huma ħassew il-ħtieġa li jinfetħu dawn il-proċeduri. Ma hemmx il-ħtieġa impellenti li qegħdin jgħidu l-appellanti li tittieħed xi azzjoni llum, u dan għaliex xi kultant huwa għaqli li wieħed joqgħod pass lura u jistenna l-mument opportun. Tenut kont tan-natura tar-reati u tal-pieni li jistgħu jiġu inflitti għal tali reati, peress illi t-terminu ta' preskrizzjoni estintiva ċivili applikabbli huwa l-istess bħal dak penali, u ma hemm ebda preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni kriminali għal min hu mixli b'korruzzjoni meta jokkupa karigi speċifiċi, jew għall-kompliċi tagħhom, l-istat jista' jmexxi ċivilment mingħajr intoppi proċedurali

(ostakoli ġuridiċi) wara l-ġuri, f'każ illi tinstab il-ħtija tal-akkużati, jew min minnhom.

»Fuq kollox, jerġa' jingħad li d-dokumenti mitluba mill-appellanti fir-rikors tagħhom b'ebda mod ma jgħinu sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni prinċipali, *ossia* l-eżistenza tal-poteri *o meno* tal-Avukat tal-Istat. L-esebizzjoni tal-*attachment order* (strettament xi ħaġa illegali), l-imputazzjonijiet u t-tmienja u sebgħin (78) kaxxa li jikkostitwixxu l-inkjesta maġisterjali b'ebda mod ma kienu ser jgħinu lill-ewwel qorti (u din il-qorti wkoll) sabiex tkun f'pożizzjoni aħjar tiddetermina x'poteri legali għandu jew m'għandux l-Avukat tal-Istat.

» Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.«

15. L-intervenuti fil-kawża wieġbu hekk għall-ewwel aggravju:

» L-appellanti hawn jilmentaw mid-digrieti mogħtija mill-ewwel qorti fl-15 ta' Mejju 2024 u fis-27 ta' Mejju 2024 rispettivament … … …

»L-appellanti jasserixxu li "r-raġuni prinċipali għaċ-ċaħda" tat-talbiet tagħhom kienet il-konsiderazzjoni li għamlet l-ewwel qorti li m'hijiex ser tistrieħ fuq "il-pubblikazzjoni fil-ħarġa tal-*MaltaToday*" jew "dikjarazz-jonijiet [oħra] li għamlu terzi fil-*media*". Qari tad-digrieti rispettivi juri iswed fuq l-abjad kemm l-asserzjonijiet tal-appellanti, dwar dik li skont huma kienet il-konsiderazzjoni prinċipali li wasslet lill-qorti sabiex tiċħad it-talbiet tagħhom, sempliċiment m'għandhomx mis-sewwa.

»Hu evidenti *ictu oculi* mill-qari tad-digrieti relattivi, l-ewwel fosthom mogħti fil-15 ta' Mejju 2024 u dak li segwa warajh, fuq l-istess linja ta' ħsieb, fis-27 ta' Mejju 2024, illi meta l-ewwel qorti esprimiet ċensura rigward l-iżvelar tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni relattiva fuq il-meżżi tal-istampa, dan ġustament għamlitu fid-dawl tal-fatt li tali informazzjoni u dokumentazzjoni suppost huma mħarsa bil-kunfidenz-jalità, kif irid (fost oħrajn) l-artikolu 518 tal-Kodiċi Penali – ara f'dan is-sens l-insenjamenti rapportati minn din il-qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Yorgen Fenech *v.* Il-Kummissarju tal-Pulizija *et* (appell ċivili numru 233/19/1) mogħtija nhar it-18 ta' Lulju 2022. Tabilħaqq, waħda fost il-konsiderazzjonijiet prinċipali li wasslet lill-ewwel qorti sabiex tiċħad it-talbiet relattivi – li kontra għal kif ipoġġuha l-appellanti ma kinitx sempliċiment xi osservazzjoni tal-qorti magħmula *in vacuo* dwar l-iżvelar ta' informazzjoni fil-*media* – kienet proprju msejsa fuq dak li jiddisponi l-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali li ma jippermettix l-aċċess, u aktar minn hekk l-għoti, ta' dokumenti tax-xorta mitluba li jiġu esebiti mill-appellanti, "kif ġieb u laħaq". Tassew, fid-digriet tagħha il-qorti osservat dan li ġej:-

»"Kwantu għall-mertu tar-rikors din il-qorti tara li din il-kwistjoni hija regolata minn artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali li fost oħrajn jiddisponi hekk:

»"'L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom, mingħajr permess speċjali tal-qorti, ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ,

> > jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu:'
> >
> > »"'Iżda proċessi verbali u kull xiehda u dokumenti mdaħħlin magħhom għandhom jintwerew, u kopji tagħhom jingħataw, biss fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali u bil-ħlas ta' dawk id-drittijiet li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont l-artikolu 695".
>
> »Din il-parti tal-liġi hija maħsuba li tintuża b'ċirkospezzjoni dwar il-pubbliċità ta' atti bħal dawn għaliex *in ballo* hemm id-drittijiet kostituzzjonali ta' imputat (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta *v.* George Degiorgio, Alfred Degiorgio, Vincent Muscat tat-30 ta' Ottubru 2020). Skond din il-qorti din iċ-ċirkospezzjoni hija aktar aċċentwata meta dak li jkun qiegħed jintalab ikun jirrigwarda terzi li ma jkunux parti fil-proċedura fejn tkun qed issir it-talba."

»Difatti, anke fejn il-liġi fl-artikolu 637(5) tal-Kap. 12 tipprovdi li "ma tistax tintalab l-esibizzjoni ta' proċessi verbali, atti ta' kompilazzjoni, jew dokumenti oħra dwar affarijiet kriminali" sakemm "il-proċess verbal, atti ta' kompilazzjoni, jew dokument ma jkunux iddepożitati fir-reġistru", dan skont l-istess artikolu tal-liġi, jgħodd dejjem "bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali". U kif qalet l-ewwel qorti fid-digrieti tagħha, "l-artikolu 518 jiddisponi li dak li qed jintalab irid isir bil-permess speċjali tal-qorti, u r-referenza ma hiex għal din il-qorti, iżda għall-qorti fil-kompetenza kriminali tagħha għaliex ħadd daqsha ma jaf jekk għandux jinagħata dak il-permess. Hija dik il-qorti li għandha l-kontroll ta' dawk il-proċeduri u hija dik il-qorti li trid tqis jekk ikunx fl-aħjar interess tal-amminstrazzjoni tal-ġustizzja jekk dawk l-atti jiġux rilaxxati lill-qorti oħra f'kompetenza ċivili tagħha.

»Issa għax l-ewwel qorti, fid-digrieti tagħha, imxiet proprju mad-dettami tal-liġi, u ma tatx raġun lill-appellanti fejn kien evidenti li raġun m'għandhomx, allura r-rejazzjoni tal-appellanti (kif qed naraw fl-appell tal-lum) tkun dik li jdawwru dak li qalet il-qorti fid-digrieti tagħha biex imbagħad b'mod skorrett jixluha li marret kontra l-interess tal-ġustizzja, u li ma ħassitx il-ħtieġa u l-awtorità li tipproteġi l-istat

»Imbagħad, konsiderazzjoni ewlenija oħra li wasslet lill-qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-appellanti għall-preżentata tad-dokumenti msemmija, kienet dik illi "l-atturi għamlu din it-talba lil din il-qorti meta skond il-*proviso* tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali din it-talba setgħu għamluha lill-Avukat Ġenerali. Jekk dan imbagħad juża d-diskrezzjoni ħażina li tafdalu l-liġi allura jistgħu dejjem jinvokaw id-drittijiet kostituzzjonali tagħhom (ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet Onor. Adrian Delia bħala Kap tal-Oppożizzjongi u bħala Kap tal-Partit Nazzjonalista *v.* L-Avukat Ġenerali)". Iżda f'għajnejn l-appellanti, l-ewwel qorti poġġiet "lilha nfissha f'bozza" u naqset milli tipproteġi l-istat għax ma tathomx l-opportunità li jissorvolaw il-proċedura stabbilita bil-liġi u minflok jimxu ma' proċedura (mhux konformi mal-liġi) li tkun tgħodd għalihom biss.

»Finalment, l-ewwel qorti qieset ir-rilevanza tat-talbiet tal-atturi appellanti għall-preżentata tad-dokumenti msemmija "fid-dawl tat-talbiet fir-rikors ġuramentat" u ġustament fissret illi "dak li qegħdin jitolbu l-atturi huwa kjarament punt ta' liġi li jista' jiġi riassunt fis-segwenti: li l-konvenut Avukat tal-Istat għandu d-dmir skond artikolu 91A tal-Kostituzzjoni li jaġixxi indipendentement minn kull direzzjoni

governattiva u li għandu hekk jaġixxi kontra l-ogħla esponenti fil-Gvern u dan wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 rikors numru 133/18 għaliex ukoll din is-sentenza tammonta għall-awtorizazzjoni biex il-konvenut Avukat tal-Istat hekk jaġixxi. Dan ifisser li ma humiex jitolbu lil din il-qorti biex tindaga jekk il-konvenut Avukat tal-Istat qediex il-funzjonijiet tiegħu skont il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra kif irid l-artikolu 124(10) tal-Kostituzzjoni iżda li effettivament din il-qorti tordnalu jaġixxi fid-dawl ta' dik is-Sentenza. Ifisser ukoll li din il-qorti trid tqis l-istat tal-affarijiet kif kienu dakinhar li ġiet prolatata dik is-sentenza u mhux *ex post facto* bl-okkorrenza ta' eventi li seħħew wara d-data ta' dik is-sentenza**.** Din il-qorti onestament ma tistax tara dak li qiegħed jintalab fir-rikors ġuramentat għandu rilevanza ma' dak li qiegħed ikun mitlub fir-rikors odjern.

»L-ewwel qorti ma setgħetx tkun aktar korretta dwar dan il-punt, u kull darba li l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom jinsistu (i) li l-"prova" li riedu jagħmlu bil-preżentata tad-dokumenti u l-atti msemmija kienet "tagħti iktar ragun għat-talbiet tagħhom" u ġġib l-istess talbiet "iktar infurzati u veritjieri", u (ii) li "huwa impellanti illi dawn l-atti … jiġu inseriti fl-atti ta' din il-kawża aktar u aktar issa", l-appellanti qed jagħtu x'jifhmu li lanqas biss jikkomprendu n-"natura" tal-azzjoni minnhom stess promossa, u l-punt ta' dritt hawn dibattut. Fil-verità l-appellanti jafu u jifhmu tajjeb biżżejjed kemm l-azzjoni stirakkjata tagħhom hi totalment fiergħa u bla bażi; jafu u jifhmu tajjeb biżżejjed kemm id-deċiżjoni meqjusa tal-ewwel qorti dwar din l-azzjoni fiergħa tagħhom hi għal kollox siewja u korretta, u kemm għalhekk m'hemm assolutament ebda bażi mistħoqqa fil-liġi għall-akkoljiment ta' dan l-appell. Proprju għaliex konxji minn dan kollu, l-appellanti issa jippruvaw jitfgħu attenzjoni fuq l-episodji li seħħew wara li ġiet prolatata s-sentenza ta' din il-qorti tat-23 t'Ottubru 2023 biex f'dan l-istadju tal-appell jipprovaw jagħtu "sens" differenti lill-azzjoni fiergħa tagħhom bit-tama li jingħataw xi forma ta' raġun fejn hu evidenti li m'għandhom raġun ta' xejn.

»Jiġi mfakkar illi "l-Qrati Superjuri huma marbuta li jimxu mal-kawżali u mat-talbiet kif imniżżla fir-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża. Jekk it-talbiet ikunu mfassla fuq xi kawżali partikolari, ir-rikorrent ma jistax jistenna lill-qorti li tinvestiga 'lil hinn minn dik il-kawżali'. Ġie tabilħaqq imtenni kemm-il darba minn din il-qorti li l-kawżali hekk kif imfissra fir-rikors maħluf ma tistax tiġi mibdula matul it-trattazzjoni tal-kawża u li kieku l-qorti ma toqgħodx fil-limiti ta' dak li jkun ġie mitlub, is-sentenza mogħtija tkun milquta bil-vizzju tal-*ultra* jew l-*extra petita*"[1]. Kuntrarja-ment għal kif issa l-appellanti, b'mod intenzjonalment żbaljat, jip-provaw ipoġġuha f'partijiet mir-rikors tal-appell tagħhom, bl-azzjoni tal-lum il-qorti ma ġietx mitluba tistħarreġ jekk il-proċeduri penali pendenti jew il-*proces verbal* jirradikawx, jew le, xi xorta ta' jedd ta' azzjoni *a tenur* l-artikolu 1051A tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta, jekk hux jew le eżerċitabbli mill-Avukat tal-Istat *motu proprio* – kull konsiderazzjoni f'dan ir-rigward tiżboq għal kollox il-mertu ta' din l-azzjoni.

»Il-materja prettament ta' dritt dibattuta f'din il-kawża tirrigwarda speċifikament dwar jekk (i) l-Avukat tal-Istat għandux is-setgħa

---

[1] »Sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet Mark Cassar *v.* Direttur tad-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali *et* (appell qivili numru 10/2007/1) deċiża fil-25 ta' Ottubru 2023«

konferita lilu bil-liġi li tirregolah, fost oħrajn bl-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni moqri flimkien mal-artikolu 2 tal-Kap. 603 tal-liġijiet ta' Malta biex, bl-eżerċizzju tal-ġudizzju individwali tiegħu, jmexxi *motu proprio* b'azzjoni taħt l-artikolu 1051A tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta; jew inkella (ii) jekk wara s-sentenza ta' din il-qorti tat-23 t'Ottubru 2023 għandux jiġi ddikjarat li l-Avukat tal-Istat jista' jmexxi f'ismu proprju b'azzjoni taħt l-artikolu 1051A[2]; jew inkella (iii) jekk l-istess sentenza tat-23 t'Ottubru 2023, awtoriżżatx lill-Avukat tal-Istat biex imexxi f'ismu proprju b'azzjoni taħt l-artikolu 1051A. Wieħed josserva wkoll kontradittorjetà u ambivalenza manifesta bejn kull waħda fost it-talbiet attriċi, biss dan il-punt ġie ampjament ittrattat fil-prim'istanza, u għalhekk hawn l-esponenti, filwaqt li jagħmlu riferenza għas-sottomissjonijiet finali tagħhom quddiem l-ewwel qorti, iżidu biss li dan hu punt li jolqot il-proponibilità u l-validità ritwali tal-azzjoni fiha nfisha, u għalhekk hu ta' xejra perentorja, li joqtol l-azzjoni *a priori,* sollevabbli wkoll mill-qorti *ex officio,* inkluż fi stadju ta' appell.

»Issa, hu minnu li l-esponenti ma oġġezzjonawx għall-preżentata talatti u dokumenti dwar il-proċessi / materji kriminali mitluba mill-appellanti quddiem l-ewwel qorti; biss xieraq wieħed ifakkar ir-raġunijiet għala l-esponenti għamlu dan, li m'humiex dawk li jalludu l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom. L-esponenti (quddiem l-ewwel qorti) fissru li l-atti u dokumenti li ntalbu jigu ppreżentati mhux talli m'humiex, kif qalu l-atturi (appellanti), *"*intimament konnessi mal-mertu ta' din il-kawża*",* talli dawn id-dokumenti jipprovdu waħda fost l-iprem konfermi dwar l-improponibilità tal-azzjoni fiha nfisha u l-konsegwenzi ferm perikolużi li ġġib magħha.

»Tassew, kif wieġbu l-esponenti għar-rikors tat-8 ta' Mejju 2024, l-atturi (appellanti) b'din il-kawża, mhux biss qed jistiednu lil din il-qorti taddossa fuq l-Avukat tal-Istat setgħat li m'għandux bil-liġi, biex dan imbagħad jaġixxi fil-parametri imfassla mill-appellanti, talli dan kollu qed jintalab meta il-proċeduri penali li għalihom qed issir riferenza mill-appellanti għadhom pendenti u m'hemm ebda ġudizzju finali dwarhom fil-konfront ta' ħadd; anzi l-istess proċeduri għadhom fi stadju bikri. U jgħodd hawnhekk il-prinċipju sagrosant, imħares bl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni, tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Hija għalhekk ferma, konvinzjoni tal-esponenti li bl-istess mod li din il-qorti fis-sentenza tagħha tat-23 t'Ottubru 2023, ben konxja mill-mertu tal-azzjoni li kellha quddiemha u mill-parametri tal-ġurisdizzjoni tagħha, ma tat ebda ordni jew direzzjoni lill-Avukat tal-Istat biex jaġixxi fil-parametri imfassla mill-appellanti, daqstant ieħor issa, fl-għerf tagħha, mhux ser titħalla tiġi indotta fl-iżball li, evidentement f'dan l-appell, qed jipprovaw jinduċuha fih l-appellanti, li tippronunzja ruħha, jew imqar tesprimi ruħha, b'mod li tista' imqar ixxellef dan id-dritt sancit fl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni.

»Jingħad hawn, b'mod partikolari, li kien ikun aktar għaqli għall-appellanti li joqogħdu attenti qabel ma jesprimu leġġerment f'dan l-appell tagħhom dikjarazzjonijiet ripetuti ta' "kundanna" fil-konfront ta' whud bħala "korrotti", "frodisti", "ħallelin", "ħassiela tal-flus" (u oħrajn). Dikjarazzjonijiet ta' din ix-xorta ventilati fl-atti ta' din il-kawża, f'mument fejn il-proċeduri penali msemmija għadhom *sub judice*, saħansitra fl-istadju inizjali tagħhom**,** huma minn tal-anqas, dikjarazzjonijiet irresponsabbli għall-aħħar. *Vide* Il-Pulizija *v.* Dr Noel Arrigo u Dr Patrick Vella (appell ċivili numru 22/2002/1).

»… … …

»Huwa f'dan it-terren perikoluż li fih l-appellanti qed jistiednu lil din il-qorti tiddirezzjona ruħha, b'mod li tispiċċa anke toltrepassa l-limitu tal-ġurisdizzjoni tagħha u l-parametri li fihom għandha tagħti l-ġudizzju tagħha – kieku qatt kellha tagħti aditu għal dawn l-argumenti miġjuba mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom (fejn ġebbdu, jekk mhux ukoll dawwru, is-sens u l-portata tal-azzjoni minnhom promossa, lil hinn mill-kawżali u d-domandi kif imniżżla fir-rikors maħluf li bih tnediet il-kawża).

»Tassew, kontra għal kif skorrettement jippruvaw ipinġuha l-appellanti, jiġi ribadit illi m'hemm ebda ġudizzju definittiv mod jew ieħor fil-konfront tal-persuni indizzjati fl-inkjesta dwar l-*in genere* redatta mill-Magistrat Dr Gabriella Vella, kontra liema persuni indizzjati fil-*proces verbal* issa l-appellanti jridu li titmexxa azzjoni ċivili taħt l-artikolu 1051A tal-Kodici Ċivili mill-intimat f'din il-kawza. Hemm biss (i) proċeduri penali li għadhom kif ġew mibdija u li għalhekk għadhom fl-istadju bikri tagħhom u ma hemm ebda ġudizzju finali dwarhom u (ii) qabel dan, kien hemm inkjesta maġisterjali fejn in-natura guridika tal-*proces verbal* hi dik li hi. Tassew, kif jgħallmuna l-Qrati tagħna, "l-inkjesta maġisterjali b'ebda mod ma tista' tkun kunsidrata bħala "*a trial*" iżda kostatazzjoni ta' fatti, għalkemm il-maġistrat spiss jesprimi opinjoni (merament fuq bażi *prima facie*) dwar jekk għandhomx jittieħdu proċeduri fil-konfront ta' persuna jew persuni in konnessjoni ma' xi reat"[2]. Hekk kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet L-On. Dr Simon Busuttil kontra L-Avukat Generali (86/2017) deċiża minn din il-qorti (fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha) nhar it-30 ta' Novembru 2017, "inkjesta magisterjali hija intiża biex tikkonserva l-*in genere* u ma twassal qatt għal ġudizzju finali, u kwalunkwe konklużjoni hemm milħuqa hija dejjem a bażi ta' *prima facie*".

»M'hemm ebda raġuni fil-liġi, la impellenti jew pronunzjata u lanqas xorta oħra, biex l-Avukat tal-Istat jaġixxi kif iridu l-appellanti. Hu m'għandu l-ebda setgħa bil-liġi biex jagħmel dan, u żgur li l-imsemmija proċeduri penali m'humiex xi *freeway pass* biex l-Avukat tal-Istat jaġixxi *ultra vires* 'il fuq mil-liġi li tirregolah. Imbagħad, terġa' aktar minn hekk, kif anke fisser l-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu għall-appell odjern, l-imsemmija proċeduri penali, fejn hemm anke marbuta magħhom l-*attachment and freezing orders* relattivi għall-kawtela ta' kull ammont li presumibbilment jaf jinstab dovut, jipprovdu konferma ċara oħra dwar kemm il-kors ta' azzjoni li l-appellanti qed jisħqu li għandu jittieħed m'huwiex tabilħaqq il-kors ta' azzjoni legalment f'loku**.** Għalhekk wieħed lanqas biss jibda jimmaġina r-ramifikazzjonijiet li ġġib magħha din il-kawża li kieku qorti, aktar u aktar f'xenarju bħal dan, kellha qatt tiġi indotta fl-iżball li qed jipprovaw jinduċuha fih l-appellanti, jekk tesprimi ruħha b'mod li għandha titmexxa azzjoni, jew aktar minn dan, attwalment tordna lill-Avukat tal-Istat jmexxi b'azzjoni kontra dawk il-persuni indizjati fil-process verbal kif iridu l-appellanti u fil-parametri imfassla mill-appellanti. Kif qalet sewwa l-ewwel qorti, "dak li qed

[2] »*Vide,* fost oħrajn, is-sentenza fl-ismijiet Il-Kummissarju tal-Pulizija George Grech *v.* Id-Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qrati u l-Avukat Ġenerali (rikors numru 20/01) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar is-17 ta' Jannar 2002; u s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) *v.* Jonathan Hili, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-4 ta' Mejju 2021.«

> jintalab mhux li din il-qorti tissindika jekk l-Avukat tal-Istat għamilx xogħolu fil-limiti tal-*vires* li tagħtih il-liġi iżda addirittura lil din il-qorti li tiddikjara u tiddeċiedi li 'għandu jagixxi kontra'. Din ħaġa impossibbli, għaliex kif diġà ngħad skont l-artikolu 91A ħadd, inkluża din il-qorti, ma jista' jordna jew jagħti direttivi lill-Avukat tal-Istat. Kieku tagħmel hekk, din il-qorti tkun qed tikser il-Kostituzzjoni hi stess.
>
> »Fid-dawl ta' dan kollu, jingħad sempliċiment li kien ikun aktar indikat għall-appellanti li, flok jinqdew b'dan l-appell biex mingħalihom jipprovaw jinduċu lil din il-qorti biex fis-sentenza tagħha tippronunzja ruħha b'mod li jista' jimpatta l-imsemmija proċeduri penali bil-mod ħażin li jridu huma, iħallu l-istess proċeduri penali jitmexxew b'serenità. Għaliex dan hu l-effett prattiku li ġġib magħha l-azzjoni tal-lum, li l-Avukat tal-Istat jiġi mġiegħel imexxi b'azzjoni li, barra li m'għandux is-setgħa bil-liġi li jistitwixxi *oltre* konsiderazzjonijiet oħra epurati fir-risposta tal-intimat appellat, m'hijiex azzjoni leġittimament flokha u għandha proprju l-effett li tiffrustra l-azzjonijiet f'lokhom li ttieħdu b'rabta ma din il-viċenda. Anzi aktar minn hekk, kif fisser l-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu għal dan l-appell, l-azzjoni li l-appellanti jridu lill-istess Avukat tal-Istat jistitwixxi "tilledi fuq l-integrità tal-proċess kriminali u dak tal-arbitraġġ internazzjonali.«

16. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tiċħad it-talbiet għall-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti huma tnejn: i. għax l-atturi ma mxewx bil-proċedura li jrid l-art. 518 tal-Kodiċi Kriminali u ii. għax id-dokumenti li jridu l-atturi ma għandhomx relevanza għall-għanijiet ta' din il-kawża.

17. Din il-qorti taqbel kemm mal-ewwel raġuni u kemm mat-tieni raġuni mogħtija mill-ewwel qorti.

18. L-art. 518 tal-Kodiċi Kriminali jgħid illi l-awtorizzazzjoni biex jinħarġu kopji tad-dokumenti li jridu l-atturi tingħata biss mill-qorti ta' kompetenza kriminali jew mill-Avukat Ġenerali, u mhux minn din il-qorti. Imbagħad, jekk dik l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat mill-awtorità kompetenti, ikun imiss lill-qorti ta' kompetenza ċivili tiddeċiedi jekk id-dokumenti għandhomx relevanza għall-meritu quddiemha biex jistgħu jiddaħħlu fl-atti tagħha. Fil-każ tallum lanqas saret l-ewwel fażi tal-proċess – dik li tintalab l-awtorizz-

azzjoni tal-qorti ta' kompetenza kriminali – u għalhekk lanqas tista' tinbeda t-tieni fażi.

19. Imbagħad, kif ukoll osservat l-ewwel qorti, essenzjalment il-kwistjonijiet li jitnisslu minn din il-kawża huma tnejn: i. jekk fiċ-ċirkostanzi mfissra mill-atturi l-Avukat tal-Istat għandux is-setgħa li jmexxi bil-qorti kontra terzi; u ii. jekk għandu din is-setgħa, huwiex ukoll marbut li jmexxi bil-qorti u jistax jiġi mġiegħel imexxi hekk. Biex tingħata tweġiba għal dawn iż-żewġ mistoqsijiet ma huwiex meħtieġ li din il-qorti tgħid ukoll min huma t-terzi li l-Avukat tal-Istat jista' u għandu jmexxi kontriehom. U lanqas ma hu kompitu ta' din il-qorti li tgħid jekk dawn it-terzi għandhomx iwieġbu għall-ħsara li seħħet, u għalhekk ma jeħtiġilhiex tkun taf min huma. Huwa biżżejjed, biex tilqa' għall-oġġezzjoni li l-kwistjonijiet li jitnisslu minn din il-kawża jwasslu biss għal eżerċizzju akkademiku, li jingħad illi s-sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' Ottubru 2023 (rik. 133/2018) sabet, bla ma kellha għalfejn tgħid min huma, li hemm terzi li mxew b'kollużjoni u għalhekk b'*mala fide*.

20. Din il-qorti tagħlaq billi tgħid illi taqbel mal-Avukat tal-Istat illi ċertu kliem użat fir-rikors tal-appell huwa kliem żejjed u ma għandux jitħalla jidħol f'atti tal-qorti. L-atti tal-qorti għandu jkun fihom dak kollu, iżda dak biss, li jkun meħtieġ għas-soluzzjoni tal-vertenza, u mhux biex isiru stqarrijiet għall-platea.

21. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

22. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »Ma huwiex minnu li l-Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru 2023 stqarret dak li stqarret *obiter* iżda dawn … kienu r-raġunijiet u motivi li wasslu għall-parti disposittiva tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Appell sabet frodi, kollużjoni u qerq mill-ogħla uffiċjali tal-Gvern mas-soċjetà *Vitals* u sussegwentement *Steward*, tant illi varjat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in kwantu li indikat lill-ogħla uffiċjali tal-Gvern Malti bħala atturi principali fil-kollużjoni mal-istess soċjetajiet *Vitals* u sussegwentement *Steward* u waħħlet lill-konvenut Avukat tal-Istat u l-intimati l-oħra biex iħallsu parti mill-ispejjeż tal-kawża.
>
> »… … …
>
> »Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet bis-sentenza tagħha tal-11 ta' Lulju 2024 fil-kawża fl-ismijiet premessi illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 t' Ottubru 2023 stqarret li kien hemm korruzzjoni, frodi u kollużjoni bejn il-partijiet fil-bejgħ tal-isptarijiet lill-kumpannija *Vitals* u sussegwentement *Steward*.
>
> »Hija sabet mhux biss *Vitals* / *Steward* li kkommettew frodi *vis-à-vis* l-istat imma wkoll ġie pperpetrat mill-ogħla ufficjali fil-Gvern Malti, biex b'hekk hija sabet id-dolożità mhux biss f'*Vitals* u *Steward* imma wkoll fil-Gvern Malti.
>
> »Hija tat ir-raġunijiet għaliex hija biddlet u żiedet id-doża tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Frar 2023 u tat ir-raġunijiet għal dan, u dan ma stqarritux *obiter* imma kienu r-raġunijiet u l-motivi għaliex hija bidlet ir-raġunament tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u s-sentenza in prim'istanza.
>
> »Għalhekk mhuwiex minnu illi dak li stqarret il-Qorti tal-Appell kien *obiter* imma kienu l-motivazzjonijiet u r-raġuni li wasslu għas-sentenza fuq riferita u, jekk wieħed jara l-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell stqarret f'paragrafu 18 tal-istess sentenza s-segwenti:
>
> > »"Fil-fehma ta' din il-qorti l-mod kif svolġiet l-istorja juri mhux qerq minn naħa u inġenwità min-naħa l-oħra, kif emmnet l-ewwel qorti, iżda kollużjoni bejn is-soċjetajiet appellanti u esponenti għolja tal-Gvern jew tal-aġenziji tiegħu li wasslet biex saru kuntratti simulati maħsuba mhux biex jagħtu servizz mediku ta' kwalità iżda iżda biex jilħqu għanijiet oħra."
>
> »Altru milli *obiter*, imma parti mill-motivazzjoni tal-istess sentenza, fejn il-Qorti tal-Appell mhux biss sabet ingann f'*Vitals* u *Steward*, kif sabet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Frar 2023, imma kif hemm imniżżel f'paragrafu 67 tal-istess sentenza:
>
> > »"Rajna illi l-għoti tal-konċessjoni lis-soċjetajiet appellanti ma kienx riżultat ta' inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet iżda riżultat ta' kollużjoni bejn iż-żewġ partijiet, li seħħet mhux biss meta ntgħażlu s-soċjetajiet appellanti bħala oblatur preferut wara li ngħataw aċċess għal informazzjoni privileġġjata, u meta ngħatat il-konċessjoni meta kien magħruf li ma kinitx fattibbli, iżda wkoll meta l-ftehim suppost kellu jitwettaq u, għalkemm ma sar xejn, min suppost kellu d-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż, flok ħares dawk l-interessi, ta estensjoni wara oħra ta' żmien biex ma joħroġx fil-berah li l-ftehim kien biss faċċata flok "*the real deal*" u

kompla ħallas miljuni ta' euro lis-soċjetajiet appellanti għalkemm dawn ma kinux qegħdin iwettqu l-obbligazzjonijiet tagħhom."

»Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tkompli bil-motivazzjonijiet tagħha f'paragrafu 68 tal-istess sentenza:

»"Ma hux magħruf għalfejn min suppost kellu d-dmir li jħares l-interessi tal-pajjiż naqas milli jħares dawn l-interessi u, minflok, aktar kellu għal qalbu l-interessi tas-soċjetajiet appellanti, tant illi, meta wieġbu għar-rikors maħluf, il-konvenuti l-oħra iddefendew il-posizzjoni tas-soċjetajiet appellanti u kien biss meta sar dan l-appell li bdew jiddefendu s-sentenza li tat raġun lill-attur. Il-fatt hu iżda li naqsu minn dmirhom lejn il-pajjiż, ma fittxewx ir-rimedji li messhom fittxew u kellu jkun l-attur li ħa l-inizjattiva biex fl-interess tal-pajjiż ifittex dawk ir-rimedji billi jimpunja l-kuntratt ta' konċessjoni u l-kuntratti marbuta miegħu."

»Dawn il-motivazzjonijiet fis-sentenza wasslu lill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha kif hemm dispost f'paragrafu 98 tal-istess sentenza:

»"… … … billi l-kollużjoni kienet bejn il-konvenuti appellanti u l-esponenti tal-Gvern jew tal-aġenziji tiegħu, huwa xieraq illi kull wieħed mill-konvenuti jbati sehem mill-ispejjeż. L-aggravju sejjer għalhekk jintlaqa' billi l-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bejn il-konvenuti appellanti u l-konvenuti l-oħra."

»Konsegwentement, minflok akkoljiet [*sic*] l-ispejjeż tal-kawża lil *Steward*, kif għamlet l-ewwel qorti, bis-sentenza tagħha, kif jirriżulta mill-paragrafu 112:

»"L-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bin-nofs bejn it-tliet soċjetàjiet appellanti min-naħa l-waħda u l-konvenuti l-oħrajn min-naħa l-oħra. L-ispejjeż tal-appell ewlieni, billi l-konvenuti l-oħra ressqu eċċezzjonijiet li ma ntlaqgħux, jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) iħallsuhom it-tliet soċjetajiet appellanti flimkien u s-sehem l-ieħor minn tlieta ($^1/3$) jħallsuh il-konvenuti l-oħra flimkien. L-ispejjeż tal-appell tat-terz tħallashom l-appellanti *Steward Health Care International, S.L.U.* (*Steward Spain*)."

»Dan juri biċ-ċar illi mhuwiex minnu li l-Qorti tal-Appell stqarret *obiter* dak li hija ddeċidiet fis-sentenza tagħha tat-23 t'Ottubru 2023, imma immotivat għaliex hija varjat dik l-istess sentenza u akkoljiet l-ispejjeż tal-kawża in prim'istanza nofs b'nofs bejn *Steward* u *Vitals* min-naħa l-waħda u l-awtoritajiet governattivi min-naħa l-oħra.

»Għalhekk kien hemm rabta bejn il-motivazzjonijiet u d-dispost tas-sentenza għaliex, kieku dan ma kienx minnu, ma kinitx takkolji parti mill-ispejjeż tal-istess kawża fuq il-Prim'Ministru, l-Avukat Ġenerali (illum l-Avukat tal-Istat), il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-artijiet, u ċ-*chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-artijiet.«

23. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»Fejn l-ewwel aggravju kien almenu kjarament artikolat fuq xi ħaġa partikolari li għamlet l-ewwel qorti u li magħha l-appellanti ma jaqblux, l-istess ma jistax jingħad fuq it-tieni 'aggravju', u dan għal tliet raġunijiet prinċipali. Fis-suċċint:

»A. L-aggravju huwa null peress li ma huwiex appell minn xi deċiżjoni partikolari tal-ewwel qorti iżda hu sempliċiment elenku ta' fatti mill-perspettiva tagħhom. Għalhekk huwa null;

»B. Mingħajr preġudizzju għall-premess, proprju wkoll għaliex huwa sempliċment il-*punto di vista* fattwali tal-appellanti, dan l-'aggravju' huwa legalment inammissibli *stante* nuqqas ta' utilità ġuridika; u

»Ċ. Mingħajr preġudizzju għall-premess, u sempliċiment għall-kompletezza, l-argumenti mressqa f'dan l-aggravju jikkostitwixxu interpretazzjoni skorretta tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża 133/2018.

»Dawn ser jiġu ikkunsidrati wieħed wieħed, wara xulxin, kif ġej.

»A. Nullità:

»L-ewwel nett, it-tieni 'aggravju' tal-appellanti huwa, fil-fehma tal-esponent, nieqes mill-elementi neċessarji sabiex jikkostitwixxi aggravju għall-finijiet tal-liġi. Minn qari tal-paragrafi kollha konċernanti t-tieni 'aggravju', ma hemm l-ebda impunjazzjoni speċifika ta' xi sejbien tal-ewwel qorti. Effettivament, it-tieni 'aggravju' huwa rendikont soġġettiv, mill-*punto di vista* tal-appellanti, ta' x'seħħ f'din il-viċenda u aktar jixbaħ kostatazzjonijiet ta' fatti milli aggravju veru u proprju. Isegwi għalhekk li dan l-'aggravju', kif ippostulat mill-appellanti, huwa null.

»… … …

»… … … Anke jekk hemm xi kumment *obiter* tal-ewwel qorti li għal xi raġuni jew oħra vvessa lill-appellanti, dan ma jfissirx li għandhom jipproċedu b'aggravju appożitu proprju għal dan il-kumment. Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet biss, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud in kwantu huwa null *ab initio*.

»B. Inammissibilità:

»Fit-tieni nett, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent hu tal-fehma li tali 'aggravju' m'għandux utilità ġuridika u, konsegwentement, huwa inammissibbli.

»Kien biss fir-rikors tal-appell (*stante* illi sa l-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom kienu qed jargumentaw diversament), li l-appellanti biddlu r-rotta kompletament għaliex it-tieni 'aggravju' ma huwiex qed jirrifletti t-tieni talba fir-rikors ġuramentat promotur. Mela, jingħad għal skop ta' kjarezza illi, sakemm ingħatat is-sentenza appellata, l-appellanti kienu qegħdin jargumentaw illi permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (fil-kawża bir-rikors numru 133/18) l-Avukat tal-Istat ingħata (u kwindi kellu bżonn) "biżżejjed awtorizżazzjoni sabiex jieħu l-passi neċessarji u opportuni". Issa, fl-appell tagħhom qegħdin jipprovaw jistradaw lil din il-qorti merament sabiex issib l-eżistenza ta' "rabta bejn il-motivazzjonijiet u d-dispost tas-sentenza" (tal-kawża bir-rikors numru 133/18) biex, b'xi mod imġebbed għall-aħħar, jerġgħu jittentaw jisiltu xi argumentazzjoni minn xi dikjarazzjoni *obiter* tal-Qorti tal-Appell possibilment bit-tir li jistitwixxu proċeduri ulterjuri ġodda.

»Jidher ċar illi issa għollew il-bandiera bajda f'dan ir-rigward għaliex, effettivament, qegħdin jammettu illi l-esponenti ma jistax jaġixxi abbażi tas-sentenza tal- Qorti tal-Appell (fil-kawża bir-rikors numru 133/18). B'hekk, l-atturi appellanti stess jipprospettaw illi l-unika bażi sabiex l-esponenti jaġixxi trid temana minn fonti / sors ieħor, mhux mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

»Proprju għaliex l-atturi appellanti biddlu r-rotta, kif hawn fuq spjegat, it-tieni 'aggravju' ma jista' qatt ikun sostenibbli *ab initio* għaliex m'huwiex abbinat, lanqas remotament, ma' xi talba tal-appellanti li saret fir-rikors ġuramentat promotur. Fil-fatt jekk l-'aggravju' jintlaqa', dan ma jwassalx sabiex tintlaqa' xi talba li saret mill-appellanti fir-rikors promotur ġuramentat tagħhom. L-aggravju m'għandux, u ma jistax ikollu, utilità ġuridika għall-appellanti.

»Huwa paċifiku illi l-interess li wieħed jaġixxi għal konsegwiment ta' dritt li jgħid li għandu hi kundizzjoni *sine qua non* mhux biss tal-azzjoni proposta imma wkoll tal-appell mid-deċiżjoni fuq dik l-azzjoni … … …

»… … …

»Ċ. Interpretazzjoni skorretta:

»Kif diġà ngħad, dan l-aggravju ma għandu ebda skop, għajr ħlief iservi lill-appellanti biex jirrepetu l-isfond fattwali li fi kwalsiasi każ huwa immaterjali għall-vertenza odjerna. Fl-aħjar ipoteżi għalihom, permezz ta' dan l-'aggravju', għal darba oħra l-appellanti qegħdin jippruvaw biss ifasslu d-dimensjoni ta' din il-kawża fuq il-binarji li, mingħalihom, jaqblilhom biex forsi l-azzjoni ġudizzjarja tagħhom ikollha xi ċans tirnexxi.

»… … …

»Kif jirriżulta mid-depożizzjoni tal-Avukat tal-Istat, l-appellanti qegħdin jinterpretaw is-sentenza tal-Qorti tal-Appell skorrettement. Dan għaliex il-Qorti tal-Appell, fil-kawża bir-rikors numru 133/2108, ħasset li kellha tidħol fi kwistjonijiet ta' kollużjoni *o meno* sabiex jiġi stabbilit il-*locus standi* tal-attur li jattakka l-konċessjoni ta' art pubblika bi ksur tal-liġi (li f'dak il-każ kien l-Onor. Dr Adrian Delia), b'kuntrast għal azzjoni ta' infurzar ta' kundizzjonijiet ta' konċessjoni magħmula legalment. Tali kawża ma saritx sabiex jittieħdu proċeduri ċivili taħt l-artiklu 1051A tal-Kodiċi Ċivili, tant illi l-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili ma jissemmiex fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Barra minn hekk, kif ser jiġi muri iktar 'l isfel, l-rtikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili, iċċitat fil-paragrafu 3 (fost ħafna oħrajn) tar-rikors tal-appell odjern, mhux applikabbli għal din il-vertenza.

»L-esponenti jissottometti illi, sabiex qorti tkun tista' tordna jew tawtorizza li jittieħdu proċeduri, tali jedd irid joħroġ mill-liġi. Hekk, per eżempju, meta l-Qorti tal-Maġistrati tordna illi l-Kummissarju tal-Pulizija imexxi bi prosekuzzjoni, dan tagħmlu bis-saħħa tal-artikolu 541(1) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta. L-istess jingħad dwar ordni ta' protezzjoni bis-saħħa tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (fir-rikors numru 133/18) hijiex "biżżejjed awtorizzazzjoni sabiex l-istess Avukat tal-Istat jieħu l-passi neċessarji u opportuni ..." huwa immaterjali ġjaladarba ebda liġi ma tippermetti illi tingħata tali awtorizzazzjoni *ab initio*. Dan ukoll għaliex meta u fejn l-Avukat tal-Istat jista' jaġixxi *motu*

*proprio*, m'għandu bżonn l-ebda awtoriżżazzjoni mingħand ħadd, wisq anqas mill-Qorti tal-Appell, b'kull rispett lejha.

»Ma' dan irid jingħad illi, kif xehed l-Avukat tal-Istat, ma saret l-ebda notifika jew komunika lill-Avukat tal-Istat f'dan is-sens, jiġifieri sabiex l-esponent jieħu xi azzjoni ċivili kif qed jippretendu l-appellanti illi jagħmel l-esponenti.

»*Inoltre*, jiġi sottomess illi l-Qorti tal-Appell ma tat awtoriżżazzjoni ta' xejn, kuntrarjament għal dak li jgħidu l-appellanti. U bir-rispett kollu lejha, lanqas setgħet tagħmel hekk, *stante* li altrimenti hija tkun qiegħda takkapparra għaliha setgħat li effettivament il-ligi ma tagħtihiex, u li jappartjenu lill-fergħa eżekuttiva tal-Istat. Għall-kompletezza jingħad illi deċiżjoni bħal dik kienet tkun *extra petita*.

»L-appellanti jibbażaw il-każ tagħhom, b'mod ġeneralizzat, fuq l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni u jittentaw jabbinawh mal-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili, tant illi dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet legali jissemmew kontinwament fir-rikors tal-appell.

»Fil-paragrafu 3 tar-rikors tal-appell, l-appellanti jsostnu illi "minkejja dan, l-Avukat tal-Istat iħoss li huwa ma jistax jaġixxi mingħajr l-awtoriżżazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri kuntrarjament għal dak li l-Kostituzzjoni fl-artikolu 91A timponi fuqu". Dan mhuwiex minnu. L-Avukat tal-Istat qatt ma ddikjara u / jew xehed hekk u / jew kiteb hekk. L-appellanti jiddikjaraw, in sostenn ta' dan l-aggravju, illi l-Qorti tal-Appell "waħħlet lill-konvenut Avukat tal-Istat". Dan mhux minnu għaliex l-Avukat tal-Istat ma setax ikun attur f'kawża li nfetħet qabel ma daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 212 tal-2023, jiġifieri qabel id-19 ta' Settembru 2023, liema Avviż Legali ittrasferixxa poter li (preċedentement) kien tal-Avukat Ġenerali lill-Avukat ta' l-Istat.

»Jidher, anke minn sempliċi qari tat-tieni 'aggravju', li l-kawża odjerna qiegħda tintuża sabiex isir ridimensjonament tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell billi l-ewwel qorti taġixxi bħala qorti ta' reviżjoni u / jew ta' kassazzjoni, din *essendo* ħaġa illi tali qorti hija prekluża milli tagħmel. Dan jirriżulta partikolarment mill-kliem "... kif misjub *ai termini* tal-istess sentenza finali".

»Jekk is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (rikors numru 133/2018) hija finali ma tistax tingħata effetti *oltre* dak li tistabbilixxi u / jew tiddikjara u / jew tordna fil-parti dispożittiva. Dik is-sentenza ma tagħti ebda ordni fis-sens illi l-Avukat tal-Istat għandu jiehu kwalsiasi azzjoni, kif iridu l-appellanti. *Inoltre*, dik is-sentenza lanqas biss tindika min huma "l-ogħla esponenti involuti fil-Gvern Malti preżenti u / jew passati li aġixxew b'għemil doluż, frawdolenti u kolluživ ma' terzi, kontra l-interessi tal-Istat Malti *…"* Jigi sottolineat, f'dan l-istadju, illi l-Qorti tal-Appell (fil-kawża bir-rikors maħluf numru 133/18) ma ssenjalat ebda persuna b'isimha.

»Apparti minn hekk, tajjeb li jingħad li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża numru 133/2018 ġà ġiet eżegwita bir-rexxissjoni tal-konċessjoni emfitewtika, kif jirriżulta wkoll mid-digriet ta' astensjoni tal-imħallef illi lilu ġiet oriġinarjament assenjata l-kawża odjerna.

»Fi kwalsiasi każ, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (fil-kawża bir-rikors maħluf numru 133/18) *per se*, weħedha, ma tistax tikkostitwixxi prova konkluživa in sostenn ta' azzjoni ċivili li l-appellanti jissolleċitaw lill-Avukat tal-Istat sabiex jintavola. Kwalsiasi kawża abbażi ta' tali

sentenza hija destinata għal telfa kważi ċerta. L-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell ma tikkontjenix l-elementi fattwali li jistgħu, anke kieku kellu l-poter, iwasslu lill-Avukat tal-Istat jintavola b'suċċess il-kawża li l-appellanti qed jissuġġerixxu. Il-kawża fir-rikors numru 133/18 kienet intiża sabiex tiddikjara t-thassir tat-trasferiment tal-isptarijiet. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Appell ma ddeċidew xejn *oltre* dan.

»Ma tistax iżżewweġ it-talbiet fir-rikors ġuramentat promotur. Jidher illi, fl-aħħar, dan l-appellanti irrejalizżawh. Huwa ċar għall-esponenti li l-appellanti fl-aħħar ntebħu illi t-tieni talba tikkontradiċi t-talbiet l-oħra tar-rikors ġuramentat promotur għaliex tippreżupponi illi l-Avukat tal-Istat jingħata (u kwindi kellu bżonn) "biżżejjed awtoriżżazzjoni sabiex jieħu l-passi neċessarji u opportuni" meta, fl-istess nifs u fl-istess kawża, l-appellanti jsostnu illi l-Avukat tal-Istat jew jista' jaġixxi mingħajr ebda awtoriżżazzjoni għaliex "m'għandu bżonn il-benedizzjoni ta' ħadd biex jaġixxi", jew inkella jista' jaġixxi abbażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (tal-kawża bir-rikors numru 133/18).

»L-appellanti, b'hekk, iridu jevitaw illi jkollhom jippostulaw x'inhi l-pożizzjoni tagħhom: l-Avukat ta' l-Istat jista' jagixxi *motu proprio*, jew inkella jeħtieġ li jkun awtorizzat, direzzjonat jew ordnat jieħu azzjoni minn awtorità / istituzzjoni oħra? Minn dan l-aspett waħdu, huwa ċar li t-talbiet fir-rikors ġuramentat promotur jikkonfliġġu ma' xulxin, u ma jistgħux jissussistu flimkien.

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha surriferiti, anke t-tieni 'aggravju' għandu jiġi miċħud.«

24. L-intervenuti fil-kawża wieġbu hekk:

»L-esponenti qajla jistgħu jifhmu fejn l-appellanti jridu jaslu b'dan l-aggravju tagħhom, jekk mhux li għal darb'oħra jispezzettaw is-sentenza ta' din il-qorti tat-23 t'Ottubru 2023 (rikors maħluf numru 133/18) u jisiltu brani minnha barra mill-kuntest proprju tagħhom biex, skont kif inhu konvenjenti għall-argumenti fiergħa tagħhom, jagħtuha sens u tifsira differenti minn dawk korretti tagħha – ħaġa li l-appellanti, din id-darba, jidher li qed jagħmluha biex idawwru wkoll il-kontenut tas-sentenza appellata u jilmentaw minn konsiderazzjonijiet li skont huma għamlet l-ewwel qorti iżda li fil-verità m'għamiltx.

»Kontra għal kif l-appellanti jippostulaw l-argument tagħhom, fejn l-ewwel qorti kkummentat illi "l-ġudikat ma joħroġx mill-motivazzjoni iżda mid-dispożittiv", u kompliet tfisser illi "dak li hu anteċedenti jew konsegwenza neċessarju tad-dispozittiv, u li hu ta' bilfors deduċibbli minnu, jista' jitqies involut fih u parti minnu, jekk ikun ovvjament u neċessarjament deduċibbli", dan il-qorti ġustament qalitu b'riferenza għat-tielet talba attriċi fejn il-Kap tal-Oppożizzjoni ddikjara taħt ġurament li s-sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' Ottubru 2023, tat "awtoriżżazzjoni" lill-Avukat tal-Istat biex jaġixxi fil-parametri arbitrarja-ment imfassla mill-atturi appellanti f'din il-kawża; ħaġa li din il-qorti assolutament m'għamlitx, u dan kemm tenut kont il-mertu tal-każ li kellha quddiemha u, aktar minn hekk, għaliex hija ben konxja mill-parametri tal-ġurisdizzjoni tagħha.

»Tabilħaqq, kif is-sentenza tal-prim'istanza ġustament tikkonkludi, kieku dak dikjarat mill-appellanti fit-tielet talba tagħhom kellu missewwa "il-qorti ma tarax għalfejn, f'vena bhal din, il-Qorti tal-Appell ma kellhiex tagħmel referenza diretta għall-Avukat tal-Istat. L-Avukat tal-Istat jissemma' darba wahda biss tul is-sentenza u mhux f'dan il-kuntest".

»Għalhekk, evidenti għal darb'oħra li, b'dan l-aggravju tagħhom, l-appellanti b'mod skorrett qegħdin jippruvaw jgħawwġu s-sens tal-azzjoni minnhom promossa (hekk kif tirriżulta mill-kawżali u d-domandi kontenuti fir-rikors maħluf), biex jippruvaw jinduċu lil din il-qorti sabiex erronejament tesprimi ruħha b'mod, anke jekk imqar b'kumment *obiter,* li hija qed tirriskontra l-aġir kontemplat fl-artikolu 1051A perpetrat minn persuna jew oħra, jew li s-sentenza tagħha tat-23 t'Ottuburu 2023 għandha tiftehem f'dan is-sens meta minn qari ta' dik is-sentenza hu car li ma kien hemm ebda tali konkluzjoni, biex imbagħad l-appellanti jgħidu (kif *del resto* jargumentaw fit-tielet aggravju tagħhom) li l-Avukat tal-Istat hu obbligat jaġixxi fl-parametri imfassla minnhom, jiġifieri 'l fuq, u bi ksur, tal-liġi li tirregolah inkluż il-Kostituzzjoni! Bid-dovut rigward, hu ċensurabbli kif l-appellanti jidhru quddiem din il-qorti u jippretendu li jikkonvinċuha temmen li dak li sabet u kkonkludiet bis-sentenza tagħha tat-23 t'Ottubru 2023, hu dak li l-Kap tal-Oppozizzjonim fir-rikors ġuramentat tiegħu, iddikjara li sabet u kkonkludiet!

»U fejn din il-qorti, fis-sentenza tagħha, għamlet konsiderazzjonijiet dwar kollużjoni (u mhux korruzzjoni), dawn għamlithom "biss għall-għanijiet tal-leġittimazzjoni attiva tal-attur" b'rabta mal-fatt illi "meta sar l-ewwel *memorandum of understanding* dwar l-Isptar ta' Għawdex fl-10 ta' Ottubru 2014, kien diġà, sa Settembru tal-2014, imħejji r-*request for proposals* dwar it-tliet sptarijiet …".

»Ukoll, meta l-qorti għamlet konsiderazzjonijiet dwar l-għemil tal-Gvern u *Vitals* / *Steward* fl-episodji li seħħew wara l-iffirmar tal-*MOU* u l-għoti tal-konċessjoni, dawn għamlithom "biss għall-għanijiet tal-leġittim-azzjoni attiva tal-attur" u speċifikament u limitatament fil-kuntest tal-fatti elenkati mill-ewwel qorti fit-*timeline of events* kontenuta fis-sentenza tagħha (ara paragrafi 455 sa 509 tas-sentenza tal-ewwel qorti), liema *timeline of events* ġiet riprodotta fit-totalità tagħha fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

»Issa b'risposta għal kummenti fiergħa, u għal kollox vessatorji, tal-appellanti (li jidwu tista' tgħid fil-maġġor parti tal-argumenti miġjuba minnhom fir-rikors tal-appell tagħhom), l-esponenti jwieġbu bil-fatti, aċċertabbli bl-iswed fuq l-abjad minn kulħadd, relattivament għall-azzjonijiet li ttieħdu mill-Gvern immexxi mill-amministrazzjoni preżenti kontra *Steward* biex jiġi mħares l-interess nazzjonali ta' dan il-pajjiż, li dwarhom jikkonkludi wkoll pozittivament l-Awditur Ġenerali fir-rapport relattiv tiegħu.

»Fost diversi azzjonijiet oħrajn, immedjatament wara l-għoti tas-sentenza mill-ewwel qorti (rikors maħluf numru 133/18), saru numru ta' laqgħat mal-Avukat tal-Istat u avukati oħra minn ditti legali privati fejn saru diskussjonijiet fit-tul dwar il-passi li għandhom jittieħdu, dejjem fl-interess nazzjonali tal-pajjiż. Iggwidat mill-pariri tal-avukati, il-Kabinett tal-Ministri ddeċieda li ma jappellax is-sentenza tal-ewwel qorti, in konsiderazzjoni wkoll tal-fatt illi dik is-sentenza ġabet magħha, fost

oħrajn, it-tħassir tat-*Third Amended and Restated Agreement* – liema ftehim (kif fisser l-Awditur Ġenerali fir-rapport tiegħu ta' Mejju 2023) *"curtailed … the pressure that the Government could exert on the SHC".* Immedjatament wara s-sentenza, il-Gvern għadda sabiex jimplimenta u jeżegwixxi l-*control step in / hand-back procedures* kontra *Steward* biex jieħu lura f'idejh l-isptarjiet u l-kontroll effettiv tas-servizz mediku, kif fil-fatt seħħ. Ukoll fl-appell intavolat minn *Steward* kontra s-sentenza tal-ewwel qorti, il-Gvern talab l-akkorċjament tat-terminu tal-appell, biex l-appell jiġi ttrattat u deċiż bi speditezza u tingħata ċertezza legali aħħarija dwar din il-kwistjoni mill-ogħla qorti tal-pajjiż.

»L-eżekuzzjoni tal-*control step in procedure* wasslet għall-istituzzjoni da parti tas-soċjetajiet *Steward* ta' proċeduri arbitrali quddiem l-*International Chamber of Commerce* (*ICC*), fejn ressqu wkoll talba għal *emergency arbitration procedures,* liema talba gia ġiet ikkontestata b'suċċess mill-Gvern ta' Malta. F'dawn il-proċeduri arbitrali l-Gvern – li hu assistit mill-Avukat tal-Istat (u avukati oħra minn ditti legali privati, kemm lokali u wkoll esteri) – mhux biss wieġeb għat-talba tas-soċjetaijiet *Steward* billi rribatta u kkontesta l-istess bil-qawwa kollha, iżda ressaq ukoll *counterclaims* fejn avvanza numru ta' pretenzjonijiet kontra dawn is-soċjetajiet. Dan kollu in kawtela tal-aħjar interessi tal-pajjiż.

»Sal-lum (il-mument tal-intavolar ta' din ir-risposta) il-proċeduri arbitrali għadhom pendenti quddiem l-*ICC*. Perjodikament jinżammu laqgħat flimkien mal-Avukat tal-Istat u l-konsulenti legali l-oħra li qed jassistu l-Gvern f'din il-vertenza, fejn tiġi diskussa l-aħjar strateġija li għandha tiġi addottata f'dawn il-proċeduri biex il-Gvern isostni u jipprova bl-aqwa mod il-pretensjonijiet tiegħu, u jiddefendi bl-aħjar mod possibbli kontra l-pretensjonijiet ta' *Steward*.

»U dak li jingħad mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom dwar l-imsemmija proċeduri arbitrali juri kemm m'għandhom ebda argument fondat xi jġibu dwar din l-azzjoni fiergħa tagħhom. L-esponenti hawn qed jirreferu għat-tentattiv tal-appellanti li jiskreditaw l-azzjonijiet li qed jittieħdu fl-interess nazzjonali mill-esponenti kontra *Steward* fl-imsemmija proċeduri arbitrali billi jgħidu illi *Steward Healthcare* qiegħda fi stat ta' falliment. Hawn, l-appellanti m'humiex qed ikunu fattwalment korretti f'dak li qed jgħidu billi l-proċeduri li attwalment għaddejjin minnhom uħud mill-entitajiet kummerċjali fi hdan *Steward* m'humiex proċeduri ta' falliment kif qed ipoġġuha l-appellanti. Sal-lum jidher li hemm *Chapter 11 proceedings* taħt il-*Bankruptcy Code* tal-liġi Amerikana li huma proċeduri f'għamla ta' *company restructuring* distinti minn dawk ta' *company dissolution and winding up* f'insolvenza. Dan il-punt ġà ġie ampjament iċċarat mill-esponenti quddiem l-ewwel qorti u, minkejja li l-appellanti huma konsapevoli minn dan, jippersistu li jiżgwidaw lil din il-qorti dwar il-fatti marbuta mal-imsemmija *company restructuring proceedings.*

»Ukoll, anke fir-rigward ta' dawn il-*company restructuring proceedings*, il-Gvern ta' Malta talab, u qed jingħata, l-assistenza kollha meħtieġa minn avukati Amerikani esperti fil-qasam, biex jikkawtela bl-aħjar mod possibbli l-pretenzjonijiet tal-Istat Malti fil-konfront ta' *Steward*. Ukoll, fl-imsemmija proċeduri arbitrali, il-Gvern avvanza l-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront ta' numru mill-entitajiet kummerċjali fi ħdan *Steward* li m'humiex għaddejjin mill-imsemmija *company restructuring proceedings.* Barra wkoll il-fatt illi, ikun xi jkun il-każ, l-esponenti ser jibqgħu

jmexxu bl-azzjonijiet ġudizzjarji kollha opportuni, inkluż fl-Amerika, biex l-Istat Malti jirkupra dak kollu li jaf jiġi deċiż li hu dovut lilu minn *Steward*.

»Huwa fl-isfond ta' dan kollu, inkluż dak imfisser quddiem l-ewwel qorti, illi l-esponenti jisħqu bl-aktar mod ferm u kategoriku li d-dikjarazzjonijiet li saru mill-atturi appellanti fir-rikors maħluf, inkluż dwar dak li skont huma sabet u ddeċidiet dwaru din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-23 t'Ottubru 2023, jikkostitwixxu skorrettezzi serji u grossolani.«

25. Qabel xejn, għandu jingħad illi dan l-aggravju kien provokat minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fir-rakkont tal-fatti l-ewwel qorti qalet hekk:

> »Fit-13 ta' Ottubru 2023 ingħatat sentenża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Onor. Kap tal-Opposizzjoni Adrian Delia *v.* L-Onor Prim' Ministru ta' Malta Joseph Muscat</u>. F'dik is-sentenza dik il-qorti, fil-waqt li kkonfermat is-sentenza tal-prim'istanza … *obiter* qalet li kien hemm kollużjoni bejn il-partijiet fil-bejgħ tal-isptarijiet liż-żewġ kumpaniji *Vitals* u *Stewart*.«

26. Dan qiegħed jingħad għax, meta fit-tweġiba tiegħu l-Avukat tal-Istat igħid illi "Anke jekk hemm xi kumment *obiter* tal-ewwel qorti li għal xi raġuni jew oħra vvessa lill-appellanti, dan ma jfissirx li għandhom jipproċedu b'aggravju appożitu proprju għal dan il-kumment", donnu qiegħed igħid illi l-aggravju jolqot kumment magħmul *obiter* mill-ewwel qorti, meta fil-verità l-aggravju jolqot osservazzjoni tal-ewwel qorti li dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2023 (rik. 133/2018), kienet *obiter*.

27. Għalhekk ma huwiex għalkollox minnu dak li jgħid l-Avukat tal-Istat illi dak li l-atturi jqisu bħala t-tieni aggravju tagħhom ma fih "l-ebda impunjazzjoni speċifika ta' xi sejbien tal-ewwel qorti". Effettivament l-atturi qegħdin jat-takkaw il-konsiderazzjoni jew "sejbien" tal-ewwel qorti illi d-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2023 (rik. 133/2018) kienet biss *obiter*.

28. Dik lid-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appell, *viz.* illi kien hemm kollużjoni fl-għoti tal-kuntratti lis-soċjetajiet *Vitals*, kienet tkun *obiter* li kieku ma kinitx meħtieġa bħala motivazzjoni għall-parti dispositiva tas-sentenza. Fil-fatt iżda kienet meħtieġa għax kien bis-saħħa tas-sejbien li kien hemm kollużjoni illi l-qorti kienet waslet għall-konklużjoni li tħassar il-kuntratti.

29. Madankollu, l-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi d-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appell kienet *obiter* ma jidhirx li kienet konsiderazzjoni relevanti għall-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti. Għalhekk għandu punt l-Avukat tal-Istat meta jgħid illi t-tieni aggravju ma huwiex proprjament aggravju fis-sens li ma hijiex strettament meħtieġa deċiżjoni dwaru. Madankollu jekk huwiex *stricto sensu* aggravju jew le ma jfissirx illi ma jiswiex, għallinqas bħala argument fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet kollha li jkollha tagħmel din il-qorti biex tasal għal deċiżjoni dwar il-vertenza bejn il-partijiet, kif ukoll sejrin jitqiesu l-argumenti magħmula mill-Avukat tal-Istat u l-intervenuti fil-kawża.

30. Il-qorti għalhekk ma hija sejra tagħti ebda provvediment biex tilqa' jew tiċħad dan l-aggravju.

31. Ngħaddu għall-aħħar aggravju tal-appell li ġie mfisser hekk:

> »L-ewwel qorti ukoll kienet skorretta meta ddeċidiet u rrifjutat li tapplika dak li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru 2023 għaliex ħasset li b'hekk tkun qiegħda tivvjola l-Kostituzzjoni ta' Malta, meta in effetti il-Kostituzzjoni qed tiġi vjolata min-nuqqas ta' azzjoni tal-istess Avukat tal-Istat kontra l-akkużati indizzjati għall-irkupru tad-dannu soffert mill-istat. Dak li qed jintalab b'din il-kawża [*sc.* huwa] li jingħata sens lill-poteri li għandu l-Avukat tal-Istat fil-ġudizzju individwali tiegħu u li m'għandux ikun soġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra, inkluż il-Kabinett tal-Ministri, meta huwa jkun qed jaġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-istat. Huwa jagixxi independente-ment *ai termini* tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap. 604

tal-liġijiet ta' Malta u għalhekk wieħed ma jistax jifhem kif dawn il-poteri mogħtija lill-Avukat tal-Istat ġew miċħuda lilu meta l-Kostituzzjoni u l-Kap. 604 tal-liġijiet ta' Malta jagħtuh dawn il-poteri ta' azzjoni. Huwa m'għandux *carte blanche* fl-azzjoni tiegħu imma huwa ċirkoskritt bl-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni u l-Kap. 604 tal-liġijiet ta' Malta. Lanqas ma kienet korretta l-ewwel qorti meta stqarret li istituzzjoni tal-istat bhal dik tal-Avukat tal-Istat hija suxxettibbli għal aġendi moħbija meta awtorizzata mill-liġi biex taġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-istess stat. Kif l-Avukat Ġenerali għandu dritt u obbligu li jaġixxi kriminalment issa li għandhom jinħarġu l-atti tal-akkuża mal-għeluq tal-kumpilazzjonijiet numri 380/2024 u 382/2024 kontra l-akkużati, bl-istess mod kontra dawn l-istess akkuzati l-Avukat tal-Istat għandu dritt li jaġixxi ċivilment biex iġib lura l-flus misruqa, b'konsegwenza ta' frodi misappropriazzjoni [*recte*, approprjazzjoni indebita], ħasil ta' flus, serq, korruzzjoni u kollużjoni ma' *Vitals* / *Steward* fil-konċessjonijiet enfitewtiċi temporanji tal-isptarijiet *ai termini* tal-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili].

L-ewwel qorti kellha tikkonkludi illi l-Avukat tal-Istat, fl-irwol tiegħu kostituzzjonali, għandu dritt li jaġixxi minn jeddu meta jintebaħ b'xi għemil frawdolenti … għad-dannu tal-Istat Malti meta dan kien perpetrat mill-ogħla uffiċjali fil-Gvern Malti għas salvagwardja tal-legalità tal-istess stat u fl-interess pubbliku. Għaldaqstant l-ewwel qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-Avukat tal-Istat, *stante* li huwa uman, huwa suxxettibbli għal aġendi mohbija meta, skont l-obbligi tal-rwol tiegħu bħala l-gwardjan tal-istat u fl-interess pubbliku, huwa fid-dmir li jħares u jittutela l-istat u jitlob ir-risarċiment għal dak kollu li nsteraq b'korruzzjoni, b'dolożità u in kollużjoni ma' terzi *in solidum* ma' *Vitals* u *Steward* kif jiddisponi l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili].

»… … …

»Bis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2024, f'paragrafu 26 tas-sentenza[3], il-qorti sabet l-Avukat tal-Istat *ai termini* tal-artiklu 33(2) tal-Kap. 573 tal-liġijiet ta' Malta messu huwa li aġixxa biex jitlob ir-rexissjoni tal-konċessjonijiet enfitewtiċi temporanji tal-isptarijiet u mhux ħalla u farfar mir-responsabbilitajiet tiegħu u ħalla f'idejn l-*ex* Kap tal-Oppozizzjoni, Dr Adrian Delia, biex jaġixxi. Il-qorti sabet li kellu d-dmir li jaġixxi *motu propio* (ara para. 27[4]) però naqas milli jagħmel dan, u mħux biss, tefa' lħitu biex jostruzzjona dak kollu li l-Onorevoli Dottor Adrian Delia pprova jagħmel biex iġib l-isptarijiet lura għal poplu Malti u Għawdxi.

»Biss wara s-sentenza tat-24 ta' Frar 2024 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li huwa … beda jara li dak li kien talab il-Kap tal-Oppozizzjoni kien

---

3 »26. Ir-reazzjoni ta' min kellu jħares l-interessi tal-pajjiż meta jara *milestone* wara *milestone* tgħaddi bla riżultat ma kinitx li jfittex rimedji taħt il-kuntratt iżda li dejjem iġedded iż-żmien favur is-soċjetajiet appellanti bla ma dawn jagħtu xejn lura, u, anzi, komplew isiru ħlasijiet ta' miljuni ta' euro lill-istess soċjetajiet appellanti, kif jidher ampjament mit-*timeline* miġjub f'para. 418 u 455 tas-sentenza appellata. Hekk, flok jinkixef il-fatt li l-proġett sa mill-bidunett ma kienx fattibbli, tingħata l-impressjoni li kollox kien għadu miexi 'l quddiem.«

4 »27. Dan kollu jsaħħaħ u anzi jikkonferma s-suspett illi l-ħsieb wara l-konċessjoni lis-soċjetajiet appellanti ma kienx it-titjib tas-servizz mediku iżda biex isservi bħala strument biex flus igħaddu mill-but tal-pajjiż għall-but tas-soċjetajiet appellanti. Kif sussegwentement stqarr esponent tal-Gvern, dak li dehret li kienet il-konċessjoni ma kinitx "*the real deal*".«

ġust u xieraq, imma, minkejja dan, xorta waħda ma ħax l-isbriga biex huwa fl-interess pubbliku jfittex għall-irkuprar tad-danni minn dawk kollha li aġixxew b'korruzzjoni, doložament u in kollużjoni ma' *Vitals* u *Steward ai termini* tal-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili] u dan minkejja li l-artikolu 33(2) tal-Kap. 573 jagħti l-fakoltà lill-Avukat tal-Istat biex jitlob in-nullità tat-trasferimenti magħmula bi ksur tal-imsemmi artiklu, kif sabet il-Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha.

»Konsegwentement għal din is-sentenza, l-Avukat tal-Istat mhux biss kellu jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija bid-dettami tagħha u biex dan tal-aħħar jgħarrex u jfittex min kienu l-allegati qarrieqa li ġew korrotti u / jew ikkorrompew imma kellu wkoll id-dover li dak li kien notorjament risaput huwa jaġixxi kontra tagħhom għad-dannu li l-Istat Malti ssubixxa. Jekk, għall-grazzja tal-argument, wieħed kellu jaċċetta, u dan biss għall-grazzja tal-argument, li huwa qatt ma kien jaf min kienu l-allegati qarrieqa, issa, bil-proċediment kriminali fuq riferit, dan huwa stat ta' fatt li m'għandux izommu milli jaġixxi imma kif timponi l-Kostituzzjoni fuqu għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għas-salvagwardja tal-istat biex jirkupra d-dannu kollu li ssubixxa l-istess stat *ai termini* tal-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili].

»Jekk l-Avukat tal-Istat messu aġixxa *motu proprio* għar-rexisjoni tal-konċessjonijiet enfitewtiċi tal-isptarijiet, kif il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li ma għandux dritt ukoll l-Avukat tal-Istat jaġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-istat fil-ġudizzju individwali tiegħu biex jirkupra d-dannu kollu soffert mill-Istat Malti li ġarrab b'konsegwenza tal-korruzzjoni, kollużjoni u frodi, minn fost oħrajn dawk l-ogħla funzjonarji fil-Gvern Malti li xxaħħmu a benefiċċju tagħhom u ta' terzi, u dan *in solidum* bejniethom *ai termini* tal-artiklu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili]?

»Min għandu dritt li jaġixxi jekk mhux l-Avukat tal-Istat: *The last man that stands*?

»Qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni u l-Kap. 604 tal-liġijiet ta' Malta, il-funzjonijiet li għandu l-Avukat tal-Istat illum kienu f'idejn l-Avukat Ġenerali. L-Avukat Ġenerali kellu d-dmir u l-obbligu li jaġixxi kriminalment kontra l-akkużati kif fil-fatt għamel fl-atti tal-kumpilazzjoni 380/2024 u 382/2024 imma issa l-Avukat tal-Istat huwa munit bid-dritt u għandu jaġixxi fl-interess tal-istat li jirkupra d-dannu soffert mill-istess stat *ai termini* tal-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili].

»Bis-separazzjoni tal-poteri bejn id-drittijiet mogħtija lill-Avukat Ġenerali u dawk issa mogħtija lill-Avukat tal-Istat, huwa dan tal-aħħar li ġew mogħtija lilu d-drittijiet li huwa jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu li m'għandux ikun soġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra *ai termini* tal-artikolu 91A(3) tal-Kostituzzjoni u, konsegwentement, lanqas tal-Kabinett tal-Ministri, u jaġixxi fl-interess pubbliku fis-salvagwardja tal-istat bħala l-aħħar bastjun fid-difiża tal-istess stat.

»Hawnhekk *si tratta* fejn l-ogħla funzjonarji fil-Gvern preżenti u passati aġixxew doložament, in kollużjoni ma' terzi fil-konċessjonijiet enfitewtiċi temporanji u għalhekk mhux loġiku, prattiku u korrett li wieħed jippretendi li l-Avukat tal-Istat għandu jirċievi struzzjonijiet mingħand l-istess ministri jew Gvern biex ifittex membri fi ħdanhom meta diġà ġew meħuda proċeduri kriminali mill-istess Avukat Ġenerali

u Kummissarju tal-Pulizija issa li l-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti Istuttorja awtorizzat il-ħruġ tal-atti ta' Akkuża kontra l-istess akkużati fil-Gvern, preżenti u passati, kif ukoll segretarji permanenti.

»Kif l-Avukat Ġenerali għandha s-setgħa li taġixxi indipendetement mill-Kabinett tal-Ministri għall-ħruġ tal-akkużi u għandha s-*security of tenure* kif protetta bil-Kostituzzjoni, bl-istess mod l-Avukat tal-Istat għandu d-dritt li jaġixxi ċivilment għall-irkupru tad-dannu soffert mill-istat, b'konsegwenza ta' korruzzjoni u dan *ai termini* tal-artikolu 91A(5) tal-Kostituzzjoni u biex, jiġi assigurat lilu l-libertà tal-azzjoni, huwa ma jistax jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief mill-President wara indirizz mill-Kamra li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba kapaċità ppruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu kemm jekk għal mard korporali jew dak mentali jew għal xi raġuni oħra jew imġieba ħażina ppruvata.

»Għalhekk huwa istituzzjoni tal-istat u għandu s-setgħa u d-dmir li jaġixxi fl-interess pubbliku u jieħu din l-azzjoni kontra l-akkużati kriminalment *in solidum* ma' *Vitals* u *Steward*.

»Din l-azzjoni tal-Avukat tal-Istat hija konsegwenzjali għal dak l-obbligu li l-Avukat tal-Istat għandu naxxenti mill-artikolu 33(2) Kap. 573 tal-liġijiet ta' Malta, meta l-Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha diġa wittietlu t-triq biex ikun jista' jmexxi għax sabet dolożità, korruzzjoni u kollużjoni fl-ogħla uffiċjali tal-Gvern.

»Din il-funzjoni, l-Avukat tal-Istat akkwistaha wara s-separazzjoni tal-poteri bejn dak li kien mogħti lill-Avukat Ġenerali u dak li hu mogħti llum lilu bil-Kap. 604 tal-liġijiet ta' Malta u l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni.

»Dawk il-poteri li tatu l-Kostituzzjoni, bl-artikolu 91A, għandhom jiġu eżerċitati minnu fl-interess pubbliku u għas-salvagwardja tal-legalità tal-azzjoni tal-istat distintament mil-Gvern tal-ġurnata.

»Il-Kostituzzjoni hija l-ogħla liġi li tagħtih din l-awtorità u m'għandux għalfejn ifittex artikoli oħra fil-liġi bhall-artikolu 461 u 462 [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili] li jawtorizzawh li jaġixxi *stante* illi l-Kostituzzjoni stess tagħtih dik l-awtorità, m'għandu bżonn il-benedizzjoni ta' ħadd biex jaġixxi għax dan irid jagħmlu fil-ġudizzju individwali tiegħu u m'għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna u / jew awtorità.

»Ġaladarba l-awtorità tal-Avukat tal-Istat hija naxxenti mill-istess Kostituzzjoni, *ossia* l-artikolu 91A, kif qatt setgħet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tħoss li tkun qed tivvjola l-Kostituzzjoni ta' Malta jekk dak li qed jiġi mitlub huwa illi jiġi applikat l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni fejn l-Avukat tal-Istat għandu d-dritt, d-dmir u l-obbligu fil-ġudizzju individwali tiegħu li jaġixxi independentement mill-awtorizzazzjoni li jippretendi li jeħtieġ mill-Kabinett tal-Ministri u / jew mill-Gvern biex ifittex jirkupra d-dannu minn idejn ministri u / jew *ex*-Ministri u / jew funzjonarji u / jew *ex*-funzjonarji tal-Gvern li aġixxew dolożament u in kollużjoni ma' *Vitals* u *Steward* u dan fl-interess pubbliku għas-salvagwardja għall-legalità tal-azzjoni tal-istat?

»Tkun qed tinkiser il-Kostituzzjoni ta' Malta kieku l-Avukat tal-Istat jitħalla mhux għal ilħitu, imma mmażrat, marbut u inaġibbli f'nuqqas ta' azzjoni u dan għax, kif jippretendu l-intervenuti fil-kawża u l-istess

intimat, għandu jkollu l-*fiat* tal-istess Kabinett tal-Ministri biex jaġixxi kontra l-akkużati fil-Gvern preżenti u passat li ffrodaw il-poplu Malti u Għawdxi.

»Għandha ssir distinzjoni netta bejn dak li huwa tal-Gvern u dak li huwa tal-istat. Dak li huwa tal-istat jiżboq kull konsiderazzjoni governattiva u dan għaliex l-Avukat tal-Istat ma jirrappreżentax biss l-Eżekuttiv, imma huwa wkoll l-Avukat tal-Leġislattiv u tal-Ġudizzjarju.

»L-ahhar kelma fl-interpretazzjoni ta' dawk li aġixxew b'mod doluż in kollużjoni ma' *Vitals* u *Steward* m'hijiex tal-Eżekuttiv, imma hija tal-Ġudizzjarju li għandu d-dritt u l-obbligu fis-separazzjoni tal-poteri li jinterpreta u jagħti ġudizzju fuq l-azzjoni ta' min fil-Gvern aġixxa b'mod doluż in kollużjoni ma' terzi. Dan ġie diġà deklamat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023.

»Dak deklamat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru 2023 ġie stabbilit bl-azzjoni kriminali li ttieħdet mill-Avukat Ġenerali kontra l-persuni Maltin u barranin hawn fuq imsemmija; ma jibqax aktar fil-manzjoni tal-Eżekuttiv li b'xi mod jindaħal lill-Avukat tal-Istat li jżommu milli jaġixxi fl-interess pubbliku u mhux għas-salvagwardja tal-legalità tal-istat għaliex jippretendi illi d-dritt t'azzjoni hija biss f'idejh minkejja li l-istat ġie derubat b'korruzzjoni, frodi u in kollużjoni mas-soċjetà *Vitals* u *Steward*.

»L-azzjoni ttieħdet minn *Steward* kontra l-Gvern Malti fl-arbitraġġ internazzjonali biex jitħallsu l-mitt miljun euro li ġew miftiehma minn Dottor Konrad Mizzi minkejja l-proċeduri għar-rexissjoni tal-kuntratti enfitewtiċi temporanji tal-isptarijiet quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, liema somma kellha anke titħallas f'każ li din il-kawża tintrebaħ mill-*ex* Kap tal-Oppozizzjoni, Dottor Adrian Delia. Dan ma kienx fl-interess tal-Istat Malti u l-kontrotalba magħmula mill-Avukat tal-Istat għal likwidazzjoni tad-danni m'hijiex biżżejjed għar-riżarċiment tad-danni *stante* illi *Steward* illum huma f'bankarotta u għalhekk huwa doveruż illi l-Avukat tal-Istat ifittex il-akkużati Maltin u barranin li aġixxew b'korruzzjoni, frodi u in kollużjoni mas-soċjetà *Vitals* / *Steward ai termini* tal-artikolu 1051A tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta.

»Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha naqset milli tirrikonoxxi d-drittijiet u l-obbliġi naxxenti mill-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni li għandu l-Avukat tal-Istat billi kellha tiddikjara illi l-istess Avukat tal-Istat seta' jaġixxi mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri biex jirkupra lura l-flus misruqa mill-konċessjoni emfitewtika temporanja tal-isptarijiet. Ma kellux għalfejn ikollu l-awtorizazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri li jaġixxi l-Avukat tal-Istat kif sostniet l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u li għalhekk kellu jiġi intavolat dan l-appell biex jiġi asserit dan id-dritt u obbligu tal-Avukat tal-Istat li għandu jaġixxi indipendentement minn kull kunsens tal-Kabinett tal-Ministri.

»M'huwiex gradevoli li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tħoss li istituzzjoni tal-istat bħal ma hu l-Avukat tal-Istat, protett bid-*due terzi* tal-membri kollha tal-Parlament, huwa suxxettibli għall-vizzju misħut ta' aġendi moħbija. Bl-istess mod wieħed jista' jgħid dan u jimputah lill-Kabinett tal-Ministri! Wieħed għandu jippretendi illi l-istituzzjonijiet tal-istat jaġixxu fl-interess pubbliku kif titlob l-istess Kostituzzjoni, fil-każ in kwistjoni l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap. 604 tal-liġijiet

ta' Malta għas-salvagwardja tal-istess legalità tal-istat mingħajr ebda aġendi moħbija.

»Il-fatt illi l-Avukat tal-Istat għandu s-*security of tenure* garantit bl-istess mod bħal dak ta' l-Avukat Ġenerali jfisser illi dan ġie mogħti lilu għaliex għandu l-poter li jaġixxi fl-interessi pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-istat independement mill-opinjoni *o meno* tal-Kabinett tal-Ministri jew tal-Gvern. Din il-protezzjoni ġiet mgħotija lilu għaliex huwa għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew tal-kontroll ta' ebda persona jew ta' awtorità.

»Kieku huwa jrid jaġixxi fuq il-parir tal-Kabinett jew tal-Gvern, ma kienx għalfejn ikollu protezzjoni mogħtija lilu permezz tal-artiklu 91A(5) u (6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din il-protezzjoni mogħtija lill-Avukat tal-Istat turi li huwa jaġixxi indipendentement minn kull indħil governattiv u dan fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-istat.

»Barra minn hekk, kieku l-poter t'azzjoni huwa f'idejn il-Kabinett tal-Ministri kif pretendiet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux f'idejn l-Avukat tal-Istat b'mod indipendenti u taħt it-takkuna ta' ħadd, ifisser illi ebda azzjoni ċivili ma tittieħed kontra xi membru tal-Kabinett tal-Ministri li jkun aġixxa b'korruzzjoni, frodi u kollużjoni ma' *Vitals* għax żbaljatament il-Kabinett ikun jrid jipproteġi wieħed minn tiegħu, minkejja, li, kif irrizulta f'dan il-każ, diġà ttieħdet azzjoni kriminali kontra dawn il-membri u *ex*-membri tal-Kabinett, segretarji permanenti u *ex*-segretarji permanenti u dan mill-Avukat Ġenerali. L-azzjoni ċivili għall-irkupru tad-danni frott il-korruzzjoni hija biss f'idejn l-Avukat tal-Istat.

»Hija f'din is-sitwazzjoni anomola, imbarazzanti għall-istess Kabinett tal-Ministri, li jista' jkollhom aġenda biex jostru s-sewwa u l-verità u ma jeħdux azzjoni għar-riżarċiment tad-dannu fl-interess tal-istat, u li għalhekk il-liġi fl-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta tagħti l-poter lill-istess Avukat tal-Istat li għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-istat.

»Il-liġi, f'din is-sitwazzjoni partikolari, anomola u imbarazzanti, tinkombi bid-dover lill-Avukat tal-Istat li jkun jista' jaġixxi u għalhekk illi, minkejja huwa l-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali, mhuwiex l-Avukat tal-Gvern meta l-interess pubbliku jsejjaħlu sabiex jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-istat tant li huwa jrid jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u m'għandu jkun soġġett għad-direzzjoni jew għal kontroll ta' ebda persuna jew awtorità.

»Il-Professur Kevin Aquilina u l-Professur Tonio Borg għandhom raġun fl-interpretazzjoni tagħhom ta' dak li tgħid il-liġi u huwa żbaljat l-*ex* Avukat Ġenerali Dottor Anthony Borg Barthet. Il-Professur Tonio Borg fil-ktieb tiegħu *A Commentary on the Constitution of Malta (second edition)* a paġna 506-507 jistipula: "*He therefore decides whether to institute civil or other non-criminal action, or whether to appeal from a decision of a lower court to a higher court, even that of a court of constitutional jurisdiction*".

»Wieħed imbagħad ma jistax jifhem kif, fl-istess waqt u fl-istess nifs, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili poġġiet id-domanda *quis custodiet ipsos custodes* ma tatx risposta għaliha.

»Din id-domanda tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħaqqha risposta u din ir-risposta tinstab fid-dettami tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni.

»Wieħed ma jistax jifhem kif, minkejja l-emendi kostituzzjonali *ai termini* tal-artikolu 91A, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ma ħassitx u ma sabitx li l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fl-interes pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-istat u għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u m'għandu jkun soġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra. Dawn id-drittijiet ġew mogħtija lill-Avukat tal-Istat mill-istess Kostituzzjoni u wieħed ma jistax jifhem kif il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdithomlu.

»Wieħed ma jistax jifhem kif il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħalliet l-Avukat tal-Istat taħt it-takkuna tal-Kabinett tal-Ministri u tal-Gvern meta l-Parlament ikkrea din l-istituzzjoni wara r-rakommandazzjoni tal-Kummissjoni Venezja intiża biss biex jiġu kkreati … *checks and balances* neċessarji fil-funzjonament tal-istat u s-separazzjoni tal-poteri bejn it-tliet organi tal-istat ossija il-leġislattiv, l-eżekuttiv u l-ġudizarju.

»Is-separazzjoni tal-poteri u ċ-*checks and balances* bejn l-organi tal-istat jikkrejaw bilanċ mistħoqq u issa iktar illum bl-introduzzjoni tal-istitut tal-Avukat tal-Istat u għalhekk ma jagħmilx sens illi dak li ġie introdott mill-leġislatur biex iżomm dan il-bilanċ jiġi meħud lura mill-Avukat tal-Istat f'idejn l-Eżekuttiv li jidher li mhux intiż jaġixxi għall-irkupru tad-dannu soffert mill-istat minn idejn l-akkużati li aġixxew dolożament b'koruzzjoni, misappropjazzjoni, frodi, ħasil il-flus, in kollużjoni ma' *Vitals* u *Steward*.

»Il-Kostituzzjoni, fl-artikolu 91A, ħadet ħsieb preċizament illi l-Avukat tal-Istat jaġixxi fl-interess pubbliku u għalhekk tagħtih il-poter illi huwa għandu jaġixxi għas-salvagwardja tal-istat. It-terren perikoluż huwa li jiġi miċħud lill-Avukat tal-Istat id-dover li għandu bil-Kostituzzjoni illi jaġixxi kif fuq spjegat għaliex l-ewwel qorti ppretendiet illi b'hekk l-Avukat tal-Istat għandu wisq poter konċentrat f'idejh meta effettivament il-poter konċentrat fid-deċiżjoni tal-ewwel qorti huwa f'idejn il-Kabinett tal-Ministri.

»Il-liġi riedet li jkun hemm, fis-separazzjoni tal-poteri, poter mogħti lill-Avukat tal-Istat li jista' jaġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-istess stat indipendentement mis-salvagwardja tal-Gvern u dan il-poter, meħud lill-Avukat tal-Istat bis-sentenza fuq imsemmija, jimmina l-eżerċizzju tad-demokrazija kif ukoll is-saltna tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri.

»Huwa proprju dan li titlob il-Kostituzzjoni u s-separazzjoni tal-poteri, kif jirriżulta wkoll mid-dibattiti parlamentari – *He is the last man that stands* – u, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023, jekk kien hemm prova neċessarja għalih li jaġixxi, din ġiet mogħtija lilu b'dik l-istess sentenza li sabet korruzzjoni, frodi u kollużjoni ma' *Vitals* perpetrat mill-ogħla uffiċjali tal-Gvern Malti. Jonqos biss, issa, li jittieħdu passi kriminali kontra dawn it-talin, u li l-Avukat tal-Istat jiehu l-passi ċivili neċessarji għall-irkupru tad-danni sofferti mill-istat, ammontanti għal *circa* €400,000,000, li għalihom dawn it-talin għandhom jirrispondu *in solidum* bejnithom ma' *Vitals* u *Steward*.

»Kieku l-Kabinett tal-Ministri għandhom il-poter li jżommu lill-Avukat tal-Istat milli jaġixxi fl-interess pubbliku, huma jkunu komparteċipi fl-ostruzzjoni tad-dritt u obbligu li l-istess Avukat tal-Istat għandu bil-Kostituzzjoni biex jirkupra l-flus misruqa lill-poplu Malti u Għawdxi mill-ogħla funzjonarji tal-Gvern Malti kif tagħtih l-istess Kostituzzjoni u l-

istess liġi, partikolarment il-Kap. 604 tal-liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili].

»Dawn huma r-raġunijiet għaliex qed jintalab illi jiġi asserit id-dritt tal-azzjoni tal-Avukat tal-Istat li m'għandux jiġi miżmum lill-Eżekuttiv milli jaġixxi għall-irkupru tad-danni sofferti mill-istess Stat Malti bil-kollużjoni ta' dawn l-ogħla uffiċjali fil-Gvern Malti ma' *Vitals* u *Steward*. Dan huwa d-dettami *ad literam* tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni u s-sens li l-liġi timponi fuq l-Avukat tal-Istat. Id-dritt ta' azzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi m'huwiex f'idejn l-Kabinett tal-Ministri u l-Gvern imma f'idejn l-Avukat tal-Istat.

»Dawn huma r-raġunijiet għaliex qed jintalab illi jiġi asserit id-dritt tal-azzjoni tal-Avukat tal-Istat li m'għandux jiġi miżmum lill-Eżekuttiv milli jaġixxi għall-irkupru tad-dannu soffert mill-istess Stat Malti bil-kollużjoni ta' dawn l-ogħla uffiċjali fil-Gvern Malti ma' *Vitals* u *Steward*. Dan huwa d-dettam *ad litteram* tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni u s-sens li l-liġi timponi fuq l-Avukat tal-Istat. Id-dritt ta' azzjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi m'huwiex f'idejn l-Kabinett tal-Ministri u l-Gvern imma f'idejn l-Avukat tal-Istat.«

32. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»In kwantu dan l-aggravju huwa bbażat fuq dak li qalet l-ewwel qorti, illi kieku kellha tordna lill-Avukat tal-Istat biex jieħu azzjoni kienet tkun hi stess qed tikser il-Kostituzzjoni, dan hu qari ħażin ta' dak li qalet l-ewwel qorti. Fi ftit kliem, dak li qalet l-ewwel qorti kien li jekk it-teżi tal-appellanti hi korretta u l-Avukat tal-Istat ma huwa suġġett għal ebda direzzjoni (kif jinterpretaw il-Kostituzzjoni l-appellanti), allura l-qorti ma tistax hi stess tagħti tali direzzjoni lill-Avukat tal-Istat bla ma hi stess tikser il-Kostituzzjoni. *In ogni caso*, din il-parti tal-aggravju hi inoperanti, ineffikaċi u ineffettiva, u anke kieku tista' tintlaqa' ma twassalx għall-konklużjoni li l-Avukat tal-istat jista' jieħu azzjoni *motu proprio*. Fil-kumplament tal-aggravju, l-appellanti jgħidu biss li l-ewwel qorti kienet żbaljata meta ċaħdet it-talbiet tagħhom, bla ma jgħidu kif, fejn u għaliex kienet żbaljata, u bla ma jġibu argumenti legali favur il-konklużjonijiet tagħhom li jkomplu jsammru biex forsi b'xi mod jeħlu.

»Fl-umli fehma tal-esponenti, dan, kieku imqar kien sostnut, effettivament, jikkonċerna l-pern tal-kwistjoni, il-*vexatia quæstio*. Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti jillanjaw illi l-ewwel qorti żbaljat meta "rrifjutat li tapplika dak li gie deċiż mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru 2023 għaliex ħasset li b'hekk tkun qiegħda tivvjola l-Kostituzzjoni ta' Malta, meta in effetti l-Kostituzzjoni qed tiġi vjolata min-nuqqas ta' azzjoni tal-istess Avukat tal-Istat kontra l-akkużati indizzjati għall-irkupru tad-danni sofferti mill-istat". Ikomplu jgħidu li l-Avukat tal-Istat għandu dritt li jaġixxi ċivilment biex iġib lura l-flus misruqa *ai termini* tal-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili]. Anke kieku l-ewwel qorti kienet żbaljata meta qalet li ma tistax tintervjeni, dan ma jfissirx li l-Avukat tal-Istat għandu jedd jaġixxi *motu proprio*. Madankollu, għall-kompletezza, l-esponenti ser jgħaddi biex juri kif it-teżi tal-appellanti hi insostenibbli.

»… … … Kif digà sottomess ampjament f'dawn il-proċeduri, … id-direzzjoni biex l-esponenti jaġixxi indipendement titwieled minn dak li liġi tordna.

»Sfortunatament, dan l-aggravju ma hu xejn iżjed minn rigurġitazzjoni tal-argumenti li l-appellanti ippreżentaw in prim'istanza, u *nonostante* l-ispjegazzjoni ċara li ta l-esponenti fid-depożizzjoni tiegħu, u l-ispjega bil-miktub iżjed ċara li l-esponenti offra fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-ostinazzjoni tal-appellanti li jressqu dan l-aggravju jfisser li huma ma fehmu assolutament xejn x'inhuma, effettivament, il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat. L-appellanti donnhom jiġġustifikaw l-interpretazzjoni wiesgħa ħafna tagħhom tal-artiklu 91A tal-Kostituzzjoni billi:

»i. jipprovaw jagħtu xejra penali lill-proċeduri ċivili odjerni;

»ii. jipprovaw jagħtu xejra kostituzzjonali lill-istess proċeduri ċivili sabiex jimmotivaw il-bżonn illi din il-qorti tadotta u / jew tadopera xi flessibilità proċedurali;

»iii. iwarrbu għal kollox prinċipji legali bħal *ubi lex voluit lext dixit* u *ubi noluit tacuit*; partikolarment meta jissottomettu illi "l-Kostituzzjoni hija l-ogħla liġi li tagħtih din l-awtorità", u kif ukoll huwa "ma għandux għalfejn ifittex artikoli oħra fil-liġi bħall-artikolu 461 u 462 tal-Kap. 12 …"[4]; u kif ukoll

»iv. jirrikorru, impliċitament, għal xi elementi naxxenti mid-dritt naturali u jiskartaw t-teorija tal-pożitiviżmu legali li tapplika fl-ordinament ġuridiku tagħna, *multo magis*, fil-kamp ċivili, meta jiddikaraw "illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kellhiex għalfejn tpoġġi lilha nnifisha f'bozza meta l-verità tal-fatti bdew jemerġu kull siegħa b'żviluppi li kulħadd kien jaf bihom *stante* illi t-tutela tal-istat mill-allegati korrotti, misapproprjaturi, ħassiela tal-flus, frodisti u ħallelin tiżboq kull proċedura li l-qorti llimitat lilha nnifisha biha kontra l-interess ta' dak li hu sewwa u ġust rigwardanti t-tutela tal-istess stat fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-istat". F'dan ir-rigward il-Professur David Attard, fl-analiżi li għamel tal-istudji ta' John Austin, jirrileva illi *"thus, the law is meaningful only if it is accompanied by a command. In Austin's view, therefore, the law strictly so-called is a rule of conduct which is imposed and enforced by a sovereign: it is a command given by a sovereign or authority which is enforced by a sanction*[5];

» L-esponenti, ghalhekk, jisfa kostrett iwieġeb għall-akkuza tal-appellanti f'dan l-aggravju li bl-allegat nuqqas ta' azzjoni da parti tiegħu, huwa l-esponenti li qiegħed jivvjola l-Kostituzzjoni.

»Minħabba l-varjetà ta' argumenti li saru min-naħa tal-appellanti f'dan l-aggravju, sabiex l-esponent ikun jista' jirribatti b'mod strutturalment idoneju, is-sottomissjonijiet li ġejjin ser jindirrizzaw l-argumenti magħmula mill-appellanti f'dan it-tielet aggravju, billi jponu u jwieġbu is-segwenti mistoqsijiet, kif ġej:

«A. X'inhuma l-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat?

»B. Għaliex l-artikolu 1051A tal-Kapitolu 16 ma jistax jiġi invokat mill-Avukat tal-Istat?

---

5 David Joseph Attard, *The Maltese Legal System: Volume I, Malta University Press, 2012*, paġna 12

»Ċ. Xi jfisser il-kunċett tas-supremazija tal-Kostituzzjoni fil-kuntest tal-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat? L-Avukat tal-Istat huwa l-gwardjan tal-istat, kif jinsistu l-appellanti?

»D. L-ewwel qorti irrifjutat tapplika dak allegatament deċiż mill-Qorti tal-Appell?

»E. X'ikunu l-konsegwenzi, fuq l-ordninament ġuridiku Malti, jekk it-teżi tal-appellanti tiġi abbraċċjata?

»Imiss issa li dawn il-mistoqsijiet kruċjali, elenkati fil-paragrafu 30A-30E, jiġu meqjusa u mwieġba waħda waħda, wara xulxin, kif ġej.

»A. X'inhuma l-Funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat?

»L-ewwel qorti fehmet perfettament illi "għalhekk id-diverġenza bejn il-partijiet hija fis-sens illi filwaqt li l-atturi jgħidu li l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi minn jeddu f'kull waqt meta jintebaħ b'xi għemil bħal dak li jiddiskrivu, il-konvenut Avukat tal-Istat jinsisti li dan ma jistax jagħmlu ħlief meta l-liġi issejjaħlu li jagħmel hekk". Dan għaliex l-appellanti mingħalihom illi l-Avukat tal-Istat għandu dejjem l-obbligu jaġixxi fl-interess pubbliku, anke meta l-ebda liġi ma tagħtih dan il-poter. Fil-fehma tal-appellanti, tali poter huwa deduċibbli mill-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni moqri konġuntament mal-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili]. Minkejja illi l-każ tagħhom huwa xprunat minn inter-pretazzjoni wiesgħa ħafna tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni, kif spjegat f'din ir-risposta tal-appell, huma jirrikonoxxu illi jrid ikun hemm dispos-izzjoni legali oħra lil hinn mill-Kostituzzjoni illi tagħti xi jedd ta' azzjoni lill-esponent, tant illi l-appellanti jissottomettu illi dan l-artikolu huwa l-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili. Li dan ma japplikax għall-każ *de quo*, u għaliex, ser jiġi muri iktar 'l isfel f'din ir-risposta tal-appell. Li jrid jiġi ippreċiżat f'dan l-istadju huwa illi l-appellanti stess jistrieħu fuq liġi ordinarja, il-Kodiċi Ċivili, biex jippruvaw il-każ tagħhom – *ciò non-ostante*, huma jidher li jwarrbu l-liġi illi tirregola l-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat.

»L-obbligu tal-esponenti li jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat huwa limitat għall-għoti tal-pariri legali, kif tiddetta l-liġi. Ma setax ma jkunx hekk. Inkella l-*lex specialis*, il-Kapitolu 603, tkun qed tikkozza mal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni. U dan meta l-artikolu 91A u l-Kapitolu 603 ġew ippromulgati permezz ta' att wieħed, jiġifieri l-Att XXV tal-2019.

»Li l-appellanti qed jikkontestaw huwa illi, kif ser jiġi spjegat hawn isfel, proprju *ai termini* tal-artikolu 2(2) tal-Kapitolu 603, l-Avukat tal-Istat għandu l-obbligu li "jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalva-gwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat", iżda jinsew li dan isir "fl-għoti ta' pariri legali". Il-Kapitolu 603 ma jużax l-istess kliem (jiġifieri ma jobbligax lill-Avukat tal-Istat "jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalva-gwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat") meta jistipula illi:

> »"L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-Konsulent Legali Prinċipali tal-Gvern u għandu jkollu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji fejn il-liġi ma tipprovdix li dik ir-rappreżentanza għandha tkun tvesti f'xi persuna jew awtorità oħra."

»Jidher, mit-tielet aggravju kif ippostulat, illi l-appellanti qegħdin isostnu illi l-obbligu tal-Avukat tal-Istat huwa naxxenti minn qari tal-

artikolu 91A(3) tal-Kostituzzjoni u / jew l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili]. L-appellanti jonqsu milli jikkunsidraw il-*lex specialis*, jiġifieri il-Kapitolu 603, li jistabbilixxi l-uffiċċju u l-kariga tal-Avukat tal-Istat konġuntament mal-Kostituzzjoni, tant illi l-intervent leġislattiv relattiv huwa wieħed, u ċjoè, l-Att XXV tal-2019. Dan l-Att, *pari passu*, filwaqt li jemenda l-Kostituzzjoni, kontestwalment jintroduċi l-Kapitolu 603 fil-*corpus juris* tagħna. Din il-karenza grossolana tista' tispjega l-interpretazzjoni għal kollox żbaljata tal-funzjoniiet tal-Avukat tal-Istat da parti tal-appellanti. Dan għaliex id-dispożizzjoni kostituzzjonali relativa, jiġifieri l-artikolu 91A(3) tal-Kostituzzjoni, hija tabilħaqq riflessa (*mirrored*) fit-tielet sub-artikolu tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 603, li fil-*marginal note* tagħha taqra 'L-Avukat tal-Istat' proprju għaliex tartikola l-funzjonijiet tal-esponent espliċitament. L-artikolu 2 tal-Kapitolu 603 jikkomprendi diversi sub-inċiżi / paragrafi. Kull funzjoni hija distinta, u kull funzjoni għandha tiġi eżerċitata fil-parametri tan-natura inerenti tagħha.

»Hekk, per eżempju, ma jistax l-Avukat tal-Istat, jekk il-Gvern jiddeċidi ma jsegwix parir tiegħu illi ngħata għat-tenur tal-artikolu 2(2) tal-Kapitolu 603, jaqbad u jiftaħ kawża kontra l-Gvern jew jipprova jimpedixxi (jew imqar ixekkel) il-proċess leġiżlattiv fil-Parlament. Dan għaliex l-artikolu 2(2) tal-Kapitolu 603 jippermettilu li jagħti parir legali biss. Ifisser illi jekk, fil-fehma tal-Avukat tal-Istat, il-Parlament ser jgħaddi liġi li hija anti-kostituzzjonali, l-Avukat tal-Istat ma jistax iżomm dik il-liġi milli tiġi ippromulgata allavolja l-Avukat tal-Istat ġenwinament, "skont il-ġudizzju individwali tiegħu", jemmen li l-promulgazzjoni ta' dik il-liġi prospettiva tikkozza pjenament mal-interess pubbliku u ma tissalvagwardjax il-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat, f'dan il-każ l-azzjonijiet tal-organu leġiżlattiv tal-istat.

»L-iktar li jista' jagħmel l-Avukat tal-Istat huwa li jagħti parir lill-ministru li jkun talabulu, jew inkella, jekk ikun mistieden sabiex jattendi, jagħti parir lill-Kumitat Parlamentari relattiv fis-sens illi hu jidhirlu illi l-abbożż jikkozza mal-Kostituzzjoni. Imma tgħaddix il-liġi jew le, ma jiddependix mill-Avukat tal-Istat. U jekk il-liġi tgħaddi l-Avukat tal-Istat ma jistax ifittex lill-Parlament talli għadda liġi li, "skont il-ġudizzju individwali tiegħu", tilledi jew ser tilledi l-Kostituzzjoni. Anzi, jissussisti proprju l-kuntrarju.

»Dan għaliex jekk issir kawża kostituzzjonali abbażi ta' dik il-liġi li tkun għadha kemm ġiet *in vigore*, irrispettivament mill-fehmiet li jkun ta l-Avukat tal-Istat dwar dik il-liġi (permezz ta' pariri jew interventi f'kumitati parlamentari) f'dak il-mument jiskatta l-irwol tal-Avukat tal-Istat bħala r-rappreżentant ġudizzjarju tal-Istat Malti, u għalhekk ikollu jiddefendi l-validità kostituzzjonali jew konvenzjonali ta' dik il-liġi – b'hekk ikun qiegħed jiddefendi l-legalità ta' azzjoni li ttieħdet mill-istat.

»Il-funzjoni tal-Avukat tal-Istat tkun ġiet awtomatikament spustata mill-artikolu 2(2) għall-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 603, jiġifieri minn *legal advisor* għal rappreżentant ġudizzjarju. Bħala *legal advisor* jaġixxi fl-interess pubbliku, iżda bħala rappreżentant ġudizzjarju jippatroċina lill-klijent billi "*an advocate normally initiates civil action or defends such actions, withdraws actions or appeals only when tasked to do so by*

*his client*"[6]. Meta si tratta dwar l-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 603, l-Avukat tal-Istat jaġixxi bħal kwalsiasi avukat.

»Il-liġi m'għandhiex għalfejn tistipula illi l-Avukat tal-Istat jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-istat fl-artikolu 2(3) tal-Kapitolu 603 għaliex hemmhekk l-interess pubbliku jeżiġi li tittieħed azzjoni u għaliex hija l-liġi stess illi tistabbilixxi x'inhu fl-interess pubbliku u x'mhuwiex. Għalhekk *ubi ius ibi remedium*. L-interess pubbliku huwa dettat minn u naxxenti mid-disposizzjoni legali relattiva, jiġifieri minn "xi liġi" li torbot lill-Avukat tal-Istat "jaġixxi jew jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu". Meta *si tratta* dwar l-artikolu 2(3) tal-Kapitolu 603, l-interess pubbliku jrid illi xi ħadd (f'dan il-każ l-Avukat tal-Istat) tabilħaqq jaġixxi. L-artiklu 2(3) tal-Kapitolu 603 ma jittrattax dwar parir li jista' jmur naħa jew oħra, imma *si tratta* dwar direzzjoni / struzzjoni ċara lill-Avukat tal-Istat sabiex jaġixxi bil-metodu stipulat fil-liġi. Hawn tissussisti preżunzjoni illi dak li trid il-liġi, jiġifieri illi l-Avukat tal-Istat tassew jaġixxi, huwa fl-interess pubbliku, wara kollox. Issa, jekk fil-mori tal-kawża l-Avukat tal-Istat ser jagħti parir lill-Gvern, dan jagħtih fl-interess pubbliku, iżda jekk il-Gvern jieħu rotta oħra, għaliex il-Gvern, taħt ir-responsabbiltà politika tiegħu, mhux marbut isegwi dak il-parir, l-Avukat tal-Istat irid, bħala l-avukat li qiegħed jassisti lill-Gvern, jieħu d-direzzjoni imfassla mill-klijent tiegħu bħal kull avukat ieħor. L-Avukat tal-Istat, però, kuntrarjament għal kull avukat professjonista, huwa f'relazzjoni professjonali perpetwa mal-Gvern, hekk kif trid il-Kostituzzjoni u l-Kapitolu 603. M'għandux il-fakultà li jabbanduna l-patroċinju perpetwu tal-klijent tiegħu, anke meta l-klijent jaf ma jsegwix parir tiegħu.

»F'dan l-istadju, irid jiġi rilevat illi l-paragrafu 9 tal-opinjoni legali tal-Imħallef *Emeritus* Anthony Borg Barthet jolqot il-musmar f'rasu *stante* illi jaqra kif ġej:

> »"Sub-article (3) of article 91A of the Constitution, as indeed the whole of article 91A, does not speak of civil action. It states that the State Advocate shall be 'the advisor of the Government in matters of law and legal opinion'. It then goes on to state that 'he shall act in the public interest and shall safeguard the legality of State action.. By this sentence which follows the first one immediately, the State Advocate is not being assigned a function other than that of advisor to the Government; rather, this second sentence qualifies the manner in which the State Advocate acts in performing his function as advisor to the Government."

»Imiss issa illi dawn il-funzjonijiet jiġu spjegati, anke b'eżempji, sabiex ir-rwol tal-Avukat tal-Istat jiġi mifhum inekwivokabilment, mhux imġebbed u estiż b'ħafna sofiżmi legali illi l-appellanti jirrikorru għalihom possibilment sabiex jiżvijaw lil din il-qorti.

»Jgħidu x'jgħidu l-appellanti, u jixtiequ x'jixtiequ l-appellanti, l-Avukat tal-Istat jaqdi tliet (3) funzjonijiet distinti u separati, waħda prinċipali u tnejn supplimentari / addizzjonali, … … … Issir distinzjoni bejn il-funzjoni prinċipali u dawk supplementari / addizzjonali kemm min-ħabba l-kliem 'għandu jwettaq ukoll dmirijiet u funzjonijiet oħra ... fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu' fl-artikolu 91A(3) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll minħabba l-*juxtaposition* (pożizzjonament) tal-funzjonijiet tal-

[6] »Ara paragrafu 11 tal-opinjoni legali tal-Imħallef *Emeritus* Anthony Borg Barthet.«

Avukat tal-Istat fl-artikolu 2 tal-Kapitlu 603, bl-ewwel funzjoni li tkun dik ta' rapprezentant ġudizzjarju tal-Gvern. Il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat huma s-segwenti, u ċjoè, dawk imniżżlin bħala (I) u (II)(i) & (II)(ii), liema funzjonijiet jinsabu spjegati brevement, u b'mod konċiż, hawn isfel:

»(I) Hawnhekk jaġixxi bħal kwalsiasi avukat li jippatroċina lill-klijent tiegħu

»Il-funzjoni prinċipali tal-Avukat tal-Istat hija li huwa l-Avukat tal-Gvern, jiġifieri jidher għall-Gvern u jagħti pariri legali lill-Gvern. L-Avukat tal-Istat huwa rappreżentant ġudizzjarju tal-Gvern kif stipulat fl-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 603. Hawnhekk jippatroċina lill-Gvern (li jkun intimat u / jew konvenut f'kawżi) b'*residual rights of representation* taħt l-artikolu 181B(2) [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili]. Fl-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet, l-Avukat tal-Istat iħares l-interessi tal-Gvern peress illi l-Gvern huwa l-klijent tiegħu. Dan però ma jżommux milli jagħti l-parir, li jidhirlu xieraq, lill-Gvern, b'indipendenza kostituzzjonali, fil-mori tal-kawżi fejn u meta ikun qiegħed jippatroċina lill-istess Gvern.

»Jekk, per eżempju, l-Avukat tal-Istat jidhirlu illi sentenza tal-prim'istanza m'għandhiex tiġi appellata mill-Gvern (li jkun konvenut f'dik il-kawża), iżda l-Gvern irid jappella minkejja l-parir tal-Avukat tal-Istat, l-Avukat tal-Istat jabbozza u jintavola l-appell f'isem l-appellant (il-Gvern).

»Kuntrarjament, jekk l-Avukat tal-Istat jidhirlu li hemm aggravji sodi biżżejjed sabiex sentenza tal-prim' istanza tiġi appellata mill-Gvern (li jkun konvenut f'dik il-kawża), iżda l-Gvern ma jridx jappella, l-appell ma jsirx. L-Avukat tal-Istat huwa sprovvist minn poteri deċiżjonali, jemmen kemm jemmen f'dak l-appell u fl-argumenti legali li jkun issottometta f'dik il-kawża partikolari. Huwa jista' jabbozza appell u jipprova jikkonvinċi lill-Gvern li l-appell jaf ikun milqugħ (u s-sentenza ribaltata) mill-Qorti tal-Appell jew mill-Qorti Kostituzzjonali. Però, finalment, jekk il-Gvern jiddeċidi illi ma jridx jappella, jgħaddi t-terminu tal-appell u s-sentenza tal-prim' istanza ssir *res judicata*.

»Fi kliem ieħor, jekk l-Avukat tal-Istat jidhirlu illi s-sentenza tal-prim'istanza tikkostitwixxi pożizzjoni ħażina tal-liġi u allura għandha tiġi appellata, jekk jidhirlu illi tali appell għandu jsir fl-interess pubbliku (minħabba ċ-ċertezza legali u l-konsistenza fil-ġurisprudenza, per eżempju), jekk jidhirlu li tali appell huwa essenzjali sabiex jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-istat, ma jistax jaqbad u jintavola appell hu (l-Avukat tal-Istat) mingħajr l-approvazzjoni tal-klijent tiegħu (il-Gvern). Bħal kull avukat ieħor, l-Avukat tal-Istat irid jiehu direzzjoni / gwida esklussivament mingħand il-Gvern, hekk kif kwalisasi avukat jiehu direzzjoni / gwida mill-klijent tiegħu. Kull kawża intavolata kontra l-Gvern quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja tagħna tikkostitwixxi eżempju ta' din il-funzjoni prinċipali.

»Issa, l-esponent ser jgħaddi sabiex jispjega l-funzjonijiet supplementari / addizjonali tal-Avukat tal-Istat.

»(II) Hawnhekk jeżerċita indipendenza kostituzzjonali f'żewġ funzjonijiet, supplimentari / addizzjonali, jiġifieri (II)(i) & (II)(ii), li huma separati u distinti minn xulxin, u ċjoè:

»(i) meta jagħti pariri legali (lill-awtoritajiet / organi tal-istat, per eżempju, *inter alia*, lill-Gvern, lill-President tar-Repubblika jew lill-i*Speaker* u / jew Skrivan tal-Parlament) l-Avukat tal-Istat huwa konsulent legali li għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat, kif stipulat fl-artikolu 2(2) tal-Kapitolu 603. Din hija l-*advisory function* tal-Avukat tal-Istat, illi hawnhekk huwa iggwidat / dirett mill-interess pubbliku, li jaf ma jkunx neċessarjament dak li jixtieq u / jew jaqbel lill-organu tal-istat li qed jitolbu l-parir. Tant huwa minnu illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Avukat tal-Istat jaġixxi b'indipendenza kostituzzjonali sħiħa, illi kien hemm istanzi fejn l-Avukat tal-Istat qabel pjenament u ħaddan punti / kweżiti mqajjma mill-membri tal-Oppożizzjoni waqt seduti ta' kumitati parlamentari li kienu qed jiddiskutu abbozzi ta' liġijiet speċifiċi. Dan qed jintqal għaliex il-kontroparti qatt ma allegat il-kuntrarju. Għalhekk jirriżulta li huwa paċifiku bejn il-kontendenti.

»Biex jingħata eżempju li jimmanifesta din l-*advisory function*, il-pariri li kienu ingħataw mill-Avukat tal-Istat sabiex, proprju f'din l-istess viċenda tal-isptarijiet, ma jkunx hemm ridimensjonament tal-konċessjoni enfitewtika, jirriflettu din il-funzjoni supplementari li tirriżulta direttament mill-atti proċesswali. … … …; u kif ukoll

»(ii) meta marbut jaġixxi taħt xi liġi (jiġifieri mhux biss taħt il-Kostituzzjoni, imma taħt kwalsiasi liġi ordinarja) l-Avukat tal-Istat "jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu", u mhuwiex soġġett għal ordni / kontroll ta persuna jew awtorità oħra. Hekk kif u meta jespleta dan l-inkarigu, l-Avukat tal-Istat ma jiehu l-istruzzjonijiet ta' ħadd, ta' ebda organu tal-istat. Hawnhekk l-aġir tal-Avukat tal-Istat, u d-diskrezzjoni li jeżerċita waħdu, ma humiex sindakabbli, kuntrarjament għall-aġir tal-Avukat Ġenerali li jista' jkun suġġett għal stħarriġ ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 469B tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta. Ifisser illi hawnhekk l-Avukat tal-Istat jiehu direzzjoni / gwida mill-liġi speċifika biss, tant illi l-artikolu 2(3) tal-Kapitolu 603 jirreferi għal 'xi liġi'. Hawnhekk l-Avukat tal-Istat huwa, *de lege*, obbligat jaġixxi, u għalhekk ikun il-plaintiff, jiġifieri jkun l-attur jew ir-rikorrent. Dan jikkuntrasta mal-funzjoni prinċipali riflessa fl-artikolu 181B(2) tal-[tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili], fejn l-Avukat tal-Istat ma jkunx parti f'kawża iżda jidher għall-konvenut / intimat (u jkun qed jippatroċina lill-Gvern).

»Din il-funzjoni storikament kienet fdata f'idejn l-Avukat Ġenerali. Eżempju ta' tali proċeduri, fejn din il-funzjoni titħaddem, hija l-kawża fl-ismijiet Il-Prim Ministru Joseph Muscat fil-kwalità tiegħu ta' membru tal-Kamra tad-Deputati; u l-Avukat Ġenerali *v.* Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena *et* (ċitazzjoni numru 53/2016/1), deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Diċembru 2021. Infatti, illum il-gurnata, li kieku kellha tiġi proposta din l-istess kawża, minflok l-Avukat Ġenerali l-attur (il-*plaintiff*) ikun l-Avukat tal-Istat, u dan wara d-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 212 tal-2023.

»Huwa proprju hawnhekk, kif għadu kemm ġie spjegat, fejn l-appellanti jridu jfittxu u jsibu "s-sens lill-poteri li għandu l-Avukat tal-Istat fil-ġudizzju individwali tiegħu u li m'għandux ikun soġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra". Jekk jagħmlu dan, dlonk jintebħu illi kull rwol jew inkarigu ieħor li jaqa' barra

(lil hinn) mill-parametri tal-funzjonijiet illi għadhom kemm ġew spjegati, jiġifieri dawk imniżżlin bħala (I), (II)(i) & (II)(ii), jeżorbita l-funzjonijiet u d-doveri tal-Avukat tal-Istat. Għalhekk jekk l-Avukat tal-Istat jeżerċita tali rwol jew jespleta tali inkarigu, kif qed jitolbuh jagħmel l-appellanti permezz tal-kawża odjerna, ikun qed jaġixxi *ultra vires*. L-azzjoni tiegħu tkun impunjabbli u annullabbli.

»L-appellanti ma japprezzawx ir-rwoli diversi li għandu l-Avukat tal-Istat. Ma jagħmlux il-*categorisation* meħtieġa. L-Avukat tal-Istat jilbes iktar minn kappell wieħed. Però l-appellanti jitfgħu kollox f'baskett wieħed, dak tal-istat dettat mill-mod kif huma jipperċepixxu l-interess pubbliku, b'mod legalment insuffiċjenti u insostenibbli. Huwa l-aġir tal-appellanti stess illi jikkomprometti t-teżi tagħhom. L-appellanti jisħqu illi l-Avukat tal-Istat "huwa wkoll l-Avukat tal-Leġislattiv u tal-Ġudizzjarju". Iżda huma jonqsu milli japprezzaw kemm u kif dan huwa ikkwalifikat u limitat mhux għaliex tingħata xi interpretazzjoni restrittiva għall-frażi adoperata mill-atturi appellanti iżda għaliex in-natura (ix-xorta) inerenti tal-funzjoni tirrikjedi hekk, kif ġie spjegat iktar 'il fuq.

»Fir-rigward tal-Leġislattiv, per eżempju, il-partit illum fl-Oppożizzjoni huwa partit politiku fil-Kamra tar-Rappreżentanti. L-appellanti wkoll, bħala Membri Parlamentari, huma parti mill-istat għaliex huma membri ta' organu tal-istat. Iżda, *ciò nonostante*, qatt ma talbu parir lill-Avukat tal-Istat dwar xi punt jew kweżit. Dan għaliex ma jistax l-Avukat tal-Istat ikun l-avukat tal-Gvern, u, fl-istess nifs, jagħti parir lill-Oppożizzjoni. L-Avukat tal-Istat ma jistax ikun l-avukat taż-żewġ partiti rappreżentati fil-Parlament meta l-interessi tagħhom jikkunfliġġu direttament, *multo magis* jekk l-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti jkun ġà talbu parir fuq l-istess kweżit – din *essendo* ħaġa li ġrat, tant illi xi minn daqqiet l-Avukat tal-Istat intalab, ġeneralment mill-Iskrivan tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jagħti parir lill-i*Speaker*. F'xi ċirkostanzi, l-i*Speaker* addirittura jirreferi għall-istess parir mogħti lilu mill-Avukat tal-Istat fir-*ruling* tiegħu.

»L-istess jgħodd u japplika għall-fergħa ġudizzjarja. L-Avukat tal-Istat jippatroċina lill-istat billi jiddefendi l-aġir tal-Qrati Maltin *sia* quddiem il-Qrati Maltin stess u kif ukoll quddiem qrati esteri bħal ma huma il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg jew il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu. Eżempji ta' dan huwa meta persuni jilmentaw b'dewmien irraġjonevoli tal-kawża tagħhom u vjolazzjoni tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq jew meta jsir rinviju preliminari. Però, jekk u meta l-qrati jħossu li għandhom bżonn gwida jew parir fuq kwalsiasi punt ta' dritt, ma jistgħux jirrikorru għand l-Avukat tal-Istat. U jekk ġudikant jagħżel li jikkonsulta mal-Avukat tal-Istat, l-Avukat tal-Istat għandu minnufih jinforma lill-ġudikant illi dak ma huwiex il-kompitu tiegħu. L-istess jiġri jekk persuna tintavola proċeduri kontra ġudikant għal danni naxxenti minn xi ħaġa illi l-ġudikant għamel jew ma għamilx, fil-qadi ta' dmirijietu. L-Avukat tal-Istat, minkejja li "huwa wkoll l-Avukat tal-Leġislattiv u tal-Ġudizzjarju" ma jistax jippatroċina lill-ġudikant konvenut. … … …

»Issa li ġew spjegati l-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, b'eżempji li jakkumpanjaw kull funzjoni, irridu ngħaddu sabiex naraw jekk dak mitlub mill-appellanti jistax, b'xi mod, jinkwadra imqar f'waħda mill-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat. Ħarsa lejn il-premessi, it-talbiet sussegwenti u l-aggravji, minn banda waħda, u l-funzjonijiet suesposti,

mill-banda l-oħra, neċessarjament twassal għall-konkluzzjoni illi dak li qed jiġi mitlub mill-appellanti:

»a) ma huwiex sabiex l-Avukat tal-Istat jaġixxi bħala rapprezentant ġudizzjarju tal-konvenut / intimat, senjatament tal-Gvern, *ai termini* tal-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 603 u / jew tal-artikolu 181B(2) tal-[tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili];

»b) ma huwiex sabiex l-Avukat tal-Istat jagħti xi parir legali lil xi organu tal-Istat *ai termini* tal-artikolu 2(2) tal-Kapitolu 603; u

»ċ) ma huwiex ikkontemplat taħt xi liġi, lanqas taħt l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili], kuntrarjament għal kif l-appellanti jargumentaw u kif ser jintwera issa.

»B. Għaliex l-artikolu 1051A tal-Kapitolu 16 ma jistax jiġi invokat mill-Avukat tal-Istat?

»L-appellanti ripetutament jisħqu fuq l-interpretazzjoni tagħhom li l-esponent għandu *mano libera* jipproċedi kontra terzi b'azzjoni bbażata fuq l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili]. Dan mhux minnu. L-artikolu 2(3) tal-Kapitolu 603 jistipula illi:

> »"Meta taħt xi liġi l-Avukat tal-Istat ikun marbut li jaġixxi jew jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu, huwa ma jkun soġġett għal ebda ordni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra."

»L-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili] ma huwiex wieħed minn dawn il-liġijiet li għalihom tapplika l-frażi 'taħt xi liġi', hawn fuq sottolinejata mill-esponent. F'din id-dispożizzjoni mhux talli ma jissemmiex l-Avukat tal-Istat u ma jsir l-ebda *cross-referencing* mal-Kapitolu 603, imma ma jissemma l-ebda obbligu ta' ente pubblika sabiex tali uffiċċju jew korp maqgħud jaġixxi kif qed jipprospettaw l-appellanti. Dan jikkuntrasta bil-qawwi ma dispożizzjonijiet legali oħra, fl-istess liġi (jiġifieri [fil-Kodiċi Ċivili]), li espliċitament jorbtu lill-Avukat tal-Istat sabiex jaġixxi, hu stess, b'azzjoni ċivili bħala parti attriċi. Hekk kif spjegat fix-xhieda tiegħu,l-Avukat tal-Istat għamel referenza espliċita għall-artikolu 661(1) [tal-Kodiċi Ċivili] li jistipula illi:

> »"In-nutar li jikser id-dispożizzjoni tal-aħħar artikolu qabel dan jiġi, b'azzjoni ċivili, fuq talba tal-Avukat tal-Istat, ikkundannat għall-interdizzjoni mill-professjoni tiegħu għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€ 232.94) u lanqas iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€ 2,329.37)."

»Għal darb'oħra fil-Kodiċi Ċivili, din id-darba fit-Tieni Skeda, l-esponent jista' jaġixxi *motu proprio* taħt diversi dispożizzjonijiet oħra, fosthom l-artikoli 8(3), 32(2)(d), u 38(1)(*ġ*).

»Dawn id-dispożizzjonijiet suċċitati mill-[Kodiċi Ċivili] mhumiex l-uniċi liġijiet li jagħtu setgħa espliċita lill-Avukat tal-Istat sabiex jaġixxi *motu proprio*. L-artikolu 436 [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili], li ġie ippromulgat permezz tal-Att XXV tal-2019, jagħti s-setgħa lill-esponent sabiex jassumi pussess ta' wirt battâl, u l-artikolu 443, ukoll ippromulgat permezz tal-Att XXV tal-2019, jgħabbi lill-istess Avukat tal-Istat bid-dmirijiet ta' notifika meta l-wirt hu ta' valur kbir. Il-kliem 'għandu jaġixxi', din id-darba b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri, jinsabu wkoll, b'referenza għall-Avukat tal-Istat, fl-artikolu 462 [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili] fejn *si tratta* dwar ħlas ta' multi u konfiska ta' ħwejjeġ maqbuda. Barra minn hekk, l-Avukat tal-Istat jista' wkoll jaġixxi *motu proprio* għat-tenur tal-artikolu 33(2) tal-Kapitolu 573 tal-liġijiet ta' Malta, din *essendo* l-istess dispożizzjoni illi intużat mill-appellant l-Onor. Dr Adrian Delia fil-proċeduri 133/18, jiġifieri fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ottubru 2023, liema sentenza ġiet eżegwita permezz tar-rexxissjoni tal-konċessjoni enfitwetika.

»Xi minn daqqiet, il-liġi tagħti jedd t'azzjoni lill-Avukat tal-Istat, iżda, din id-darba, mhux *motu proprio*. Hekk per eżempju, ir-regolament 255 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03, ippromulgat permezz tal-Avviż Legali 212 tal-2023, jistipula espressament illi:

> »"Fuq it-talba tad-Direttur, l-Avukat tal-Istat f'isem il-Gvern jista' jibda proċeduri ċivili f'qorti tal-ġustizzja biex jinġabru lura pagamenti li saru lil kuntrattur li kien *in mala fede* fir-rigward ta' modifiki li kienu ġew projbiti mid-Direttur. Azzjoni bħal din ma tkun suġġetta għal ebda perijodu ta' preskrizzjoni."

»Mhux talli l-azzjoni ipprospettata mill-appellanti naxxenti mill-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili ma taqax taħt il-mansjonijiet u ċ-ċirkostanzi meta l-Avukat tal-Istat jista' jaġixxi *motu proprio*, iżda talli saħansitra lanqas biss taqa' taħt il-mansjonijiet u ċ-ċirkostanzi fejn awtorità / enti oħra tista' titlob lill-Avukat tal-Istat jibda' proċeduri ċivili. Sintomatiku huwa l-estratt segwenti għaliex il-kawża odjerna tinsab ċirkoskritta fi ħdan dawn il-parametri saljenti, u ċjoè:

»"Avukat: Sewwa qal. Issa, jekk inti l-Avukat tal-Ġudizzjarju, tal-Leġislattiv u tal-Eżekuttiv, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, xorta tibqa' tghid li ma kellek ebda dritt jew raġuni biex tieħu azzjoni ċivili kontra l-ogħla funzjonarji fil-Gvern Malti?

»"Xhud: Diġà spjegajt illi jiena naġixxi bhala Avukat tal-Istat fit-termini tas-subinċiż (2) u tas-subinċiż (3), jigifieri mhux fil-funzjoni prinċipali tieghi, biss meta l-liġi tagħtini s-setgħa fil-każ tat-(3) jew meta niġi mitlub parir legali. Jiena ħadd ma talabni parir legali f'dan is-sens.

»… … …

»B'applikazzjoni tal-prinċipji legali *ubi lex voluit lex dixit u ubi noluit tacuit*, neċessarjament isegwi illi kemm jekk l-Avukat tal-Istat jaġixxi *motu proprio* iżda anke jekk dirett mill-Gvern (sabiex huwa jaġixxi f'ismu stess, jiġifieri f'isem l-Avukat tal-Istat), l-Avukat tal-Istat ikun qed jaġixxi *ultra vires*. Dan kollu l-Avukat tal-Istat spjegah fid-depożizzjoni tiegħu fejn iddikjara illi kieku t-teżi tal-appellanti hija korretta ma kienx ikun hemm bżonn illi l-liġi tagħna tiddikjara espressament iċ-ċirkostanzi meta l-Avukat tal-Istat jista' jaġixxi *motu proprio* u / jew meta jista' jaġixxi fuq struzzjoni ta', u f'isem, awtorità / enti oħra.

»L-esponenti digà kellu l-opportunità jispjega f'dettall liema huma dawk il-liġijiet li jawtorizzawh, anzi, jordnawlu, li jiehu azzjoni waħdu, *qua* attur, u għandu jirriżulta daqstant ċar li l-artikolu 1051A ma hux wieħed minnhom – pjuttost … l-artikolu 1051A huwa effettivament arma f'idejn iċ-ċittadin privat, *stante* li saħansitra hemm dritt ta' azzjoni kontra l-Gvern, li l-esponenti, *qua* Avukat tiegħu, u bħala l-entità b'rappreżentanza residwali tiegħu, ikollu jiddefendi. Anke tenut dan

biss hawn fuq premess, għandu jirriżulta ċar u ampju li dan l-aggravju huwa manifestament żbaljat. Dan għaliex l-azzjoni ġudizzjarja tal-appellanti hi msejjsa wkoll fuq interpretazzjoni manifestament żbaljata tal-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili], *ossia* li din hi xi forma ta' jedd ta' azzjoni mogħtija lill-esponent. L-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili ġie traspost fil-liġi Maltija permezz tal-Att XX tal-2002. Dan l-Att kien sar sabiex tiġi trasposta fil-liġi domestika is-*Civil Law Convention on Corruption* ta' Strasburgu tal-4 ta' Novembru 1999. L-iskop ta' dik il-konvenzjoni kien li tipprovdi rimedju effettiv għal persuni li jkunu sofrew danni b'riżultat ta' korruzzjoni. L-azzjoni qatt ma kienet waħda intenzjonata biex tinbeda minn entitajiet governattivi bħall-Avukat Ġenerali (meta l-liġi daħlet fis-seħħ) jew l-Avukat tal-Istat illum. Imkien, la fil-liġi, u lanqas fid-dibattiti parlamentari li bih daħal fis-seħħ l-Att XX tal-2002, ma jagħti wieħed x'jifhem li kienu qegħdin jingħataw poteri lill-Avukat Ġenerali sabiex jistitwixxi azzjoni taħt l-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili.

»Huwa evidenti illi l-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili huwa intenzjonat għal ċittadini privati meta wieħed jaqra kif dan l-artikolu jagħti lil dak iċ-ċittadin privat is-setgħa li jistitwixxi azzjoni mhux biss kontra l-persuna li allegatament tkun ikkommettiet korruzzjoni iżda wkoll, *ai termini* tal-artikolu 1051A(4) tal-Kodiċi Ċivili, kontra l-Gvern li ovvjament huwa rappreżentat mill-esponent Avukat tal-Istat. L-appellanti tant ma ħasbux fuq il-bażi fqira u frenetika tal-azzjoni tagħhom, li qatt ma kkunsidraw il-possibilità konkreta li l-esponent jista' jispiċċa f'pożizzjoni fejn jistitwixxi azzjoni taħt l-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili kif l-appellanti qegħdin jipprospettaw kontra Tizju, u, fl-istess nifs, jispiċċa konvenut flimkien ma Tizju, f'proċeduri separati istitwiti minn Sempronju. Verament *reductio ad absurdum*! Ma jagħmel ebda sens legali li tinterpreta din il-liġi b'mod illi l-istess liġi potenzjalment tqiegħed lill-Avukat tal-Istat fuq iż-żewġ naħat ta' proċess ġudizzjarju dwar l-istess vertenza.

»Ċ. Xi jfisser il-kunċett tas-supremazija tal-Kostituzzjoni fil-kuntest tal-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat? L-Avukat tal-Istat huwa l-gwardjan tal-Istat, kif jinsistu l-appellanti?

»L-appellanti jiżnaturaw il-prinċipju tas-supremazija tal-Kostituzzjoni meta jonqsu milli jirrikonoxxu illi dan japplika meta liġi ordinarja oħra tikkozza (jew tkun inkonsistenti) mal-istess Kostituzzjoni u ma jiskattax meta liġi ordinarji tkun konformi mal-istess Kostituzzjoni. Huma jargumentaw illi peress illi "l-Kostituzzjoni hija l-ogħla liġi li tagħtih din l-awtorità", huwa "m'għandux għalfejn ifittex artikoli oħra fil-liġi bħall-artikolu 461 u 462 tal-Kap. 12 …". Dan meta l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni stess, is-*supremacy clause*, tistipula illi, f'tali eventwalità, "din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett". Hija l-Qorti Kostituzzjonali li tiddetermina safejn il-liġi ordinarja tkun inkonsistenti, għat-tenur tal-artikoli 95(2)(*d*)-(*f*) tal-Kostituzzjoni stess.

»Il-Professur Tonio Borg jikteb illi:

> »"In 1988, in an address he made Cremona stated:
>
> > »"'The hierarchical superiority of the Constitution is in fact expressed in section 6 of the Constitution itself which provides that if any law is inconsistent with the Constitution, the Constitution prevails.'

»"Taħt it-titolu *Supremacy and Colonial Government*, il-lettur Dottor Austin Bencini infatti jirreferi għall-*principle of declaring acts of the legislature void on the grounds of constitutional repugnancy …*". F'din il-vena, l-ewwel qorti stess iċċitat lill-Professur Kevin Aquilina meta dan jiddikjara illi "*he is subservient only to the Constitution, to the Laws of Malta (unless these infringe the Constitution) and to his own conscience*."

»Huma skorretti l-appellanti meta jgħidu illi "l-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità hija l-obbligazzjoni primarja li huwa għandu f'għajnejn il-liġi naxxenti mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa l-iprem dover li huwa għandu fil-liġi u kull dmir u funzjoni oħra naxxenti minn kwalsiasi liġi oħra hija sussidjarja għal dan". Anzi, kuntrarjament għat-teżi tal-appellanti:

»• l-interess pubbliku jrid illi l-liġi tiġi applikata u li l-Avukat tal-Istat ma jaġixxix *ultra vires* għaliex l-ikbar theddida għall-interess pubbliku tissussisti meta istituzzjoni tarroga għaliha nnifisha poteri illi l-liġi ma tagħtihiex. Hemmhekk iċ-ċittadin jisfa *helpless* għaliex m'għandux rimedju għal tali *straripamento di potere* li jkun qed jiġi eżerċitat minn persuna waħda. Dan ikun sfaċċatament kontra l-prinċipji tas-saltna tad-dritt kif sewwa ġie spjegat mill-Professur Roberto Bin, ġurista Taljan, li jiddikjara illi *"il principio di legalità, il secondo pilastro dello stato di diritto, si inserisce perfettamente nella divisione dei poteri: l'esercizio di ogni potere pubblico è legittimo se e solo se è previsto e regolato da una preventiva norma giuridica. Viene confutata qualsiasi pretesa di esercitare un potere assoluto, sciolto da vincoli giuridici: tutto all'opposto, l'uso del potere è legittimo soltanto quando sia regolato e limitato da regole giuridiche*".

»• l-esponenti huwa l-Avukat tal-Istat, mhux il-Kap tal-Istat, kif bi *freudian slip* iddikjara l-avukat tal-appellanti *seduta stante* meta ddepona l-Avukat tal-Istat sottofirmat. L-esponenti m'għandux "l-obbligi tar-rwol tiegħu bħala l-gwardjan tal-istat", kif erronjament jissottomettu l-appellanti fit-tielet aggravju tagħhom. Kif jgħidu l-Ingliżi, *there is more than meets the eye* f'dawn l-asserzjonijiet. L-appellanti donnhom ma fehmux illi l-esponenti ma għandux ikun is-salvagwardja tal-istat jew ikun responsabbli għas-salvagwardja tal-legalità tal-istat, iżda għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat, u dan meta jagħti parir legali. Bejn waħda u l-oħra hemm baħar jaqsam, baħar li l-appellanti ma jarawx jew ma jridux jaraw.

»• hija l-Kostituzzjoni stess illi tagħti *status*, piż, qawwa u importanza lill-liġi ordinarja meta, fl-artikolu 91A(3) tagħha, tistipula illi:

»"L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-konsulent tal-Gvern fil-kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali. Huwa għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-istat. L-Avukat tal-Istat għandu jwettaq ukoll dawk id-dmirijiet u funzjonijiet oħra li jistgħu jingħatawlu minn din il-Kostituzzjoni jew minn xi liġi. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra."

»Għall-istess raġunijiet spjegati fit-tliet *bullet points*, huma skorretti l-appellanti meta jargumentaw illi l-esponenti "m'għandux għalfejn ifittex artikoli oħra fil-liġi bħall-artikolu 461 u 462 tal-Kap. 12 li jawtorizzawh li jaġixxi ..." peress illi "l-Kostituzzjoni hija l-ogħla liġi li tagħtih din l-awtorità". Li kieku l-Kostituzzjoni kienet il-*be-all and end-all of everything*, kif jgħidu l-Ingliżi, wieħed isaqsi "għaliex il-leġislatur ħass il-bżonn jippromulga l-Kapitolu 603 tal-liġijiet ta' Malta?" Tali mistoqsija turi kemm il-*forma mentis* tal-appellanti f'dan il-qasam hija karenti. Il-*mindset* tal-appellanti ġie smaskerat meta jissottomettu illi "issa, l-interess pubbliku u s-salvagwardja tal-legalità tal-istat tisboq kull inazzjoni li l-Kabinett tal-Ministri u l-Gvern jeżiġu mingħand l-Avukat tal-Istat".

»Għandha wkoll tiġi indirizzata s-sottomissjoni – aktar *soundbite* – tal-appellanti li l-esponent huwa "*the last man standing*". Din il-frażi hi sempliċiment riflessjoni ta' dak kontemplat fl-artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta, *ossia* li meta jkun hemm xi forma ta' dubju dwar liema entità għandha titħarrek f'każ li persuna trid tipproċedi kontra xi aġir tal-Istat Malti, huwa l-Avukat tal-Istat biss (preċedentement l-Avukat Ġenerali u preċedentement għal dan, il-Prim Ministru) li jimla dak il-vojt. Huwa skorrett da parti tal-appellanti li jisiltu tali espressjoni barra mill-kuntest li ntqalet, kif ser jiġi spjegat issa.

»Iċ-ċitazzjonijiet kontinwi min-naħa tal-appellanti tad-diskors tal-Onor. Ministru Dr Owen Bonnici in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom hija qarrieqa għaliex konvenjentement jiċċitaw erba' kelmiet biss minn diskors ħafna aktar estensiv. Fid-diskors mogħti fil-Kamra tad-Deputati fis-seduta numru 234 tal-10 ta' Ġunju 2019, waqt it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' liġi dwar l-Avukat tal-Istat, l-Onor. Ministru Dr Owen Bonnici kien qal:

> »"L-Avukat Ġenerali huwa *the last man standing*. Meta xejn ma jiffunzjona, huwa l-Avukat Ġenerali li jiskatta s-sistemi kollha. Fil-fatt il-liġi hija mibnija fuq hekk. Araw, per eżempju, il-liġi tal-*Ombudsman*. Il-liġi tal-*Ombudsman* tispjega li l-*Ombudsman* għandu jinħatar b'żewġ terzi maġġoranza tal-Kamra, u jekk il-partiti ma jaslux għal ftehim, min jaħtar lill-*Ombudsman*? L-Avukat Ġenerali b'mod awtomatiku.
>
> »"… … …
>
> »"Fil-funzjonijiet ċivili nirrifjuta u nweġġa' meta nisma' min jgħid li l-Avukat Ġenerali huwa l-avukat tal-Gvern biss. Huwa l-avukat tal-Gvern fil-funzjoni ċivili imma huwa ferm aktar minn hekk. *He is the last man standing* fis-sistema kostituzzjonali tagħna. Huwa l-persuna li jagħti l-ġurament lill-ogħla uffiċjali f'pajjiżna, inkluż l-imħallfin.
>
> »"… … …
>
> »"Għamilna hekk għax l-Avukat tal-Istat se jkun aktar minn sempliċi avukat tal-Gvern. L-Avukat tal-Istat se jkollu din il-funzjoni li jaqdi lill-istat kollu kemm hu, li jissalvagwarda l-legalità tal-aġir tal-istat, li jkun *the last man standing* jew *the last woman standing* meta s-sistemi kollha jiġu attakkati ġuridikament."

»L-Onor. Ministru hawn kien qed jitkellem fuq attakki ġuridiċi kontra l-istat, mhux fir-rigward ta' Avukat tal-Istat li jmur fuq l-attakk billi jistitwixxi, hu stess, kawża kontra terzi f'isem l-istat. Xejn minn dan id-

diskors ma jikkorrobora l-argument tal-appellanti li l-Avukat tal-Istat hu entità superpotenti li tista' tagħmel dak li trid, meta trid, u kif trid, taħt il-pretest li qiegħed jaġixxi fl-interessi tal-Istat Malti.

»Kif xehed l-Avukat tal-Istat sottofirmat, wara mistoqsija ta' l-ewwel qorti:

»"Qorti : 181B. *right*?

»"Xhud: Ezatt. Jiġifieri jaġixxi bħala konvenut hemmhekk. Jiġifieri hemmhekk bħala avukat tal-Gvern iħares naturalment l-interessi tal-partoċinat tiegħu. Iħares l-interessi tal-Gvern, fil-kawżi kontra l-Gvern, u jieħu naturalment bħal kwalsiasi avukat ieħor, jieħu direzzjoni mill-klijent tiegħu u l-klijent tiegħu hemmhekk huwa l-Gvern."

»D. L-ewwel qorti irrifjutat tapplika dak allegatament deċiż mill-Qorti tal-Appell?

»Dwar dan il-punt, referenza ssir għal dak diġà sottomess fir-risposta tal-esponent għat-tieni 'aggravju' fejn ġie spjegat f'ċertu dettall kif l-appellanti huma żbaljati fl-interpretazzjoni tagħhom ta' x'kien ordnat*, o meno*, mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tar-rikors numru 133/2018. L-esponent mhuwiex ser jirriproduċi dak diġà sottomess, iżda għandu jiġi biss puntwalizzat is-segwenti.

»L-ewwel nett, fit-talbiet tal-appellanti fir-rikors ġuramentat promotur, ma kien hemm ebda talba biex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni ta' xi ordni magħmula mill-Qorti tal-Appell. Isegwi għalhekk li l-appellanti huma manifestament żbaljati f'din l-asserzjoni. Fit-tieni nett, u b'mod simili, a skans ta' kull ekwivoku, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma ordnatx lill-esponent biex jistitwixxi xi proċeduri ġudizzjarji kontra terzi, inkluż kontra l-partijiet f'dik il-kawża stess. L-uniku obbligu li effettivament inħoloq kien li l-konċessjoni enfitewtika mertu ta' dawk il-proċeduri kellha tiġi rexissa, kif filfatt sar. Fit-tielet nett, il-mertu tal-kawża odjerna jittratta espressament x'inhuma l-funzjonijiet u l-poteri tal-Avukat tal-Istat, u kif dawn jistgħu jiġu eżerċitati. Għalhekk l-ewwel qorti – li korrettement fehmet il-parametri ta' din il-kawża – kienet tkun qed tippronunzja ruħha b'mod *extra petita* li kieku ddeċidiet mod ieħor. Finalment, ma kienx l-irwol tal-ewwel qorti li tintuża bħala *forum* ġdid sabiex sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tiġi ridimensjonata, jew interpretata jew eżegwita, għall-kompjaċiment tal-appellanti.

» D. X'ikunu l-konsegwenzi, fuq l-ordninament ġuridiku Malti, jekk it-teżi tal-appellanti tiġi abbraċċjata?

» L-ewwel qorti korrettement analiżżat illi:

> »"Iżda għandu piż ukoll il-parir bil-miktub li ta l-Imħallef *Emeritus* u *ex*-Avukat Ġenerali għal 26 sena Dr Anthony Borg Barthet. Dan jispjega li, jekk l-Avukat tal-Istat jingħata l-istess prerogattivi ta' ministru, bħal dik li jaġixxi *motu proprio*, inkunu qegħdin inpoġġu rasha 'l isfel lid-demokrazija. Jiġifieri, li kieku l-Avukat tal-Istat kellu jkollu l-fakultà li jaġixxi meta jrid mingħajr ma jirreferi lejn ħadd, inkunu tassew ħloqna *super* kariga, li hija anke 'l fuq minn dawk li ġew eletti u mill-Esekuttiv tal-pajjiż u dan bi ksur ċar tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri."

»Il-kawża odjerna u l-appell inniffsu jikkostitwixxu attentat ta' kapovolġiment tal-ordinament ġuridiku tagħna u, per konsegwenza,

jammontaw għal attakk fuq id-demokrazija parlamentari tagħna. Jintqal illi "*lo stato di diritto implica quindi uno stato in cui compiti sono contenuti, enumerate dalle leggi: la legge definisce le competenze degli organi dello Stato ed in questo sistema di competenze i poteri pubblici si esauriscono*"[7].

»Il-bran suċċitat mis-sentenza appellata juri kemm huwa l-Imħallef *Emeritus* u l-*ex*-Avukat Ġenerali, Dr Anthony Borg Barthet, li huwa l-espert / ġurista pożizzjonat l-aħjar sabiex jixħet dawl fuq, u jirrispondi, il-*vexata quæstio* posta permezz tal-kawża. Il-*vexata quæstio* hija l-istess bħal dik mertu tal-kostatazzjonijiet miktubin minnu, u ċjoè:

> »"whether you as the State Advocate are entitled to take judicial action *motu proprio* against third parties to recover money that they may have allegedly appropriated, or illegally acquired to the detriment of the State"

»Dan il-kweżit huwa l-pern tal-kwistjoni mertu tal-kawża odjerna. Wieħed irid jaqra sew il-kostatazzjonijiet tal-Imħallef *Emeritus* u *ex*-Avukat Ġenerali Dr Anthony Borg Barthet, li jsegwu (u mhux jippreċedu) l-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-Professur Borg, sabiex jifhem għaliex l-appellanti jistrieħu fuq frażi mill-ktieb ta' Tonio Borg u jiġru biex jiddeduċu konklużjonijiet (assurdi) naxxenti mill-istess. Dan meta l-ktieb, kontenenti 666 paġna, jiddedika biss inqas minn paġna waħda sabiex jispjega l-kontenut tal-artiklu 91A tal-Kostituzzjoni. Il-ktieb ma jagħmilx analiżi tal-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat għaliex jinjora d-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 603 (liema dispożizzjonijiet ġew promulgati bl-Att XXV tal-2019 li introduċa l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni kontestwalment). Il-ktieb jixtarr biss id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali. Dan mhux qed jintqal b'sens ta' kritika, iżda xorta waħda jrid jiġi puntwalizzat li dan għandu jkun eżerċizzju ħolistiku, u mhux ristrett għal sempliċiment dak li tgħid il-Kostituzzjoni. Irid jiġi konċess illi l-publikazzjoni tikkostitwixxi studju tal-Kostituzzjoni, kif rifless fl-isem tiegħu *A Commentary on the Constitution of Malta,* u hija b'saħħitha fejn tikkonċerna drittijiet fundamentali tal-bniedem. Il-Professur Tonio Borg ġustament jirrikonoxxi illi, apparti l-artikolu 91A, "*this office is also regulated by the State Advocate Act (Chapter 603)*". Imkien ma jgħid, jew imqar jimplika, illi hemm kunflitt jew inkonsistenza bejn il-Kostituzzjoni u l-Kapitolu 603 tal-liġijiet ta' Malta f'dan ir-rigward. *Ergo,* il-Kostituzzjoni ma hijiex superjuri jew ogħla mil-*lex specialis*, il-Kapitolu 603 tal-liġijiet ta' Malta. Proprju peress illi ma jikkunsidrax il-Kapitolu 603, il-Professur Borg ma kellux għalfejn jagħmel il-*categorisation* kif provdut f'din ir-risposta tal-appell. Addizjonalment, il-Professur Borg imkien ma jgħid illi l-Avukat tal-Istat jista' jew għandu jaġixxi *motu proprio* biex jistitwixxi kawża ċivili indipendentement minn dak li tgħid il-liġi, jew indipendentement minn min għandu r-responsabbiltà tad-dekasteru konċernat. Dak li qiegħed jgħid il-Professur Borġ jista' japplika biss meta l-Avukat tal-Istat stess huwa parti f'kawża, u mhux meta huwa r-rappreżentant residwali tal-istat. Altrimenti wieħed irid jippreżumi li kwalsiasi parti fil-kawża, bħal per eżempju Prim'Ministru, jew ministru jew kap ta' dipartiment tal-Gvern, irid bilfors isegwi l-parir tal-Avukat tal-Istat fid-difiża tiegħu f'kawża fejn

[7] »Roberto Bin, *Lo Stato di Diritto: Come Imporre Regole al Potere, Seconda Edizione Aggiornata, Il Mulino, 2017*, paġna 20

«

hu (Prim'Ministru, jew ministru jew kap ta' fipartiment tal-Gvern) huwa konvenut u / jew intimat. Ifisser ukoll illi jekk Prim'Ministru, jew ministru jew kap ta' dipartiment tal-Gvern jitlef kawża, ma jistax jappellaha jekk l-Avukat tal-Istat jidhirlu illi m'għandux jappella s-sentenza. B'din l-argumentazzjoni, ma hemmx bżonn illi jkun hemm klijent, bħal per eżempju l-Gvern, *ab initio*. Kollox għandu jsir kontra l-Avukat tal-Istat illi jiddeċidi kollox hu. Dan ir-raġunament assurd jikkozza mar-*residual right of representation* iddettat mill-artikolu 181B(2) [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili] illi jistipula espressament illi:

> »"L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

»Neċessarjament isegwi illi d-distakkament tal-Kapitoli 603, 12, 16 u 601 mill-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni Kostituzzjonali relattiva, jiġifieri mill-artikolu 91A(3), ħaġa li għamel il-Professur Borg fil-ktieb tiegħu, tħalli eżitu assurd li żgur ma xtaqx il-leġislatur. Huwa proprju għalhekk, *inter alia*, għaliex din il-qorti ma tistax tistrieħ fuq interpretazzjoni assurda illi l-appellanti jagħmlu ta' frażi waħda mill-ktieb tal-Professur Tonio Borg. Il-Kapitolu 603 tal-liġijiet ta' Malta ma jikkozzax mal-Kostituzzjoni, iżda jikkwalifika d-dispożizzjoni Kostituzzjonali relattiva. Huwa proprju għalhekk illi ma saritx *actio popularis* mill-appellanti. Jidher ċar illi l-interpretazzjoni li jagħtu l-appellanti ta' dak li jsostni l-Professur Tonio Borg hija neċessarjament skorretta u sempliċistika żżejjed.

»Min-naħa tiegħu, il-Professur Kevin Aquilina imkien ma jgħid illi l-Avukat tal-Istat jista' jew għandu jaġixxi *motu proprio* sabiex jirkupra flejjes li ittieħdu mill-istat b'mod frawdolenti, kif implikaw l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom. Anzi l-ewwel qorti korrettement innotat illi:

> »"dan ifisser li l-Avukat tal-Istat huwa sottomess biss għall-Kostituzzjoni u għall-liġijiet ta' Malta. Ghalhekk, il-Prof. Kevin Aquilina jirrikonoxxi li l-għemil tal-Avukat tal-Istat ma hux iddettat biss mill-Kostituzzjoni iżda anke mill-liġijiet tal-pajjiż. Dan ifisser li l-obbligi tiegħu huma kollettivament iddettati minn varjetà ta' sorsi kostituzzjonali u liġijiet ordinarji."

»Isegwi allura illi l-argumenti tal-Professur Kevin Aquilina ma jistgħux javallaw it-teżi tal-appellanti.

»Jimmerita li jiġi żviluppat l-argument li ressaq l-Imħallef Emeritu Dr Anthony Borg Barthet u li kien pjenament abbraċċat mill-ewwel qorti fis-sens li t-teżi tal-appellanti twassal sabiex l-Avukat tal-Istat isir entità superpotenti li jista' jagħmel dak li jrid, kif irid, u meta jrid *purché* jemmen li huwa fl-interess pubbliku.

»Għalkemm ma jgħidux dan b'mod dirett, l-appellanti effettivament hekk qegħdin jargumentaw meta jinsistu li, hekk kif l-Avukat Ġenerali tmexxi azzjonijiet kriminali, l-Avukat tal-Istat għandu jiġi ttrattat bħala t-tewmi ċivili tal-Avukat Ġenerali tant li jista' jagħmel li jrid f'kuntest ċivili.

»Dan l-argument huwa manifestament żbaljat. Biss biss, l-Avukat Ġenerali, bħal ma hu l-Avukat tal-Istat, anke jekk huwa entità maħluqa bil-Kostituzzjoni, xorta waħda jrid jopera fil-kuntest u fil-parametri ta' dak li tordna l-liġi penali ordinarja. Bħala eżempju, [il-Kodiċi Kriminali], apparti li jirregola bi preċiżjoni r-reati li abbażi tagħhom tista' titressaq

persuna, jirregola wkoll il-proċedura fil-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u jirregola wkoll s-setgħat tal-Avukat Ġenerali fil-kuntest ta' proċeduri penali kemm *pre-trial* u matul il-proċediment penali. Kwalunkwe aġir tal-Avukat Ġenerali, kemm dak li jitnissel [mill-Kodiċi Kriminali] iżda anke minn liġijiet ordinarji oħra, irid isir b'mod legali, *ossia* jkun mibni fuq pedament ġuridiku. L-Avukat Ġenerali ma jistax jagħmel xi ħaġa, sempliċiment għaliex iħoss li dik il-ħaġa hi fl-interess pubbliku, iżda irid dejjem jimxi skond il-liġi.

»Bl-istess mod, l-Avukat tal-Istat ma jistax, fuq il-premessa ambigwa, tenwa u arbitrarja ta' x'inhu fl-interess pubbliku, jagħmel dak li jrid u li jogħġbu, kif irid, meta jrid, kontra min irid u b'ebda forma ta' skrutinju jew sorveljanza. Kif sewwa osservaw l-Imħallef Emeritu Borg Barthet u l-ewwel qorti, jekk dan ikun hekk, l-Avukat tal-Istat ikun ġie reż bħala entità superpotenti li ħadd ma jista' għalih.

»Kif diġà ġie muri f'din ir-risposta, jidher li l-appellanti qegħdin jargumentaw li l-esponent għandu jarroga għalih il-poteri li huma vestiti fi ħdan il-fergħa eżekuttiva tal-Istat, ossia l-*Accountant General*, meta l-liġi kjarament ma tridx li jiġri hekk, u qatt ma riedet hekk. L-esponent sempliċiment ma jistax, għaliex jemmen li hu fl-interess pubbliku, jużurpa l-poteri ta' ħaddieħor.

»Li kieku kien hekk, ifisser li l-Avukat tal-Istat għandu s-setgħa jarroga għalih poteri oħra li huma fdati f'idejn il-fergħa eżekuttiva tal-istat (jekk mhux ukoll il-Leġislattiv u l-Ġudizzjarju). Taħt il-pretest li huwa fl-interess pubbliku (u dan skond il-fehmiet individwali tal-Avukat tal-Istat innifsu), l-Avukat tal-Istat jista' jmexxi proċeduri għall-ġbir ta' taxxi u b'hekk jaqbeż lill-Kummissarji tat-Taxxi u jġibu fix-xejn. Jista' jaqbeż id-Diretturi Ġenerali tal-Affarijiet tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni fid-dekasteri tagħhom. Taħt il-pretest ta' x'inhu fl-interess pubbliku, l-Avukat tal-Istat jista' jindaħal f'proċeduri penali mmexxija mill-Pulizija Eżekuttiva jew l-Avukat Ġenerali. Bl-istess pretest, jista' jidħol jew jużurpa l-funzjonijiet ta' awtoritajiet kostituzzjonali oħra bħall-Kummissjoni Elettorali, l-*Ombudsman*, l-Awtorità tax-Xandir, tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, u saħansitra tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, biex ma nsemmux lill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura.

»B'dan ir-raġunament insensibbli u drakonjan, l-Avukat tal-Istat jista' saħansitra jindaħal f'materji li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-President tar-Repubblika bħal, per eżempju, il-ħatriet ta' Prim'Ministru u Kap tal-Oppożizzjoni.

»Kull deċiżjoni amministrattiva, żgħira kemm hi żgħira jew kbira kemm hi kbira, tkun soġġetta għall-approvazzjoni jew impunjazzjoni tal-Avukat tal-Istat u dan dejjem għaliex hu jkun l-arbitru finali ta' x'inhu fl-interess pubbliku *o meno*, kif ukoll l-arbitru tat-tempestività *o meno* ta' dik id-deċiżjoni nnifisha. Dan għaliex deċiżjoni ta' x'inhu fl-interess pubbliku llum mhux neċessarjament tkun l-istess wara ċertu żmien, u dan dejjem kif arbitrarjament jista' jaħsibha l-Avukat tal-Istat.

»Saħansitra d-direzzjoni politika tal-pajjiż li, fl-aħħar mill-aħħar, hi fdata f'idejn il-Kabinett *in vista* tal-proċess demokratiku elettorali, ukoll ikun mittiefes mill-indħil dirett tal-Avukat tal-Istat. Dan għaliex, dejjem bil-pretest tal-interess pubbliku, l-Avukat tal-Istat jista' jindaħal f'xiex għandhom ikunu l-liġijiet li jiġu promulgati, jew x'għandha tkun id-direzzjoni politika jew diplomatika ta' Malta *vis-à-vis* pajjiżi oħra, inkluż

per eżempju jekk għandhomx jiġu ffirmati trattati bilaterali jew multilaterali u / jew jekk Malta għandiex tissieħeb, bil-firma u ratifika ta' konvenzjonijiet / trattati, f'assoċjazzjonijiet internazzjonali, inkluż dawk militari.

»Ikun verament assurd li dan l-argument tal-appellanti jiġi abbraċċat għaliex l-Avukat tal-Istat mhuwiex elett mill-poplu u huwa prinċipalment intiż biex, fil-vesti t'avukat, jassisti lill-amministrazzjoni pubblika fl-operat ordinarju kwotidjan tagħha. Dak li qed jiġi effettivament propost mill-appellanti huwa li l-Avukat tal-Istat isir, *de facto*, il-Kap tal-Istat mingħajr qafas ġuridiku li jfassal il-parametri u l-binarji tas-setgħat tiegħu.

»L-appellanti la jinvokaw l-artikolu 2(1) u lanqas l-artikolu 2(2) tal-Kapitolu 603. Dan għaliex ma humiex qed jipprospettaw azzjoni ta' terzi kontra l-Gvern, u lanqas qed jipprospettaw illi l-Avukat tal-Istat jagħti parir legali lil xi organu tal-istat. L-appellanti qed jipprospettaw xenarju fejn l-Avukat tal-Istat jaġixxi bħala parti, jiġifieri bħala attur, billi jistitwixxi proċeduri ċivili kif jitolbu fir-rikors ġuramentat promotur. Dan jista' potenzjalment jinkwadra unikament u esklussivament fil-parametri tal-artikolu 2(3) tal-Kapitolu 603. Iżda din ma hijiex waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi fejn u meta l-liġi tagħti jedd t'azzjoni lill-Avukat tal-Istat, kif spjegat fil-paragrafu 39(II)(ii) ta' din ir-risposta tal-appell.

»Għalhekk, l-appellanti huma żbaljati fl-argumenti tagħhom. Fi kwalsiasi każ, *se mai*, għat-tenur tal-artikolu 181B(1)(a) [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili], il-Gvern ma jistax iqabbad lill-Avukat tal-Istat sabiex jistitwixxi tali proċeduri ċivili, kif ikkonstata tajjeb l-Imħallef *Emeritus* Anthony Borġ Barthet. L-istess ġurista jiddikjara, korrettement u kategorikament, u irrispettivament minn dak li ntqal *obiter*, jew aħjar li ma ntqalx *obiter,* mill-Qorti tal-Appell (rikors numru 133/18), illi:

> »"To conclude there is nothing in the State Advocate Act or in article 91A of the Constitution that supports the theory that the State Advocate as an advocate for the dtate has the right, or the duty, to initiate or conduct or withdraw civil action against third parties without being tasked so to do by the person heading the organ of the dtate charged with the administration of the matter to which the potential, or actual, civil action refers. There is no other law that gives such rights or power to the State Advocate.
>
> »"Consequentially, the answer to your first question, whether the State Advocate is entitled to take judicial action *motu proprio* against third parties to recover money that may have been allegedly appropriated or illegally acquired by them to the detriment of the state, is an absolute no."

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

«Konklużjoni

»Fi ftit kliem, dan l-appell ma fih l-ebda argument li juri fejn, kif u / jew għaliex kienet żbaljata l-ewwel qorti meta sabet illi l-Avukat tal-Istat m'għandux il-poteri li l-appellanti qed jattribwixxu li għandu. Lanqas fih argumenti biex juri kif qari akkurat tal-liġi tista' twassal għall-konklużjoni li jixtiequ. Sfortuntament, li għamlu l-appellanti huwa li komplew jirrepetu, *ad nauseam*, l-interpretazzjoni żbaljata tagħhom ta'

dak li qalet (jew ma qalitx) *obiter* il-Qorti tal-Appell fis-sentenza 133/2018. Dan meta t-teżi tal-appellanti hija illi hi l-Kostituzzjoni li tagħti dritt lill-Avukat tal-Istat jaġixxi *motu proprio* u għalhekk, kieku għandhom raġun, kull referenza għas-sentenza 133/2018 hija super-fluwa.

»L-appellanti jsostnu illi *"*qisu ħadd u lanqas il-qorti ma ħasset il-ħtieġa u l-awtorità li tipproteġi l-Istat …" Malli xi enti, awtorità jew istituzzjoni tieħu deċiżjoni (li tista' tkun anke deċiżjoni biex ma tagħmilx xi ħaġa li qed tiġi mitluba) li ma ddoqqx għal widnejn l-appellanti, il-kap ta' dik l-enti, awtorità jew istituzzjoni u / jew il-ġudikant illi jippresjedi l-qorti li tkun ħadet tali deċiżjoni, isir *ipso facto* kolpevoli "fin-nuqqas ta' azzjoni tiegħu fid-difiża tal-istat …*"*. Jonqos biss illi l-appellanti jiddikjaraw illi peress illi l-ewwel qorti tat raġun lill-Avukat tal-Istat, il-qorti qed tiffaċilita u tippermetti illi l-esponent addirittura "jostor il-verità u jipprova jaħbi l-għemil doluż perpetrat mill-akkużati". Infatti, l-appell-anti, oħroġ il-għaġeb, waslu sabiex jissottomettu illi "dawn id-drittijiet ġew mogħtija lill-Avukat tal-Istat mill-istess Kostituzzjoni u wieħed ma jistax jifhem kif il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdithomlu". Bħal dak li qallu illi l-Prim'Awla tista', b'sentenza tagħha, iċċaħħad lill-Avukat tal-Istat milli jeżerċita dritt tiegħu naxxenti direttament mill-liġi. Lanqas li kieku trid ma tista' tagħmel hekk il-qorti!

»*In vista* tar-raġunijiet kollha suesposti, inkluż, izda mhux limitat ghan-nullità u / jew l-inammissibilità tat-tieni 'aggravju', u tenut kont tal-fatt illi l-aggravji ma jikkontjenux argumenti ġodda iżda jirriproduċu litanji tal-istess argumenti li ġà ġew esposti fil-protest ġudizzjarju, fir-rikors ġuramentat promotur u / jew kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellanti, dawn l-argumenti, kemm individwalment iżda *multo magis* kumulattivament, huma sempliċiment fiergħa u vessatorji.

»Għaldaqstant, hija l-umili fehma tal-esponenti illi dina l-qorti għandha tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.«

33. L-intervenuti fil-kawża wieġbu hekk:

»Għal dak li jirrigwardja l-argumenti miġjuba mill-appellanti dwar il-punt ta' dritt dibattut f'din il-kawża, wieħed jibda billi josserva, għal darb'oħra, it-tentattiv tal-appellanti li jdawwru l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex ġustament tiċħad kull waħda fost it-talbiet tagħhom. Kontra għal kif skorrettement ipoġġuha l-appellanti (fil-paragrafu 76 tar-rikors tal-appell tagħhom), l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha mkien ma qalet li l-Avukat tal-Istat "kellu għalfejn ikollu l-awtorizazzjoni tal-Kabinett tal-Ministri li jaġixxi"! Dan iżda hu dak li, f'dan l-istadju, l-appellanti qegħdin impliċitament, u daqqiet minnhom b'mod mhux daqstant impliċitu, jippruvaw żlejalment jinduċu lil din il-Qorti tal-Appell tesprimi ruħha dwaru (lil hinn mill-konsiderazzjonijiet marbuta man-natura l-azzjoni kif tirriżulta mill-kawżali u t-talbiet kif dedotti fir-rikors maħluf).

»Jiġi għalhekk iċċarat li dak li ġustament ikkonkludiet l-ewwel qorti fid-deċiżjoni meqjusa tagħha (kontra għal dak li jalludu li kkonkludiet l-appellanti), fost oħrajn fil-paragrafu 32 tas-sentenza, huwa li filwaqt li l-Avukat tal-Istat jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja l-legalità tal-Istat "dan ma jfissirx li għandu obbligu taħt il-liġi li jaġixxi *motu proprio*.

»L-appellanti ħarġu b'din il-konġettura zbaljata dwar dak li tgħid is-sentenza appellata biex jargumentaw li l-Avukat tal-Istat għandu d-'dover' li jaġixxi fil-parametri arbitrarjament imfassla minnhom mingħajr "il-parir tal-Kabinett jew tal-Gvern". Jidher hawn li, għal darb'oħra, l-appellanti qed "jilgħabuha" li mhux jifhmu jew jiftakru l-materja ta' dritt dibattuta f'din l-azzjoni tagħhom u dan dejjem bl-ħsieb intenzjonalment ħażin tagħhom li jippruvaw jisfurzaw xi dikjarazzjoni minn din il-qorti li tmur lil hinn mill-parametri tal-azzjoni kif imfassla, li l-Avukat tal-Istat hu obbligat li jaġixxi fil-parametri imfassla minnhom – issa jekk mhux bl-eżerċizzju tal-ġudizzju individwali tiegħu jew bl-awtorizzazzjoni li, skont huma, ngħatatlu minn din il-qorti bis-sentenza tat-23 t'Ottubru 2023, għandu jagħmel dan minħabba ċirkostanzi oħra jew fuq il-parir jew direzzjoni ta' ħaddieħor! Jiġi ribadit li l-kwistjoni hawn m'hijiex jekk l-Avukat tal-Istat għandux jew le jingħata parir, jekk hux mill-esponenti jew ħaddieħor (inkluż il-qorti), dwar jekk għandux imexxi fil-parametri arbitrarjament imfassla mill-appellanti b'azzjoni *sue sponte* kontra dak jew l-ieħor taħt l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili]. Il-materja ta' dritt dibattuta f'din il-kawża hi dwar jekk il-liġijiet, inkluż il-Kostituzzjoni, li jirregolaw u jipprovdu dwar l-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat jagħtuhx din is-setgħa ta' azzjoni *motu proprio*. Issa minkejja t-tentattivi tal-appellanti li, bl-argumenti infondati tagħhom, jippruvaw jikkonvinċuna mod ieħor, kif sabet sewwa l-ewwel qorti, jirriżulta *ictu oculi,* iswed fuq l-abjad, mis-sempliċi qari tal-istess liġijiet, inkluż il-Kostituzzjoni, li l-Avukat tal-Istat m'għandux din is-setgħa ta' azzjoni bil-liġi. U jekk l-Avukat tal-Istat jingħata parir jew ordni mod ieħor, dak il-parir jew ordni ikun wieħed li jdaħħal lill-Avukat tal-Istat ġo sqaq tal-illegalità.

»Jingħad imbagħad, f'dan ir-rigward, li hu tabilħaqq azzardat li l-appellanti, dejjem biex mingħalihom jippruvaw jottjenu xi dikjarazzjoni ġudizzjarja errata u barra mill-lokha (jekk mhux ukoll *ultra petita* jew *extra petita*), jippersistu li jgħidu f'dan l-appell tagħhom li l-Avukat tal-Istat qed jitħalla "mmażrat, marbut u inaġibbli" u "taħt it-takkuna tal-Kabinett tal-Ministri u tal-Gvern", jew saħansitra li jkun soġġett għal "indħil" u "ostruzzjoni" mill-esponenti jekk dan ma jwettaqx l-azzjoni barra minn lokha li, skont il-fehma intenzjonalment żbaljata tagħhom, għandu jwettaq. Dan meta, kif rajna anke tul l-andament tal-kawża quddiem l-ewwel qorti, kienu l-appellanti nfushom, u ħadd għajrhom, li spiċċaw anke jirrikorru għall-manuvri deplorabbli għall-aħħar ta' rikatti kontra l-Avukat tal-Istat biex mingħalihom jipprovaw iġegħluh jissokkombi għall-pressjoni indebita tagħhom, jimmanipulaw il-ħidma korretta tiegħu, u jaġixxi, kif iridu huma, bi ksur lampanti tal-liġi li tirregolah! Ir-risposta motivata tal-Avukat tal-Istat ghal dan l-appell ukoll iggib fix-xejn din l-asserzjoni frivola u gratuwita tal-appellanti.

»Iżda, lil hinn mill-battuti fiergħa u l-argumenti politikament motivati tal-appellanti, l-esponenti jistrieħu fuq dak li trid u tgħid il-liġi dwar il-materja ta' dritt attwalment dibattuta f'din il-kawża. Il-liġi titkellem ċar u mkien ma tikkonferixxi s-setgħa fuq l-Avukat tal-Istat biex jaġixxi fil-parametri mfassla mill-appellanti, kif lanqas din il-qorti fis-sentenza tagħha tat-23 t'Ottubru 2023 ma qatt tat xi ordni jew direzzjoni lill-Avukat tal-Istat biex hekk jaġixxi – kontra għal kif l-appellanti jippersistu li jgħidu f'dan l-appell. L-appellanti jippersistu wkoll fl-interpretazzjoni intenzjonalment kontorta li jagħtu lil siltiet maħruġa barra mill-kuntest tagħhom mid-diskors tal-Onorevoli Owen Bonnici fid-dibattiti parlamentari tas-seduta 234 tal-Kamra tad-Deputati tal-10 ta' Ġunju 2019 li wasslu għall-promulgazzjoni tal-Att Nru XXV.

»L-Att Numru XXV jitkellem waħdu, hu ċar f'dak li jgħid, u m'għandux u ma jistax jingħata l-interpretazzjoni intenzjonalment skorretta li qed jagħtuh l-appellanti. Kif fisser l-Avukat tal-Istat innifsu fix-xhieda tiegħu tat-13 ta' Marzu 2023, "jekk hawn ħaġa li ħarget ċara minn dawn id-dibattiti parlamentari [*sc.* hija] illi meta nqasam l-uffiċċju dak li kien preċedentment wieħed tal-Avukat Ġenerali, u nqasam f'Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali, l-Avukat tal-Istat ma ngħatax poteri lil hinn jew iktar minn dik l-*advisory function* li kellu qabel l-Avukat Ġenerali. Issa f'dan il-kuntest ta' dak li qal jidhirli l-Onorevoli Owen Bonnici, jidher ċar, minħabba proprju l-181B illi ... l-Avukat tal-Istat illi jekk ma tistax tiġi diretta l-azzjoni, diretta l-azzjoni kif tagħmel inti azzjoni bħala avukat, għan-nom tal-klijenti tiegħek, jekk ma tistax tiġi diretta kontra Kap ta' Dipartiment jew Kapi tad-Dipartimenti *you resort to the State Advocate*. Għalhekk il-*last man standing*. Għax dak imbagħad jiddefendi lill-Gvern. Dik hija l-kuntest ta' dak li qal l-Onorevoli Owen Bonnici, li naħseb li huwa l-uniku mezz ta' kif tifhem dawk il-kliem huwa proprju dak. *Last man standing* jiġifieri għall-Gvern biex jiġġieled il-kawża għan-nom tal-Gvern u f'isem il-Gvern u jippatroċinah hu se jkun hemm jekk din ma tistax tiġi diretta minħabba n-natura tagħha, kontra kap ta' dipartiment. Ara l-181B u għandek ir-risposta".

»L-appellanti jgħidu li, f'azzjonijitu, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-istat. Però, kif qalet tajjeb l-ewwel qorti, filwaqt li "huwa minnu, li fid-dibattiti parlamentari, l-Avukat tal-Istat ġie deskritt bħala "*the last man standing*" u li jrid jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja il-legalità tal-istat, dan ma jfissirx li għandu obbligu taħt il-liġi li jaġixxi *motu proprio* fejn ma jkunx hemm liġi li speċifikament titlob minnu hekk". Huwa hawn fejn l-atturi intenzjonalment jipprovaw jagħtu interpretazzjoni żbaljata ta' dak li jrid u jgħid l-artikolu 2 tal-Kap 603 tal-liġijiet ta' Malta!

»L-artikolu 2(2) tal-Kapitolu 603 tal-Liġijiet ta' Malta hu ċar f'dak li jgħid u jikkwalifika b'mod mill-aktar speċifiku ċ-ċirkostanza li fiha "l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat" – u dan espressament "fl-għoti ta' parir legali".

»L-artikolu 2 tal-Kap 603 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni, assolutament imkien ma jgħidu li l-interess pubbliku u / jew il-legalità tal-azzjoni tal-istat isarrfu f'xi jedd mogħti lill-Avukat tal-Istat li jistitwixxi jew jieħu azzjoni minn rajh u f'ismu proprju, kull fejn iħoss u jidhirlu, irrispettivament minn dak li trid u tgħid il-liġi. Dan il-jedd hu mogħti biss f'ċirkostanzi limitati espressament speċifikati fil-liġi, u l-artikolu 1051A m'huwiex wieħed fosthom. Allura minkejja l-insistenza tal-appellanti li, għar-raġunijiet mhux ġenwini tagħhom, jgħidu mod ieħor, li kieku qatt l-interpretazzjoni tal-artikolu 2 tal-Kap 603 tal-liġijiet ta' Malta kellha tiġi mġebbda, u anzi żnaturata, sal-punt li l-"interess pubbliku" u l-"legalità tal-azzjoni tal-istat" jiġu jfissru li l-Avukat tal-Istat għandu xi setgħa straordinarja li jiltaq għal rasu fejn jidhirlu u jibda jmexxi b'azzjonijiet minn rajh u f'ismu proprju kontra dak u l-ieħor – aktar u aktar fil-parametri imfassla mill-appellanti – fejn ikun evidenti mill-liġi li m'għandux is-setgħa jagħmel dan, hemmhekk imbagħad verament li l-Avukat tal-Istat ikun ingħata ċertifikat biex jaġixxi bi ksur lampanti tal-liġi, inkluż tal-liġi suprema ta' dan il-pajjiż li hi l-Kostituzzjoni!

»Kif qalet sewwa l-ewwel qorti "għalkemm l-Avukat tal-Istat fil-qadi ta' dmirijietu għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandu ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra, dan ma jfissirx li jista' jgħaddi minn fuq kulħadd bħal romblu taż-żrar (ara art 91A tal-Kostituzzjoni u art u artikolu 2(4) tal-Kap. 603 tal-Liġijiet ta' Malta). Di fatti l-Kostituzzjoni ta' Malta taħsiblu għal dan, sabiex ma jaqbiżx il-limiti tal-awtorità tiegħu meta f'artikolu 124(10) tal-Kostituzzjoni insibu hekk: "Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkunx suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni ma għandha tiftehem bħala li tipprekludi qorti milli teżerċita ġurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skont din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra".

»Dan tant huwa minnu, tant kemm il-legalità tal-azzjoni tal-Istat ma ssarrafx f'xi setgħa straordinarja vestita fl-Avukat tal-Istat li jintavola kawżi f'ismu (u terġa' u tgħid mhux legalment f'lokhom) kontra dak jew l-ieħor skont l-arbitriju tieghu u rrispettivament minn dak li trid u tgħid il-liġi, li s-subinċiż (3) tal-artikolu 2 tal-Kap. 603 jispeċifika bl-aktar mod ċar li l-Avukat tal-Istat hu biss "marbut li jaġixxi jew jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu" meta din il-funzjoni hi speċifikament mogħtija lilu "taħt xi liġi". B'hekk il-kummenti tal-Professur Kevin Aquilina u l-Professur Tonio Borg (citati mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom) dwar il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat jiswew biss meta mpoġġija fil-kuntest ta' dak li trid u tgħid il-liġi – u għalhekk li l-Avukat tal-Istat *"decides whether to institute civil or other non-criminal action"* limitatament fejn din is-setgħa hi espressament mħollija lilu taħt xi liġi. U huwa biss f'dik iċ-ċirkostanza li l-liġi trid li l-Avukat tal-Istat "ma jkunx soġġett għal ebda ordni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra".

»Huwa fjakk it-tentattiv tal-appellanti li b'kelmtejn jippruvaw jiskreditaw il-fehma konsidrata tal-Imħallef Emeritu Dr Anthony Borg Barthet (fil-parir li ta lill-Avukat tal-Istat, ippreżentat quddiem l-ewwel qorti), litteralment billi jgħidu sempliċiment li dan hu *"żbaljat"* (mingħajr imqar jagħtu raġuni waħda sostanzjata għala dan hu minnu)! Tassew, kif sabet l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha, "li kieku l-Avukat tal-Istat kellu jkollu l-fakultà assoluta li jintervjeni jew jaġixxi kull fejn jidhirlu li għandu jagħmel hekk, inkunu qed nersqu lejn terren perikoluż, għaliex tant poter konċentrat f'idejn Avukat tal-Istat jista' anke jimmina kemm l-eżerċizzju tad-demokrazija u kif ukoll is-saltna tal-liġi".

»Din hi tabilħaqq is-sitwazzjoni abużiva li jridu joħolqu l-appellanti b'din il-kawża (kif naraw fir-rikors tal-appell taghhom) fejn jgħidulna li l-Avukat tal-Istat huwa wkoll "l-Avukat tal-Leġislattiv kif ukoll Ġudizzjarju", meta fil-verità dak li jridu jfissru hu li l-Avukat tal-Istat għandu jkollu s-setgħa li jaġixxi 'l fuq mill-Kostituzzjoni u mill-liġi specjali li tirregolah u 'l fuq minn kull organu tal-istat.

»Imbagħad, b'kuntrast skjaċċanti għall-interpretazzjoni intenzjonal-ment kontorta u żbaljata li tingħata mill-appellanti dwar il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, insibu x-xhieda tal-Avukat tal-Istat innifsu quddiem l-ewwel qorti, li ta spjega mill-aktar korretta, dettaljata u mirquma tal-funzjonijiet tiegħu, kemm taħt l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni, u wkoll taħt il-Kapitolu 603 tal-liġijiet ta' Malta. Huwa fisser fost oħrajn dan li ġej:-

»"Xhud: Mela, l-Avukat tal-Istat *in poche parole* għandu funzjoni principali u għandu funzjonijiet supplimentari addizzjonali. Il-funzjoni prinċipali tiegħu li tirriżulta kemm minn 91A subinċiż 3 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-artikolu 2 tal-Kapitolu 603 l-i*State Advocate Act*, il-funzjoni aħħarija u principali tal-Avukat tal-Istat hija li jaġixxi bħala Avukat tal-Gvern. Hawnhekk, bħala Avukat tal-Gvern huwa rappreżentant ġudizzjarju fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji li jsiru kontra l-Gvern meta dawn ma jistgħux ikunu diretti minħabba n-natura u x-xorta tagħhom kontra xi kap tad-dipartiment.

»"Qorti: 181B, *right*?

»"Xhud: Eżatt. Jiġifieri jaġixxi bħala konvenut hemmhekk. Jiġifieri hemmhekk, bħala Avukat tal-Gvern, iħares naturalment l-interessi tal-partocinat tiegħu. Iħares l-interessi tal-Gvern, fil-kawżi kontra l-Gvern u jieħu naturalment, bħal kwalsiasi avukat ieħor, jieħu direzzjoni mill-klijent tiegħu u l-klijent tiegħu hemmhekk huwa l-Gvern. Issa hemm setgħa, hemm *vires*, hemm funzjoni għax fil-fatt il-liġi tuza l-kelma funzjoni, [l-art.] 91A subinċiż 3 juża l-kliem dmirijiet u funzjonijiet. Hemm funzjoni supplimentari li jeżerċita l-Avukat tal-Istat u l-liġi tgħidlek hija riflessa fit-tieni artikolu, subartikolu 2, taċ-*Chapter 603*, fejn fl-ghoti ta' pariri legali l-Avukat tal-Istat jaġixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwardja l-legalità, *the legality of state action*, il-legalità tal-azzjonijiet tal-istat. Hemmhekk naturalment, peress li qed jaġixxi fl-interess pubbliku, hemmhekk ukoll irid jeżerċita, hemmhekk irid jeżerċita l-indipendenza kostituzzjonali tiegħu proprju għax jaġixxi fl-interess pubbliku. Fl-ghoti tal-pariri legali li tghid il-liġi. Jiġifieri hawnhekk qed nitkellmu dwar però f'funzjoni principali Avukat tal-Gvern bħala jidher għall-konvenut, jidher għall-Gvern, jew għall-intimat, imbagħad hemm il-funzjoni supplimentari fejn huwa konsulent legali. Għalfejn qed nghid li huwa konsulent legali? Għax qed jagħti pariri legali. Qed iforni servizzi legali billi jagħti pariri legali.

»"Jista' wkoll, kif fil-fatt jiġri, jagħti pariri legali lill-organi l-oħra tal-istat. Jiġifieri jista' jagħti pariri legali lill-President tar-Repubblika jekk jiġi mitlub. Jista' jaghti pariri legali lill-i*Speaker*. Fil-fatt l- i*Speaker* ġieli jiċċita pariri legali tal-Avukat tal-Istat fir-*rulings* tiegħu. Jagħti pariri legali lill-Parlament meta fil-fatt jiġi mitlub jattendi seduta ta' kumitat parlamentari, sabiex tiġi diskussa, jiġi diskuss l-abbozz relattiv. Jiġifieri hemmhekk qed jaġixxi bl-independenza kostituzzjonali u qed jagħti pariri legali. Mela dik hija l-ewwel funzjoni supplimentari … Hemmhekk huwa direzzjonat; id-direzzjoni tiegħu huwa l-interess pubbliku u s-salvagwardja tal-legalità tal-azzjonijiet tal-istat."

»Huwa biss f'din iċ-ċirkostanza limitata maħsuba fil-liġi, *ossia* fl-għoti ta' pariri legali (imfissra ġustament mill-Avukat tal-Istat bħala "funzjoni sekondarja") li l-Avukat tal-Istat jista' jingħad li jwettaq funzjonijiet lil hinn mill-funzjoni prinċipali tiegħu bħala r-rappreżentant legali tal-

Gvern f'azzjonijiet istitwiti kontra tiegħu (il-Gvern) – dan kuntrarjament għall-interpretazzjoni intenzjonalment qarrieqa tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni, tal-artikolu 2 tal-Kap. 603, u tas-siltiet mid-diskors tal-Onorevoli Owen Bonnici (maħruga barra mill-kuntest proprju tagħhom), li l-appellanti jippersistu li jagħtu f'dan l-appell tagħhom. U hawn l-appellanti anke jmeru lilhom infushom f'dak li jgħidu; daqqiet minnhom bl-asserzjonijiet infondati tagħhom illi l-Avukat tal-Istat għandu idejh marbuta bid-"dover li għandu bil-Kostituzzjoni" biex jaġixxi fil-parametri arbitarjament imfassla minnhom; daqqiet oħra bl-asserzjonijiet infondati tagħhom li "dak deklamat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-23 t'Ottuburu, 2023" jobbliga u jidderieġi lill-Avukat tal-Istat jaġixxi fil-parametri arbitrarjament imfassla minnhom; u daqqiet oħra bl-asserzjonijiet daqstant ieħor infondati tagħhom li l-Avukat tal-Istat għandu f'kull ċirkostanza "jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun soġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra" u allura, skont din l-aħħar verżjoni tagħhom, lanqas direzzjoni mill-qorti.

»Kif kompla jfisser l-Avukat tal-Istat fix-xhieda tiegħu:

> »"Imbagħad hemm funzjoni oħra suplimentari, Sur Imħallef, li tiskatta meta jkun marbut jaġixxi taħt xi liġi. U qed nikkwota testwalment għax il-liġi hekk proprju tghid. Marbut jaġixxi taħt xi liġi, inkluż il-Kostituzzjoni, taħt il-Kostituzzjoni jew taħt xi liġi.
>
> »"Għalfejn qed ngħid li dawn huma supplimentari, Sur Imħallef? Għax [l-art.] 91A subinċiż 3 stess tuża l-kelma għandu 'ukoll', il-kelma 'ukoll' jiġifieri *over and above the principle* [*recte*, *principal*] *function*, għandu wkoll id-dmirijiet u l-funzjonijiet li effettivament lil hinn jiġifieri li jeżorbitaw il-funzjoni prinċipali. Issa [l-art.] 91A subinċiż 3 tal-Kostituzzjoni huwa rifless, maqsum tista' tgħid, fi tliet dispożizzjonijiet importanti li huma *lex specialis* u huma l-*governing law* illi jistipulaw b'mod espliċitu, jirregolaw il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u jikkwalifikaw il-kif u l-*come* jrid jeżerċitahom.
>
> »"Mela ċ-*Chapter 603* il-*lex specialis*, l-i*State Advocate Act* tistipula b'mod ċar, l-ewwel funzjoni, it-tieni funzjoni u t-tielet funzjoni fi tliet subartikoli. Mela jekk ha nara t-tielet sub-artikolu, l-ewwel wieħed kien l-avukat tal-gvern bħala konvenut rap-preżentant ġudizzjarju. It-tieni wieħed huwa konsulent legali. Fit-tielet wieħed, hu marbut jaġixxi taħt xi liġi. Naturlament irid ikun jew inkella jeżerċita setgħa fil-ġudizzju individwali tiegħu, però meta dik is-setgħa tirriżulta mil-liġi.
>
> »"Mela allura rridu naraw iċ-ċirkostanzi, u hawnhekk ir-relevanza għall-fini ta' din il-kawża, jekk hemmx liġijiet partikolari, speċifiċi, *ad hoc*, illi jagħtu din is-setgħa sabiex jaġixxi . U hawnhekk, x'inhi d-differenza mill-ewwel cirkostanza? Hawnhekk huwa attur ... Fit-tielet cirkostanza, ma jieħu struzzjonijiet minghand hadd, ma jieħu l-ordnijiet ta' ħadd u ma huwa taħt il-kontroll ta' ħadd ħlief il-liġi speċifika li tatu dik is-setgħa.
>
> »"Mela rridu naraw, anke għall-finijiet tal-vertenza tal-każ *de quo*, liema huma dawk il-liġijiet li jagħtu dik is-setgħa, u jekk il-liġi li qed jivvantaw u li qed jargumentaw l-atturi taghtix dik is-setgħa. Issa, l-atturi qed isejsu l-kawża tagħhom apparti fuq [l-art] 91A subinċiż 3 tal-Kostituzzjoni, qed isejsu l-kawża tagħhom fuq l-art. 1051A tal-Kodici Civili.

»"L-ewwel ħaġa li trid issir, allura, hija analiżi dwar din il-1051A, jekk hix waħda minn dawk il-liġijiet illi hemm referenza, fejn hemm talba jew inkella fejn hemm anzi dritt jew obbligu tal-Avukat tal-Istat li jaġixxi. Għalfejn qed nghid hekk? Għax il-liġijiet saħansitra taħt l-istess liġi tal-1051A, il-Kodici Civili, hemm liġijiet fl-istess Kodiċi illi mhux talli jagħtu s-setgħa, talli jagħtu l-obbligu lill-Avukat tal-Istat sabiex jaġixxi.

»"L-artikolu 661 tal-Kodici Civili jobbliga lill-Avukat tal-Istat u jagħti dritt lill-Avukat tal-Istat jaġixxi sabiex jitlob l-interdizzjoni ta' nutar pubbliku f'każ ta' nuqqas ta' preżentata per eżempju fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ta' tesment sigriet.

»"Dan fiċ-*Chapter* 16 li hu Kodici Civili … L-istess jiġifieri qafas legislattiv qieghed jagħti setgħa speċifika *ad hoc*, espliċita lill-Avukat tal-Istat jaġixxi. Issa … *ubi lex volit ubi lex dixit* … Jiġifieri jiena nghid jekk il-1051A, kif qed jipretendu l-atturi, effettivament tesiġi jew tobbliga jew taghti setgħa lill-Avukat tal-Istat jaġixxi fiċ-ċirkostanza li qed jgħidu l-atturi, allura l-liġi ma kenitx tistipulaha fil-1051A, jekk stipulata fl-istess liġi? Issa mhux biss, din hija stipulata bnadi oħra . Għax għalhekk il-kostituzzjoni titkellem dwar xi liġi '*Any law …*'

»"Mela allura rridu naraw: hemm liġijiet li jagħtu lill-Avukat tal-Istat din is-setgħa? U żgur li hemm. Hemm is-*COCP*, per eżempju, u hawnhekk hawn il-kelma 'dmir', fil-liġi. Jiġifieri biex tara kemm l-Avukat tal-Istat huwa mitlub jaġixxi għax għandu dmir, il-liġi tuża l-kelma 'dmir'. Qed nitkellem dwar ċirkostanzi per eżempju fejn l-Avukat tal-Istat jassumi pussess ta' wirt battâl fil-Kodici, fis-*COCP*. L-Onorevoli Dellia jaf għax sejjes il-kawża fuq din id-dispożizzjoni, li qabel kienet tghajjat lill-Avukat Ġenerali imma llum l-Avukat tal-Istat jista' għandu s-setgħa wkoll, għandu l-*entitlement*, taħt it-33 subinċiż 2 tal-*Government Land Acts Chapter* 573, precendente-ment id-*Disposal of Government Land Act*, għandu s-setgħa jim-punja trasferiment fil-fehma tiegħu illegali jiġifieri li mhux taħt l-artikolu li ma sarx skont l-artikolu 31, trasferiment illegali ta' art tal-Gvern. Dak huwa d-dritt ukoll, dik hija s-setgħa speċifika *ad hoc* li taghtik il-liġi.

»"Hemm ċirkostanzi oħra fejn għandu jaġixxi. Hemm l-obbligu taħt l-art. 461 jew 462 tas-*COCP* fuq ħlas ta' multi u konfiska ta' ħwejjeġ maqbuda. Hemm ukoll, per eżempju – dawn daħlu per-mezz tal-Att, l-Avviż Legali 212 tal-2023, is-sena li ghaddiet – hemm setgħat ukoll fil-Kodiċi Ċivili però fit-Tieni Skeda. Hemm setgħat tal-Avukat tal-Istat li huma *ad hoc* li huma speċifiċi u setgħat li joħorġu b'mod espliċitu mil-liġi espressament fejn, per eżempju, fl-artikolu 8 subartikolu 3, dejjem tat-Tieni Skeda tal-istess liġi, il-Kodici Civili, il-liġi naturalment li qed jivvantaw l-pretensjonijiet tagħhom l-atturi a bazi tal-1051A. Fuq skwalifika għall-ħatra fi ħdan l-organizzazzjonijiet volontarji, l-istess skeda fit-32 2D fuq emendi fl-istatut ta' fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, u fl-istess skeda wkoll, 38 1G informazzjoni mitlub lill-amministratur ta' fondazzjonijiet. Mela, f'ċirkostanzi li semmejt tajt xi eżempji. Ftit minnhom saħansitra fl-istess qafas leġislattiv, il-Kodici Civili. *The State Advocate has a specific right of action*. Għandu jedd ta' azzjoni. Għandu dritt jaġixxi. Anzi minn f'xi daqqiet għandu l-obbligu jaġixxi għax il-liġi tgħidlek għandu jaġixxi, jew issemmi l-kelma dmir saħansitra.

»"Mela allura jiena nistaqsi, Sur Imħallef, u naħseb li din hija domanda illi kif jgħidu t-Taljani *la domand nasce spontanea*, jekk l-atturi qed jipprospettaw, qed jargumentaw li l-Avukat tal-Istat, minħabba l-indipendenza kostituzzjonali tiegħu, għandu s-setgħa, għandu l-poter u għandu l-*vires* jagħmel dak li qed jipprospettaw u jargumentaw u jixtiequ l-atturi, għalfejn kien hemm il-bżonn *ab initio* illi l-leġislatur jikteb b'mod specifiku ic-cirkostanzi fejn l-Avukat tal-Istat jinghata s-setgħa, *vires* fil-liġi? Għalhekk kieku verament il-poter tal-Avukat tal-Istat huwa daqshekk wiesa', *if it were so broad*, ma kienx ikun hemm il-bżonn tal-leġislatur illi joqghod jikteb, jistipula b'mod espliċitu ċ-ċirkostanzi fejn xi liġi tagħtih dik is-setgħa.

»"Issa, jiġifieri l-indipendenza kostituzzjonali, u hawnhekk irrid niddistingwi wkoll fuq meta sepjegajna l-irwol tiegħu prinċipali bħala Avukat tal-Gvern, l-irwol tiegħu bħala konsulent legali, ir-rwol tiegħu supplimentari, addizzjonali meta jkun marbut jaġixxi taħt xi liġi, fejn jista' jaġixxi *motu proprio*, gieli taħt xi liġijiet …

»Il-gwida tiegħi hija l-liġi. Jien direzzjonat mil-liġi. Jiġifieri jien il-liġi tiddirezzjonani f'dik id-direzzjoni. Jiena hemmhekk irrid, jiena meta nitkellmu fuq indipendenza kostituzzjonali, meta nitkellmu fuq ebda kontroll minn ebda awtorità u minn ebda persuna, ma jiġix jgħidli l-President tar-Republika jekk ghandix naġixxi *o meno* u kif u *come*. Ma jiġix jghidli l-i*Speaker*, ma jiġix jghidli l-Gvern, u b'kull rispett lanqas il-qorti m'għandha tghidli għax hija l-liġi illi tiddetermina fejn ghandi dik is-setgħa u fejn jien m'għandix. Issa però biex niddistingwi forsi punt importanti, biex niddistingwu bejn il-poter tal-Avukat tal-Istat li jaġixxi b'*motu proprio*, il-kelma li jużaw fir-rikors promotur, *sua sponte*, u dawk fejn jista' jaġixxi l-Avukat tal-Istat imma jista' jaġixxi biss jekk mitlub minn awtorità oħra. Ħa nagħti eżempju. Ir-regolament 255 tal-*Public Procurement Regulations*, L.S. 601.03 *Subsidiary Legistration*. Hemmhekk l-Avukat tal-Istat, fuq talba tad-Direttur tal-Kuntratti, jista' f'isem il-Gvern tgħidlek il-liġi wkoll terga' hemm, f'isem il-Gvern ħa naqra teswalment mil-liġi, jibda proċeduri civili f'Qorti tal-Ġustizzja, biex jinġabru lura pagamenti li saru lill-kuntrattur li kien *in mala fede* fir-rigward ta' modifiki li kienu ġew projbiti mid-direttur.

»"L-aħħar punt fuq dan. Biex naraw kemm hi espliċita l-liġi fissens li spjegajt. Meta jien spjegajt il-poteri tal-Avukat tal-Istat naxxenti mil-liġi, jiena hawn ġejt mitlub fil-protest ġudizzjarju fir-replika u permezz ta' din il-kawża illi naġixxi, nieħu azzjoni ċivili kontra terzi. Il-liġi stess jiġifieri qed nitkellem dwar is-661 il-Kodiċi Ċivili, mhux talli tagħti setgħa lill-Avukat tal-Istat li jaġixxi, talli titkellem u tuża dawn il-kliem testwalment" 'b'azzjoni ċivili'. Jiġifieri l-liġi qed tgħid lill-Avukat tal-Istat 'inti hemm trid tagħmel azzjoni ċivili, trid tiftaħ kawża', tgħidlek kontra min trid taghmilha, jew tagħmel rikors, trid taghmel att ġudizzjarju, tgħidlek kontra min trid taghmilha, jiġifieri tiddirezzjonani b'mod ċar u espliċitu. Issa, fil-kuntest tal-1051A, dina la ssemmi l-Avukat tal-Istat, la ssemmi kawża li għandha ssir mill-Avukat tal-Istat, la ssemmi att ġudizzjarju li għandu jiġi intavolat mill-Avukat tal-Istat u mkien fl-ebda ċirkostanza ma wieħed jista' jikkonkludi illi ġaladarba l-1051A ladarba ma ssemmix l-Avukat tal-Istat, kif wieħed jista' jiddeduċi, jippresumi jew jargumenta illi allura l-liġi qed tagħti dik is-setgħa anke fil-1051A? Meta l-liġi taghti dik is-setgħa b'mod espliċitu fiċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li semmejt."

»Fid-dawl ta' din l-ispjegazzjoni mirquma u dettaljata mogħtija mill-Avukat tal-Istat, sinċerament ftit hemm wieħed xi jżid dwar il-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta mal-azzjoni tal-lum. Ironikament id-depożizzjoni tax-xhud imressaq mill-appellanti nfushom quddiem l-ewwel Qorti tikkostitwixxi l-aqwa prova dwar kemm l-istess appellanti, f'din l-azzjoni tagħhom, litteralment immassakraw il-liġijiet li jirregolaw il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat (fosthom l-artikolu 2(2) tal-Kap. 630 u l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni) u qalbuhom ta' taħt fuq, biex imbagħad jagħtuhom, għall-iskopijiet ħżiena tagħhom, t-tifsira intenzjonalment kontorta li addebitawlhom.

»Jingħad ukoll, għall-finijiet ta' kompletezza, li hu għal kollox pwerili t-tentattiv persistenti tal-appellanti li jinqdew bir-rapport tal-Kummissjoni Venezja tas-17 ta' Diċembru 2018, biex mingħalihom jissuffragaw l-interpretazzjoni intenzjonalment żbaljata tagħhom dwar dak li jrid u jgħid l-artikolu 2 tal-Kap. 603 u l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni. Qabel kollox ir-rapport tal-Kummissjoni Venezja m'huwiex il-liġi mgħoddija mill-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna. Terġa', dan ir-rapport lanqas ma huwa wieħed li jipprovdi opinjoni legali iżda, kif fisser l-Avukat Ġenerali (Hogan) tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' Repubblika *v.* Il-Prim Ministru" (Case C-896/19), hu rapport b'opinjoni ta' natura politika.

»Biss, aktar importanti minn dan kollu, l-appellanti lanqas lejn dan ir-rapport tal-Kummissjoni Venezja m'huma qed ikunu leali, dan għaliex l-imsemmi rapporti mkien ma jgħid, kif jipprovaw jargumentaw l-atturi f'din il-kawża, li fil-qasma bejn il-funzjonijiet ċivili u penali, sa dak iż-żmien eżerċitabbli (kollettivament) mill-Avukat Ġenerali, il-figura l-ġdida li kellha tassumi l-funzjonijiet ċivili (dik li llum hi l-figura tal-Avukat tal-Istat) għandha tingħata setgħat ġodda li ma kinux, sa dak iż-żmien, eżerċitabbli ġà mill-Avukat Ġenerali. Anzi l-istess rapport jissuġġerixxi illi preċiżament l-istess funzjonijiet ċivili eżerċitabbli sa dak iż-żmien mill-Avukat Ġenerali jibqgħu jiġu eżerċitati minnu, filwaqt li jinħoloq uffiċju ġdid, dak ta' *Director of Public Prosecutions,* li jassumi l-funzjonijiet penali, sa dak iż-żmien eżerċitabbli wkoll mill-Avukat Ġenerali. Attwalment, illum fil-liġi tagħna l-Avukat Ġenerali żamm l-eżerċizzju tal-funzjonijiet penali filwaqt li l-Auvkat tal-Istat assuma il-funzjonijiet ċivili preċedentement eżerċitabbli mill-Avukat Ġenerali, mingħajr ma ngħata ebda setgħa ġdida.

»Ukoll, hu tabilħaqq azzardat li l-appellanti jikkwotaw ir-*Rule of Law Report* (li mkien ma jitkellem dwar il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat) barra mill-kuntest tiegħu biex mingħalihom jippruvaw jgħaddu l-battuta politika, gratwita għall-aħħar, li l-Gvern baqa' sajjem fl-impliment-azzjoni ta' riformi leġislattivi, amministrattivi u oħrajn fil-qasam tal-governanza xierqa u s-saltna ta' dritt. Dan aktar u aktar meta kienet l-amministrazzjoni preżenti li wettqet sensiela ta' riformi (leġislattivi, amministrattivi u oħrajn) rivoluzzjonarji u bla preċedent partikolarment (iżda mhux biss) fil-qasam tas-saltna ta' dritt u tal-governanza xierqa u biex jisaħħu l-istituzzjonijiet u l-organi ta' dan il-pajjiż.

»Riformi li ġew imfaħħra mhux biss lokalment, iżda wkoll barra minn xtutna, fost oħrajn mill-President tal-Kummissjoni Ewropeja Ursula von der Leyen li applawdiet għal aktar minn darba is-suċċess li l-esponenti irnexxielhom jiksbu fit-twettiq effettiv ta' dawn ir-riformi.

»Ukoll, wieħed ma jifhimx kif l-appellanti għal darba oħra jaslu biex jargumentaw illi s-*security of tenure* li jgħidu jgawdi minnha l-Avukat tal-Istat tagħtih awtorità biex jmexxi, *motu proprio,* kontra dak jew l-ieħor b'azzjoni mhux le-ittimament f'lokha taħt l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili].

»X'qed jimplikaw l-appellanti? Li l-Avukat tal-Istat għandu jħossu komdu li jikser il-liġi li tirregolah u li jaġixxi *ultra vires,* għaliex xorta waħda għandu xogħlu garantit bis-*security of tenure*? Jew b'analoġija, għaliex ġudikant igawdi minn *secure of tenure,* allura l-qorti għandha tħossha komda tilqa' u taċċetta t-talbiet attriċi u tordna lill-Avukat tal-Istat jikser il-liġi u jaġixxi *ultra vires,* għaliex il-ġudikant għandu is-serħan il-moħħ li xogħlu jibqa' garantit?

»Kontra għal dawn l-argumenti fallaċi tal-appellanti dwar dak li skont huma tfisser l-indipendenza tal-Avukat tal-Istat, dan tal-aħħar fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel qorti spjega bl-aktar mod dettaljat u korrett dwar xi tfisser l-indipendenza lostituzzjonali tiegħu; kif spjega wkoll kif, filwaqt li l-kariga tiegħu "hija protetta bid-due terzi", biss però "minhabba l-funzjoni prinċipali tal-Avukat tal-Istat (bħala l-Avukat li jirrappreżenta l-Gvern fl-azzjonijiet ċivili mibdija kontra tiegħu) m'hemmx l-*entrenchment* [tal-91A] [fl-art.] 56.

»Il-funzjonijiet li għandu l-Avukat tal-Istat huma biss dawk kif imfissra mill-Avukat tal-Istat fix-xhieda u r-risposta maħlufa tiegħu għall-kawża, u kif *del resto* jemerġu ċar mill-liġi, għajr għal min qed jipprova jagħti interpretazzjoni qarrieqa tal-liġi li evidentement il-leġiżlatur la ried, lanqas irid, u lanqas jista' jippermetti meta l-liġi u l-intenzjoni tal-leġiżlatur huma ċari u kristallini.

»Tassew, kif fisser tajjeb l-Imħallef Emeritu Anthony Borg Barthet fil-parir tiegħu, preżentat quddiem l-ewwel qorti mill-Avukat tal-Istat fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2023:

> »"Honourable Dr Robert Abela, on the first day of the debate, on the second reading of the Bill, stated that, '*Fl-opinjoni tiegħi l-bidla kruċjali u fundamentali li dan l-abbozz ser iressaq 'il quddiem, kif spjega tajjeb il-Ministru Bonnici, hija fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Rigward l-Avukat tal-Istat bażikament qed naqbdu funzjoni diġà eżistenti li għamilha l-Avukat Ġenerali qed naqilgħuha mill-funzjoni tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u mmexxuha lejn il-figura tal-Avukat tal-Istat*". This statement remained unchallenged!
>
> »"Had such a fundamental change of the functions of the State Advocate in particular, and of advocates in general, as envisaged by Professor Borg, were included in the Bill surely one of the thirteen members of the House of Representatives who took the floor after Dr Abela would have raised the matter and addressed the House in favour [of] or against the change."

»Għalhekk ukoll, il-paragun li jipprovaw jagħmlu l-appellanti bejn il-funzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u dawk tal-Avukat Ġenerali ma jiswiex. Hu ċar li meta l-vesti ċivili kienet eżerċitata mill-Avukat Ġenerali wkoll, lanqas hu ma kellu s-setgħa ta' azzjoni li jridu l-appellanti llum, *sua sponte*. Dan ġustament fissru wkoll l-Imħallef Emeritu Anthony Borg Barthet fil-parir legali tiegħu, fejn afferma illi *"up to the date of my relinquishing the post as Attorney General (which at the time covered the functions of the present day Attorney General and those of the present day State Advocate) it was never claimed by either me, or*

*anybody else that as chief legal advisor and advocate of the State I have either the right, or the obligation_to initiate civil action against third parties …*".

»Hija għalhekk ċara u netta d-distinzjoni bejn il-funzjoni u setgħat tal-Avukat Ġenerali, li għandu l-jedd awtonomu tal-istituzzjoni tal-azzjoni kriminali indipendentement mill-Gvern, u dik tal-Avukat tal-Istat li hu biss il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali, fejn fl-għoti tal-parir hu għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jis-salvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-istat fil-konsulenza legali tiegħu. Aktar minn hekk, il-liġi ma tistax tkun aktar ċara milli hi dwar il-fatt li l-Avukat tal-Istat m'għandu ebda jedd li jistitwixxi jew jieħu azzjoni minn rajh, għajr fil-każijiet speċifiċi limitati previsti fil-liġi.

»Dan aktar u aktar f'kuntest fejn, kif qal l-Avukat tal-Istat fix-xhieda tiegħu quddiem l-ewwel qorti, l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili] ma jvestih bl-ebda jedd ta' azzjoni, awtonomu jew xorta oħra, u dan *oltre* dak li jsemmi l-Avukat tal-Istat fir-risposta tal-appell u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Dak li l-liġi ma tridx ma tgħidux (irrispett-ivament minn dak li l-appellanti jixtiequ li tkun trid u tgħid il-liġi), u fejn il-liġi riedet li b'mod partikolari tvesti lill-Avukat tal-Istat b'jedd ta' azzjoni, kemm jekk awtonomu u wkoll jekk xorta oħra, il-liġi dan qalitu bl-aktar mod ċar u skjett.

»Hekk per eżempju nsibu, fost oħrajn, fl-artikolu 33(2) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti jedd awtonomu ta' azzjoni ġudizzjarja lill-Avukat tal-Istat biex "jimpunja trasferiment fil-fehma tiegħu illegali jiġifieri li mhux taħt l-artikolu li ma sarx skont l-artikolu 31".

»Effettivament dan hu l-istess jedd legali li kellu l-Kap tal-Oppożizzjoni appellant Dr Bernard Grech bħala membru parlamentari u l-membri tal-Oppożizzjoni l-oħra kollha fil-kwistjoni tat-tliet sptarijiet, u li għajr għall-appellant l-ieħor għażlu li ħadd minnhom ma jeżercitah.

»Mill-banda l-oħra nsibu, fost oħrajn, l-artikolu 11(1)(*e*)(i) tal-Kapitolu 551 tal-liġijiet ta' Malta li jvesti lill-Avukat tal-Istat b'jedd ta' azzjoni għan-nom tal-Gvern, konsistenti fl-intavolar ta' appell minn deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. L-artikolu 1051A la jipprospetta waħda (*ossia* jedd t'azzjoni awtonomu) u lanqas l-oħra (*ossia* jedd ta' azzjoni għan-nom tal-Gvern). Kif fisser l-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu għal dan l-appell u anke fin-nota ta' sottomissjonijiet, "(l-azzjoni) naxxenti mill-artikolu 1051A tal-Kodiċi Civili ma taqax taht il-mansjonijiet u ċ-ċirko-stanzi meta l-Avukat tal-Istat jista' jaġixxi *motu proprio*, iżda talli saħansitra lanqas biss taqa' taħt il-mansjonijiet u ċ-ċirkostanzi fejn awtorità / enti oħra tista' titlob lill-Avukat tal-Istat jibda' proċeduri civili". Dan hu proprju l-parir korrett u l-fehma legali siewja, awtonoma u indipendenti (kif prospettat fl-artikolu 2(2) tal-Kap. 603 tal-Liġijiet ta' Malta), espressa mill-Avukat tal-Istat dwar dak li jrid u jgħid l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili]. U kif fisser ukoll l-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu għal dan l-appell, mhux biss il-kawża kontemplata fl-imsemmi artikolu tal-ligi m'hijiex l-azzjoni ġudizzjarja leġittimament f'lokha li għandha tittieħed rigward din il-viċenda, talli tali azzjoni taħt l-artikolu 1051A potenzjalment tfixkel u tippreġudika l-azzjonijiet f'lokhom li attwalment ittieħdu.

»Għalhekk tajjeb li wieħed jifhem u japprezza l-perikolu serju li ġġib magħha din il-kawża (li fl-istess waqt hi altament fiergħa u infondata). U l-ewwel qorti ma setghetx poġġietha aħjar meta fissret li s-sitwazz-

joni perikoluża li jridu joħolqu l-appellanti b'din l-azzjoni tagħhom hija waħda fejn, tinħoloq *"super* kariga*"* fil-figura tal-Avukat tal-Istat li jkun ogħla mill-liġi li tirregolah u minn kull organu tal-Istat "bi ksur ċar tal-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri".

»D. Dwar it-talba tal-Appellanti

»Finalment, b'żieda mal-premess, tajjeb tingħata spjega, konċiża u dritt għall-punt, dwar il-konsegwenzi detrimentali li jirriżultaw mill-akkoljiment tat-talba tal-appellanti biex din il-qorti tirrevoka "*in toto* s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civli tas-11 ta' Lulju 2024 fil-kawża fl-ismijiet permessi, filwaqt li (tilqa') t-talbiet tal-appellanti".

»Ibda biex, l-akkoljiment tal-ewwel talba fil-kuntest tal-azzjoni kif promossa jkun ifisser (kif imfisser dettaljatament f'din ir-risposta) illi b'dikjarazzjoni ta' qorti, l-eżeċizzju tal-ġudizzju individwali tal-Avukat tal-Istat, li huwa eżerċitabbli biss fiċ-ċirkostanzi limitati espressament speċifikati "taħt xi liġi" (u l-artikolu 1051A mhux wieħed fosthom) jispiċċa mġebbed, anzi żnaturat**,** sal-punt li jkun ġie dikjarat illi l-Avukat tal-Istat hu organu *sopra*-statali li hu ogħla mill-liġi li tirregolah, inkluż il-Kostituzzjoni! B'hekk inkunu ersaqna "lejn terren perikoluż, għaliex tant poter konċentrat f'idejn Avukat tal-Istat jista' anke jimmina kemm l-eżerċizzju tad-demokrazija u kif ukoll is-saltna tal-liġi".

»Imbagħad l-akkoljiment tat-tielet talba (li hi kontradittorja għat-talbiet l-oħra), ikun ifisser li din il-qorti tkun spiccat taġixxi bħala qorti *del terzo grado,* b'mod li tkun ikkunsidrat mill-ġdid il-mertu tas-sentenza deċiża minnha fit-23 t'Ottubru 2023 u rriformulata b'mod li ġġibha tgħid dak li l-appellanti skorrettement qed jiddikaraw li qalet, jew imqar tesprimi kelma ta' rilevanza li ma temerġix minn dik is-sentenza, meta hu evidenti li din il-qorti f'dik is-sentenza tagħha ma qalet xejn minn dan u, bir-raġun, ma kienet qatt ser tgħidu. B'hekk jiġi illi din il-qorti tkun spiċċat tagħti ġudizzju mill-ġdid jew varjazzjoni jew addizzjoni dwar / ma' dak deċiż minnha fit-23 t'Ottubru 2023, b'mod li issa tgħid li, f'dik is-sentenza tagħha, awtoriżżat lill-Avukat tal-Istat (mela din id-darba mhux bl-eżerċizzju tal-ġudizzju individwali tiegħu) biex jaġixxi fil-parametri imfassla mill-appellanti, bi ksur lampanti tal-liġi li tirregolah, inkluż il-Kostituzzjoni; jew b'mod iehor izzid jew tvarja jew tik-kummenta lil hinn minn dak li johrog mis-sentenza msemmija tat-23 ta' Ottubru.

»Jiġi ribadit illi hu aktar milli ovvju, anke minn qari ħafif tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell, illi l-qorti f'dik is-sentenza tagħha mkien ma tat xi awtoriżżazzjoni jew direzzjoni lill-Avukat tal-Istat, jew saħansitra obbligatu, sabiex imexxi b'xi azzjoni kontra xi ħadd. U hawn ukoll l-appellanti jiżbaljaw għaliex *se mai* mhux awtoriżżazzjoni jew direzzjoni jeħtieg l-Avukat tal-Istat imma li tingħatalu setgħa u jedd legali ta' azzjoni li m'għandux, terren li jirrientra fil-mansjoni esklussiva tal-leġiżlatur.

»Tant hu kontro-sens dak li jsostnu l-appellanti f'din it-talba tagħhom, illi kieku verament is-sentenza ta' din l-Qorti tal-Appell tgħid dak li l-appellanti jasserixxu li tgħid, mela allura huma messhom għaddew għall-infurzar u twettiq tagħha bil-mezzi disponibbli għalihom skont il-liġi, u mhux fetħu din il-kawża.

»Kif ġie mfisser tajjeb fid-deċiżjoni appellata:

»"il-qorti … pprovat tifhem is-sustanza tat-tielet talba, għaliex bejn qisha esekuzzjoni ta' dentenza jew stedina lil din il-qorti biex tagħti interpretazzjoni ta' dak li riedet tgħid dik il-qorti. Jekk hija l-ewwel każ allura din mhux il-proċedura li kellha ssir. L-artikolu 253 [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili] huwa ċar x'għandu jsir. Jekk hija kwistjoni ta' inferenza allura ta' natura interprettativa, il-qorti tgħid li ma għandu jkun hemm ebda interpretazzjoni għaliex dak li torbot hija l-parti disposittiva tas-sentenza komunament magħrufa bħala d-*decide*. L-artikolu 219 [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili] jagħmilha ċara li 'Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv'. Il-qorti tfakkar li l-ġudikat ma joħroġx mill-motivazzjoni iżda mid-dispożittiv. Dak li hu anteċedenti jew konsegwenza neċessarju tad-dispożittiv, u li hu ta' bilfors deduċibbli minnu, jista' jitqies involut fih u parti minnu, jekk ikun ovvjament u neċessarjament deduċibbli (Vol XLII-I-287). Issa minn eżami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u anke minn dik tal-prim'istanza, fid-dispożittiv ma hemm xejn minn dan kollu. Il-qorti ma tistax tagħti direttivi post sentenzjali jekk mhux meta jkun hemm *omissa decisio* skont artikolu 235 [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili] jew xi żball ta' komputazzjoni fis-sentenza jew xi frażijiet li jkun jeħtieġ jiġu kjarifikati skont artikolu 285 tal-istess Kap. ta' liġijiet."

»Dan iwassalna għall-effetti, daqstant ieħor devastanti, li ġġib magħha l-akkoljiment tat-tieni talba. Hawn la hu l-eżerċizzju tal-ġudizzju individwali (mġebbed u żnaturat) tal-Avukat tal-Istat, u lanqas il-kontenut (imdawwar ta' taħt fuq) tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell tat-23 t'Ottburu 2023 li qed jinqdew bih l-appellanti biex jipprovaw iġiegħlu lill-Avukat tal-Istat jaġixxi fil-parametri arbitrarjament imfassla minnhom. Hawn, f'din it-tieni talba, l-istedina qed issir direttament lil din il-qorti, f'dan l-appell, biex tkun hi li tagħti ordni u direzzjoni lill-Avukat tal-Istat biex jaġixxi bi ksur tal-liġi li tirregolah, fosthom il-Kostituzzjoni!

»Fid-dawl ta' dan kollu, u għar-raġunijiet l-oħra li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appell ma jimmeritax akkoljiment billi saħansitra jirrażenta appell fieragħ, u għandu għalhekk jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti, filwaqt li s-sentenza tal-prim'istanza fl-ismijiet premessi għandha tiġi konfermata fl-intier tagħha.«

34. Din il-qorti tibda billi tfakker x'inhuma t-talbiet tal-atturi. L-atturi talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara … illi l-Avukat tal-Istat *ai termini* tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għandu s-setgħa u dmir illi jaġixxi independentement minn kull direzzjoni governattiva u għandu jaġixxi fl-interess pubbliku għas-salvagwardja tal-legalità tal-azzjoni tal-istat fil-ġudizzju individwali tiegħu u għalhekk ma għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra u dan għaliex għandu jaġixxi *motu proprio*;

»2. tiddikjara … illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 fil-kawża rikors maħluf numru 133/18 … l-istess

Avukat tal-Istat jista' jaġixxi kontra l-ogħla esponenti involuti fil-Gvern Malti preżenti u / jew passati li aġixxew b'għemil doluż, frawdolenti u kolluživ ma' terzi, kontra l-interess tal-Istat Malti, kif misjub *ai termini* tal-istess sentenza final;

»3. tiddikjara … illi din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 … hija biżżejjed awtorizzazjoni sabiex l-istess Avukat tal-Istat jieħu l-passi necessarji u opportuni skont il-liġi sabiex l-Istat Malti jirkupra d-dannu soffert minnu minħabba l-aġir doluz, frawdolenti u kolluživ tal-istess esponenti tal-Gvern Malti preżenti u / jew passati u dan fil-kwalità tagħhom personali u solidali bejniethom, u dan kif jistipula l-artikolu 1051A [tal-Kodiċi Ċivili], peress li din it-tali sentenza ġiet mogħtija minn organu tal-istat hekk adebit mill-liġi.«

35. Kif jingħad fuq[8], il-kwistjonijiet li jitnisslu minn dawn it-talbiet tal-atturi huma tnejn: i. jekk fiċ-ċirkostanzi mfissra mill-atturi l-Avukat tal-Istat għandux is-setgħa li jmexxi *motu proprio* bil-qorti kontra terzi; u ii. jekk għandu din is-setgħa, huwiex ukoll marbut li jmexxi bil-qorti u jistax jiġi mġiegħel imexxi hekk.

36. Naraw qabel xejn għandux is-setgħa li jmexxi *motu proprio*. L-atturi jgħidu illi għandu dik is-setgħa ġenerika, mogħtija lilu mill-art. 91A tal-Kostituzzjoni u mil-liġi li ħolqot il-kariga – l-Att dwar l-Avukat tal-Istat ["Kap. 603"] – li jmexxi kull meta l-istat iġarrab ħsara b'konsegwenza ta' atti ta' korruzzjoni kif imfissra fl-art. 1051A tal-Kodiċi Ċivili.

37. Id-disposizzjonijiet relevanti tal-art. 91 tal-Kostituzzjoni jgħidu hekk:

»**91A.** (1) Għandu jkun hemm Avukat tal-Istat li l-kariga tiegħu tkun kariga pubblika u li jkun maħtur mill-President li għandu jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru.

»… … …

»(3) L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali. Huwa għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat. L-Avukat tal-Istat għandu jwettaq ukoll dawk id-dmirijiet u funzjonijiet oħra li jistgħu jingħatawlu minn din il-Kostituzzjoni jew minn xi liġi. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fil-

8 Para. 19, *supra*

ġudizzju individwali tiegħu u ma għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta ebda persuna jew awtorità oħra.«

38. L-art. 2 tal-Kap. 603 ukoll igħid illi:

> »**2.** (1) L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-Konsulent Legali Prinċipali tal-Gvern u għandu jkollu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji fejn il-liġi ma tipprovdix li dik ir-rappreżentanza għandha tkun tvesti f'xi persuna jew awtorità oħra.
>
> »(2) Fl-għoti ta' parir legali l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat.
>
> »(3) Meta taħt xi liġi l-Avukat tal-Istat ikun marbut li jaġixxi jew jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu, huwa ma jkun soġġett għal ebda ordni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra.
>
> »(4) Meta l-uffiċjali tal-Avukat tal-Istat ikunu qegħdin jaġixxu taħt l-ordnijiet tal-Avukat tal-Istat f'xi ħaġa li fiha l-Avukat tal-Istat ikollu jaġixxi skont il-ġudizzju individwali tiegħu, huma għandu jkollhom l-istess protezzjoni bil-liġi bħallikieku dak li jagħmlu jew iħallu milli jsir kien att magħmul jew ommess milli jiġi magħmul mill-Avukat tal-Istat.«

39. L-Avukat tal-Istat min-naħa l-oħra jgħid illi dawn id-disposizzjonijiet kemm tal-Kostituzzjoni u kemm tal-Kap. 603 ma jagħtux setgħa ġenerika li jieħu inizjattiva li jiftaħ kawżi kontra terzi, kif jippretendu l-atturi, iżda jkollu dik is-setgħa biss "taħt xi liġi": fi kliem ieħor, f'każijiet speċifiċi biss fejn il-liġi espressament tagħtih is-setgħa.

40. L-Avukat tal-Istat u l-intervenuti fil-kawża jsemmu diversi disposizzjonijiet tal-liġi li lill-Avukat tal-Istat jagħtuh dik is-setgħa, fosthom l-Att dwar Artijiet tal-Gvern ["Kap. 573"] li fl-art. 33 igħid hekk:

> »**33.** (1) Kull trasferiment ta' art li għaliha japplika l-artikolu 31[9] li jsir xort'oħra milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu jkun null u bla effett.
>
> »(2) In-nullità ta' trasferiment magħmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab mill-partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, mill-Avukat tal-Istat jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.
>
> »(3) L-effetti u l-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 541 u 543 tal-Kodiċi Ċivili għandhom jgħoddu fuq min jikseb art bi ksur tal-artikolu 31.«

---

9 »Metodi ta' trasferimenti«

41. L-artt. 541 u 543 tal-Kodiċi Ċivili jgħidu hekk:

> »**541.** Il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat irodd il-frottijiet kollha li jkun ħa, jew li bil-għaqal ta' missier tajjeb ta' familja seta' jieħu minn dak in-nhar li jkun okkupa l-ħaġa bla jedd
>
> »**543.** (1) Lejn il-pussessur ta' mala fidi s-sid għandu, għal dawk li huma spejjeż meħtieġa, u għall-ispejjeż utili magħmulin għal miljoramenti li ma jistgħux jiġu mneħħija, l-istess obbligi li sid għandu lejn il-pussessur ta' bona fidi, basta li l-pussess tal-ħaġa ma jkunx ġie meħud b'serq jew b'reat ieħor li ma jaqax taħt il-klassi tal-kontravvenzjonijiet.
>
> »(2) Għal dawk li huma l-ispejjeż utili magħmulin għal miljoramenti li jistgħu jitneħħew, is-sid jista' jagħżel jew li jżomm dawk il-miljoramenti jew li jġiegħel lill-pussessur ineħħihom.
>
> »(3) Jekk is-sid jitlob it-tneħħija ta' dawk il-miljoramenti, il-pussessur għandu jneħħihom bi spejjeż tiegħu mingħajr ebda jedd għall-ħlas tal-ħsara, u għandu jħallas il-ħsarat li s-sid ikun bata.
>
> »(4) Jekk is-sid ikun irid li jżomm il-miljoramenti, hu għandu, kif jagħżel, jew iħallas lill-pussessur il-kost tagħhom inkella jagħtih somma daqs b'kemm ikun kiber il-valur tal-ħaġa.«

42. Mela l-art. 33(3) tal-Kap. 573 igħid illi r-rexissjoni taħt dak l-artikolu ġġib magħha l-effetti tal-artt. 541 u 543 tal-Kodiċi Ċivili biex isseħħ *restitutio in integrum* li hija l-konsegwenza tar-rexissjoni. Konsegwenza ta' dan huwa illi min għandu s-setgħa li jmexxi bl-azzjoni taħt l-art. 33(3) għandu wkoll is-setgħa li jagħmel ukoll dawk it-talbiet konsegwenzjali, jew fl-istess kawża jew f'kawża għaliha, għax huma parti mir-rimedju.

43. Mela l-Avukat tal-Istat, billi huwa fost dawk li, bħall-atturi stess sakemm huma membri tal-Kamra tad-Deputati, għandhom is-setgħa li jmexxu taħt l-art. 33 tal-Kap. 573, għandu wkoll is-setgħa li jmexxi għar-*restitutio in integrum* biex jintradd dak li jkun dovut taħt l-artt. 541 u 543 tal-Kodiċi Ċivili bħala konsegwenza tar-rexissjoni.

44. Safejn għalhekk l-atturi qegħdin jitolbu illi l-Avukat tal-Istat għandu s-setgħa – mogħtija lilu b'liġi *ad hoc*, u mhux bis-sentenza ta' din il-qorti tat-

23 ta' Ottubru 2023 (rik. 133/2018) – li jmexxi kontra dawk li għandhom obbligazzjoni ta' restituzzjoni taħt l-artt. 571 u 573 tal-Kodiċi Ċivili, it-talba għandha tintlaqa'.

45. Iżda li l-Avukat tal-Istat għandu s-setgħa ma jfissirx ukoll illi għandu d-dmir li jmexxi. Kemm l-art 91A tal-Kostituzzjoni u kemm l-art. 2 tal-Kap. 603 iridu illi l-Avukat tal-Istat "ma għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta ebda persuna jew awtorità oħra". Id-deċiżjoni jmexxix jew le tittieħed mill-Avukat tal-Istat waħdu fil-għaqal tiegħu u ebda awtorità ma tindaħallu f'dik id-deċiżjoni.

46. Fit-tweġiba tiegħu għall-appell l-Avukat tal-Istat fil-fatt ressaq raġunijiet li juru illi fil-fehma tiegħu ma jkunx għaqli li jittieħed dak il-pass, jew għallinqas illi jittieħed issa: raġunijiet li jkun għaqli li jqishom ukoll kull min, bħalu, għandu s-setgħa taħt l-art. 33 tal-Kap. 573 li jmexxi għar-*restitutio in integrum* wara r-rexissjoni tal-kuntratti tal-isptarijiet.

47. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tħassarha fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet safejn dawn riedu dikjarazzjoni "illi l-Avukat tal-Istat *ai termini* tal-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għandu s-setgħa … illi jaġixxi inde-pendentement minn kull direzzjoni governattiva" kontra dawk li għandhom obbligazzoni ta' restituzzjoni taħt l-art. 33 tal-Kap. 573 fil-kuntest tar-rexissjoni tal-kuntratt tal-isptarijiet imsemmija fis-sentenza ta' din il-qorti tat-23 ta' Ottubru 2023, u tiddikjara,

minflok, illi l-Avukat tal-Istat għandu dik is-setgħa mogħtija lilu bl-art. 33 tal-Kap. 573;

ii. tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet safejn dawn riedu dikjarazzjoni illi l-Avukat tal-Istat għandu "dmir illi jaġixxi", billi l-Avukat tal-Istat ma għandu jkun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta ebda persuna jew awtorità oħra; u

iii. tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tielet talba safejn din riedet dikjarazzjoni illi "s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Ottubru 2023 … hija biżżejjed awtorizzazjoni sabiex l-istess Avukat tal-Istat jieħu l-passi necessarji u opportuni skont il-liġi sabiex l-Istat Malti jirkupra d-dannu soffert minnu" peress illi l-Avukat tal-Istat ma jeħtieġx dik l-awtorizzazzjoni, u s-sentenza msemmija ma tat ebda awtorizzazzjoni bħal dik.

48. L-intervenuti fil-kawża jħallsu l-ispejjeż tagħhom, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell. L-ispejjeż l-oħrajn tal-ewwel grad u tal-appell jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur